Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 389/2013**

tat-2 ta' Mejju 2013

li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nri 280/2004/KE u 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nri 920/2010 u 1193/2011

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1844 tat-13 ta' Lulju 2015	L 268	1	15.10.2015
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/208 tat-12 ta' Frar 2018	L 39	3	13.2.2018

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 389/2013

tat-2 ta' Mejju 2013

li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nri 280/2004/KE u 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nri 920/2010 u 1193/2011

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI KOMUNI

KAPITOLU 1

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti ġenerali kif ukoll operattivi u ta' manutenzjoni fir-rigward tar-Reġistru tal-Unjoni għall-perjodu ta' negozjar li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 u l-perjodi suċċessivi, dwar ir-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet ipprovdut fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, u fir-rigward tar-reġistri pprovduti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.

Dan ir-Regolament jipprovdi wkoll għal sistema ta' komunikazzjoni bejn ir-Reġistru tal-Unjoni u l-ITL.

Artikolu 2

Ambitu

Dan ir-Regolament japplika għall-kwoti maħluqin għall-perjodu ta' negozjar tal-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 u għall-perjodi sussegwenti, l-unitajiet ta' allokazzjoni ta' emissjonijiet, u l-unitajiet ta' Kjoto.

Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-kwoti tal-avjazzjoni li għandhom jinbiegħu bl-irkant, li nħolqu għall-perjodu ta' negozjar ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Jekk ma jkunx indikat mod ieħor, it-termini użati fit-Titolu II ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom l-istess tifsira skont dik tad-Direttiva 2003/87/KE. Barra minn dan, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 u fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE. Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw ukoll:

(1) "detentur ta' kont" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha kont fis-sistema tar-reġistri;

(2) "amministratur ċentrali" tfisser il-persuna maħtura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE;

▼B

(3) “awtorità kompetenti” tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet maħtura minn Stat Membru skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/87/KE;

(4) "pjattaforma tan-negozjar estern" tfisser kwalunkwe tip ta' skambju multilaterali li jgħaqqad flimkien jew jiffaċilita l-għaqda ta' interessi multipli ta' xiri u bejgħ minn partijiet terzi, kif inhu ddefinit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fejn l-interessi mixtrija u mibjugħa huma fi kwoti jew f'unitajiet ta' Kjoto;

(5) “verifikatur” tfisser verifikatur kif iddefinit fl-Artikolu 3(3) tar ([2])-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2012;

(6) “unitajiet ta’ ammonti assenjati” (“AAUs”) tfisser unitajiet maħruġin skont l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE;

(7) “kwoti tal-avjazzjoni” tfisser kwoti maħluqin skont l-Artikolu 3c(2) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(8) “kwoti ġenerali” tfisser il-kwoti l-oħra kollha maħluqin skont id-Direttiva 2003/87/KE;

(9) “tnaqqis iċċertifikat ta' emissjonijiet fit-tul” ("lCERs") tfisser unitajiet maħruġin għall-attività ta’ proġett ta’ afforestazzjoni jew riafforestazzjoni skont il-Mekkaniżmu ta’ Żvilupp Nadif ("CDM") li, bla ħsara għad-Deċiżjoni 5/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet tal-Protokoll ta’ Kjoto, jiskadu fi tmiem il-perjodu tal-ikkreditar ta’ tnaqqis ta’ emissjonijiet tal-attività ta’ proġett ta’ afforestazzjoni jew riafforestazzjoni skont is-CDM li għalih ikunu nħarġu;

(10) "unitajiet ta’ tneħħija" ("RMUs") tfisser unitajiet maħruġin skont id-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Anness tad-Deċiżjoni 13/CMP.1;

(11) “tnaqqis iċċertifikat tal-emissjonijiet temporanju” (“tCERs”) tfisser unitajiet maħruġin għal attività ta’ proġett ta’ afforestazzjoni jew riafforestazzjoni skont is-CDM li, bla ħsara għad-Deċiżjoni 5/CMP.1, jiskadu fi tmiem il-perjodu ta’ impenn tal-Protokoll ta’ Kjoto wara dak li matulu jkunu nħarġu;

(12) “unitajiet ta’ Kjoto” tfisser AAUs, unitajiet ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet ("ERUs"), tnaqqis iċċertifikat tal-emissjonijiet ("CERs"), RMUs, lCERs u tCERs;

(13) "proċess" tfisser mezzi tekniċi awtomatizzati biex iwettqu azzjoni li tirrelata ma' kont, jew unità jew parti mill-intitolament ta’ kreditu f'reġistru;

(14) "tranżazzjoni" tfisser proċess fir-reġistru tal-Unjoni li jinkludi t-trasferiment ta’ kwota, unità ta' Kjoto, unità ta' allokazzjoni ta' emissjonijiet annwali, jew parti mill-intitolament ta' kreditu, minn kont għal kont ieħor;

(15) “restituzzjoni” tfisser il-kontabbiltà ta’ kwota minn operatur jew minn operatur ta’ inġenji tal-ajru mal-emissjonijiet ivverifikati tal-installazzjoni jew mill-inġenji tal-ajru tagħhom;

([1]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 181, 12.7.2012, p. 1.

▼B

(16) "kanċellazzjoni" tfisser it-tneħħija definittiva ta' unità ta' Kjoto mid-detentur tagħha mingħajr ma ssir kontabbiltà tagħha għall-emissjonijiet verifikati;

(17) "ħassir" tfisser it-tneħħija definittiva ta' kwota mid-detentur tagħha mingħajr ma ssir kontabbiltà tagħha għall-emissjonijiet verifikati;

(18) "irtirar" tfisser il-kontabbiltà ta' unità ta' Kjoto minn parti għall-Protokoll ta' Kjoto fir-rigward tal-emissjonijiet rappurati ta' dik il-Parti;

(19) "ħasil ta' flus" tfisser l-istess kif iddefinita fl-Artikoli 1(2) tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(20) "reat serju" tfisser l-istess kif iddefinita fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2005/60/KE;

(21) "finanzjament tat-terroriżmu" tfisser il-finanzjament tat-terroriżmu kif iddefinit fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2005/60/KE;

(22) "amministratur nazzjonali" tfisser l-entità responsabbli li timmaniġġja, f'isem Stat Membru, sett ta' kontijiet tal-utenti fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru fir-Reġistru tal-Unjoni, maħtur skont l-Artikolu 8;

(23) "diretturi" tfisser il-persuni li effettivament imexxu l-operat ta' kuljum ta' persuna ġuridika;

(24) "Ħin tal-Ewropa Ċentrali" tfisser il-Ħin tas-Sajf tal-Ewropa Ċentrali waqt il-perjodu tas-sajf kif iddefinit fl-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Direttiva 2000/84/KE;

(25) "pjattaforma amministrattiva nazzjonali" tfisser sistema esterna operata minn amministratur nazzjonali jew minn awtorità kompetenti, li hija mqabbda b'mod sigur mar-Reġistru tal-Unjoni għall-finijiet ta' funzjonijiet awtomatizzati marbutin mal-amministrazzjoni tal-kontijiet u tal-obbligi ta' konformità fir-Reġistru tal-Unjoni;

(26) "krediti internazzjonali" tfisser CERs, ERUs u krediti minn proġetti jew attivitajiet oħra ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jintużaw skont l-Artikolu 11a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(27) "unità tal-allokazzjoni ta' emissjonijiet annwali" ("AEA") tfisser subdiviżjoni tal-allokazzjoni ta' emissjonijiet annwali ta' Stat Membru kif iddeterminata skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE daqs tunnellata ta' ekwivalenti għad-dijossidu tal-karbonju;

(28) "intitolament ta' kreditu" tfisser id-dritt ta' Stat Membru, espress bħala ċifra ugwali għal perċentwal mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu fl-2005, kif inhu speċifikat fl-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, li juża l-krediti msemmija fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 460/2009/KE sabiex jikkonformaw mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;

(29) "intitolament ta' kreditu mhux użat" tfisser l-intitolament ta' kreditu ta' Stat Membru minus is-somma tal-krediti internazzjonali, tCERs jew lCERs miżmuma fil-Kont ta' Konformità tal-ESD fil-mument tad-determinazzjoni taċ-ċifri tal-qagħda ta' konformità skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament;

([1]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

▼B

(30) "perjodu ta' konformità" tfisser il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020, li matulu l-Istati Membri għandhom jillimitaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

KAPITOLU II

Is-sistema tar-reġistri

Artikolu 4

Reġistru tal-Unjoni

1. B'dan qed jiġi stabbilit Reġistru tal-Unjoni għall-perjodu ta' negozjar tal-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet li jibda fl-1 ta' Jannar 2013 u għall-perjodi sussegwenti.

2. L-amministratur ċentrali għandu jħaddem u jżomm ir-Reġistru tal-Unjoni, inkluża l-infrastruttura teknika tagħha.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-Reġistru tal-Unjoni biex jaqdu l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE u l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Nru 460/2009/KE, u biex jiżguraw il-kontabbiltà preċiża tal-kwoti, tal-AEAs u tal-intitolamenti tal-kreditu, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jipprovdi lill-amministraturi nazzjonali u lid-detenturi ta' kontijiet bil-proċessi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal standards ta' skambju tad-dejta għal sistemi ta' reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto, elaborati skont id-Deċiżjoni 12/CMP.1, u li jkun konformi mar-rekwiżiti ta' hardware, netwerk, software u sigurtà stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Reġistri tal-Protokoll ta' Kjoto nazzjonali u tal-Unjoni

1. Bil-għan li jissodisfaw l-obbligi tagħhom bħala Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto u skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE biex tiġi żgurata l-kontabbiltà preċiża tal-unitajiet ta' Kjoto, kull Stat Membru u l-Unjoni għandhom iħaddmu reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto (minn hawn 'il quddiem "reġistru tal-PK") fil-forma ta' bażi tad-dejta elettronika standardizzata li tkun konformi mar-rekwiżiti tal-UNFCCC fir-rigward tar-reġistri, u partikolarment l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għall-istandards dwar l-iskambju tad-dejta għas-sistemi tar-reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto, li ġew elaborati skont id-Deċiżjoni 12/CMP.1, u fir-rigward tar-rekwiżiti ta' hardware, netwerk, software u sigurtà stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105 ta' dan ir-Regolament.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jaħdem ukoll bħala reġistru tal-PK għall-Unjoni bħala Parti għall-Protokoll ta' Kjoto. L-amministratur ċentrali għandu jaġixxi wkoll bħala l-amministratur tar-reġistru tal-PK tal-Unjoni, li huwa parti mir-reġistru tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 6

Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

1. B'dan qed jiġi stabbilit Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EUTL), li għandu jieħu l-forma ta' bażi tad-dejta elettronika standardizzata, skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE, għal tranżazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-EUTL għandu jservi wkoll biex jirreġistra l-informazzjoni kollha relatata ma' depożiti u trasferimenti ta' unitajiet ta' Kjoto li jkunu saru disponibbli skont l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.

2. L-Amministratur Ċentrali għandu jħaddem u jżomm l-EUTL skont id- dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

3. L-EUTL għandu jiżgura li l-EUTL ikun kapaċi jispezzjona u jirreġistra l-proċessi kollha msemmijin f'dan ir-Regolament, u għandu jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal standards ta' skambju tad-dejta għal sistemi ta' reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto, elaborati skont id-Deċiżjoni 12/CMP.1, u jkun konformi mar-rekwiżiti ta' hardware, netwerk u software stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105 ta' dan ir-Regolament.

4. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL ikun kapaċi jirreġistra l-proċessi kollha deskritti fil-Kapitolu 3 tat-Titoli I u tat-Titoli II, III u IV.

Artikolu 7

Konnessjonijiet ta' komunikazzjoni bejn reġistri, l-ITL u l-EUTL

1. L-amministratur ċentrali u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-Reġistru tal-Unjoni u r-reġistri tal-PK iżommu konnessjoni ta' komunikazzjoni mal-ITL għall-finijiet tal-komunikazzjoni tat-tranżazzjonijiet mal-unitajiet ta' Kjoto.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li L-EUTL iżomm konnessjoni ta' komunikazzjoni mal-ITL għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u spezzjoni tat-trasferimenti msemmija fil-paragrafu 1. It-trasferimenti kollha proposti li jinvolvu reġistru tal-PK għandu jiġu pproċessati u spezzjonati mill-EUTL qabel ma jiġi rreġistrat it-trasferiment.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jżomm konnessjoni diretta ta' komunikazzjoni mal-EUTL għall-finijiet tal-ispezzjoni u r-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet mal-kwoti, mal-AEAs jew ma' partijiet tal-intitolamenti ta' kreditu, u l-proċessi ta' ġestjoni tal-kontijiet stipulati fil-Kapitolu 3 tat-Titolu I. It-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu kwoti, AEAs jew partijiet mill-intitolament ta' kreditu għandhom isiru fir-Reġistru tal-Unjoni, u għandhom ikunu rreġistrati u spezzjonati mill-EUTL. L-amministratur ċentrali jista' jistabbilixxi konnessjoni ristretta ta' komunikazzjoni bejn l-EUTL u r-reġistru ta' pajjiż terz li jkun iffirma trattat dwar l-adeżjoni tiegħu għall-Unjoni,

▼B

biex tali reġistri jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-ITL permezz tal-EUTL u biex jirreġistraw dejta ta' emissjonijiet verifikati ta' operaturi fl-EUTL. Dawk ir-reġistri għandu jirnexxilhom ilestu l-proċeduri kollha ta' ttestjar u inizjalizzazzjoni rikjesti minn reġistri qabel ma tkun stabbilita din il-konnessjoni ta' komunikazzjoni.

Artikolu 8

Amministraturi nazzjonali u amministraturi tar-reġistri tal-PK

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar amministratur nazzjonali. Minkejja l-Artikolu 13(2), l-Istat Membru għandu jaċċessa u jamministra, skont l-Artikolu 11, il-kontijiet tiegħu stess u l-kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni fil-ġuriżdizzjoni tiegħu, permezz tal-amministratur nazzjonali tiegħu, kif iddefinit fl-Anness I. L-amministratur nazzjonali ta' kull Stat Membru għandu jservi wkoll bħala l-amministratur tar-reġistru tal-PK tiegħu, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess fost l-amministraturi nazzjonali, l-amministratur ċentrali u d-detenturi ta' kontijiet.

3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-amministratur nazzjonali tiegħu, inkluż numru tat-telefown ta' emerġenza li jista' jintuża fil-każ ta' inċident ta' sigurtà.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-amministraturi nazzjonali ta' kull Stat Membru u mal-amministratur ċentrali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Grupp ta' Ħidma tal-Amministraturi tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fir-rigward ta' kwistjonijiet u proċeduri relatati mat-tħaddim ta' reġistri rregolati skont dan ir-Regolament u mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Sal-31 ta' Marzu 2012, il-Grupp ta' Ħidma tal-Amministraturi għandu jiftiehem dwar it-termini ta' kooperazzjoni bejn l-amministratur ċentrali u l-amministraturi nazzjonali, li għandhom jinkludu proċeduri operattivi komuni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għal proċeduri ta' tibdil u maniġġjar ta' inċidenti fir-rigward tar-Reġistru tal-Unjoni, kif ukoll speċifikazzjonijiet tekniċi għall-funzjonament u l-affidabbiltà tar-Reġistru tal-Unjoni u tal-EUTL. It-termini ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu l-modalitajiet tal-konsultazzjoni tal-konnessjonijiet ta' komunikazzjoni esterni, l-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-proċeduri tal-aċċess għall-kontijiet tal-utenti, u l-mekkaniżmi għall-ġestjoni tal-kontijiet tal-PK tar-Reġistru tal-Unjoni ma' dawk ta' reġistri tal-PK oħra f'sistema kkonsolidata ta' reġistri Ewropej, miżmuma mill-amministratur ċentrali. Il-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima għandu jadotta regoli ta' proċedura għall-Grupp ta' Ħidma tal-Amministraturi.

5. L-amministratur ċentrali, l-awtoritajiet kompetenti u l-amministraturi nazzjonali għandhom iwettqu biss dawk il-proċessi meħtieġa biex jaqdu d-dmirijiet rispettivi tagħhom, kif inhu stipulat fid-Direttiva 2003/87/KE, id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE u d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, kif ukoll il-miżuri adottati skont dawn id-dispożizzjonijiet.

▼B

KAPITOLU 3

Kontijiet

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kontijiet kollha

Artikolu 9

Kontijiet

1. L-Istati Membri u l-amministratur ċentrali għandhom jiżguraw li kull reġistru tal-PK u r-Reġistru tal-Unjoni jkun fihom kontijiet kif inhu speċifikat fl-Anness I.

2. Kull tip ta' kont jista' jżomm it-tipi ta' unità kif stipulat fl-Anness I.

Artikolu 10

Stat ta' kont

1. Il-kontijiet għandhom ikunu f'wieħed mill-istati li ġejjin: miftuħ, blokkat, eskluż jew magħluq.

2. L-ebda proċess ma jista' jinbeda mill-kontijiet ibblokati, għajr għall-proċessi speċifikati fl-Artikoli 25, 31, 35, 67, 77, 81 u 82.

3. Ma jista' jinbeda l-ebda proċess minn kontijiet magħluqin. Kont magħluq ma jistax jerġa' jinfetaħ, u ma jagħmilx akkwist ta' unitajiet.

4. Malli installazzjoni tkun eskluża mill-iskema tal-Unjoni skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur nazzjonali għandu jistabbilixxi bħala eskluż, għat-tul kollu tal-esklużjoni, il-kont miżmum mill-operatur.

5. Hekk kif tasal notifika, mingħand l-awtorità kompetenti, li t-titjiriet ta' operatur ta' inġenji tal-ajru ma għadhomx inklużi fl-iskema tal-Unjoni skont l-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur nazzjonali għandu jaqleb l-istatus tal-kont korrispondenti miżmum mill-operatur tal-inġenji tal-ajru għal eskluż, wara li jkun ta avviż minn qabel lill-opertatur tal-inġenji tal-ajru kkonċernat, u sakemm tasal notifika mingħand l-awtorità kompetenti li t-titjiriet tal-operatur tal-inġenji tal-arju ġew inklużi mill-ġdid fl-iskema tal-Unjoni.

6. L-ebda proċess ma jista' jinbeda minn kontijiet eskluži, għajr għall-proċessi speċifikati fl-Artikoli 25 u 68, u l-proċessi speċifikati fl-Artikoli 35 u 67, korrispondenti għall-perjodu fejn il-qagħda tal-kont ma ġiex assenjat għal eskluż.

Artikolu 11

Amministrazzjoni tal-kontijiet

1. Kull kont għandu jkollu amministratur li għandu jkun responsabbli li jamministra l-kont f'isem l-Istat Membru jew f'isem l-Unjoni.

▼B

2. L-amministratur ta’ kont għandu jiġi stabbilit għal kull tip ta’ kont kif indikat fl-Anness I.

3. L-amministratur ta’ kont għandu jiftaħ, jissospendi, jillimita aċċess għal, jew jagħlaq kont, jibdel l-istatus tiegħu, japprova rappreżentanti awtorizzati, jippermetti tibdiliet għal dettalji ta’ kont li jkun jeħtiġilhom l-approvazzjoni tal-amministratur, u jibda tranżazzjonijiet kif mitlub mid-detentur tal-kont skont l-Artikolu 23(5), skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.

4. L-amministratur jista' jitlob li d-detenturi tal-kont u r-rappreżentanti tiegħu jiftiehmu li jkunu konformi ma' termini u kundizzjonijiet raġonevoli li jkunu konsistenti ma' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-kwistjonijiet stipulati fl-Anness II.

5. Kontijiet għandhom ikunu rregolati mil-liġijiet u jkunu fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru tal-amministratur tagħhom, u l-unitajiet miżmumin fihom għandhom jitqiesu li jkunu jinsabu fit-territorju ta’ dak l-Istat Membru.

Artikolu 12

Notifiki mill-amministratur ċentrali

L-amministratur ċentrali għandu jinnotifika lir-rappreżentanti ta’ kont u lill-amministratur nazzjonali meta jkun inbeda u tlesta jew intemm kull proċess relatat mal-kont, u bil-bidla fl-istat tal-kont, permezz ta’ mekkaniżmu awtomatizzat deskritt fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta’ skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105.

Taqsima 2

Ftuħ u aġġornament ta' kontijiet

Artikolu 13

Ftuħ ta’ kontijiet amministrati mill-amministratur ċentrali

1. L-amministratur ċentrali għandu jiftaħ il-kontijiet ta’ amministrazzjoni kollha tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni, il-kontijiet tal-PK tal-Unjoni, il-Kont ta’ Kwantità Total tal-AEA tal-UE, il-Kont ta' Tħassir tal-ESD, u Kont ta’ Konformità tal-ESD, għal kull Stat Membru u għal kull sena tal-perjodu ta’ konformità, fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-wasla tal-informazzjoni stipulata fl-Anness III.

2. L-amministratur nazzjonali maħtur skont l-Artikolu 8(1) għandu jaġixxa bħala r-rappreżentant awtorizzata tal-Kontijiet ta’ Konformità tal-ESD, sakemm l-Istat Membri rilevanti ma jaħtarx persuna oħra.

3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-amministratur ċentrali l-informazzjoni stipulata fit-Tabella VIII-I tal-Anness VIII għal kull rappreżentant awtorizzat u għal kull rappreżentant addizzjonali tal-Kontijiet ta’ Konformità tal-ESD.

▼B

Artikolu 14

Ftuħ ta’ kontijiet ta' pjattaforma amministrattiva nazzjonali fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Mill-1 ta’ Jannar 2014, amministratur nazzjonali jista' jissottometti talba għall-ftuħ ta' kont ta' pjattaforma amministrattiva nazzjonali fir-Reġistru tal-Unjoni. Din it-talba għandha tkun sottomessa lill-amministratur ċentrali. L-amministratur nazzjonali għandu jipprovdu l-informazzjoni rikjesta mill-amministratur ċentrali. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, mill-anqas, l-informazzjoni stipulata fl-Anness III, kif ukoll evidenza li l-pjattaforma amministrattiva nazzjonali tiżgura livell ta' sigurtà ekwivalenti jew ogħla minn dik żgurata mir-Reġistru tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, skont ir-rekwiżiti tekniċi u ta’ sigurtà deskritti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta’ skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105.

2. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-wasla ta’ sett sħiħ ta’ informazzjoni skont il-paragrafu 1, l-amministratur ċentrali għandu jiftaħ kont ta’ pjattaforma amministrattiva nazzjonali fir-Reġistru tal-Unjoni, jew għandu jinforma lill-amministratur nazzjonali biċ-ċaħda tal-ftuħ tal-kont jekk il-livell ta’ sigurtà żgurat mill-pjattaforma amministrattiva nazzjonali ma jkunx suffiċjenti mqabbel mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1.

3. L-amministratur nazzjonali maħtur skont l-Artikolu 8(1) għandu jaġixxi bħala r-rappreżentant awtorizzat tal-kont ta’ pjattaforma amministrattiva nazzjonali.

Artikolu 15

Ftuħ ta’ kont ta’ konsenja ta’ oġġetti rkantati fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Irkantatur, sistema ta’ kklerjar jew sistema tas-saldu kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1031/2010, jew pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26 jew l-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament, jistgħu jissottomettu lil amministratur nazzjonali talba għal kont ta’ konsenja ta’ oġġetti rkantati fir-Reġistru tal-Unjoni. Il-persuna li titlob il-kont għandha tagħti l-informazzjoni stipulata fl-Anness IV.

2. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-wasla ta’ sett sħiħ ta’ informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 24, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ il-kont ta’ konsenja ta’ oġġetti rkantati fir-Reġistru tal-Unjoni jew jgħarraf lill-persuna li tkun qed titlob il-kont biċ-ċaħda tal-ftuħ tal-kont, skont l-Artikolu 22.

Artikolu 16

Ftuħ ta’ kontijiet ta’ depożitu ta’ operatur fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ ta’ permess għal emissjonijiet ta’ gassijiet serra, l-awtorità kompetenti rilevanti jew l-operatur għandhom jagħtu lill-amministratur nazzjonali rilevanti l-informazzjoni stipulata fl-Anness V, u għandhom jitolbu lill-amministratur nazzjonali li jiftaħ kont ta’ depożitu ta’ operatur fir-Reġistru tal-Unjoni.

▼B

2. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-wasla ta’ sett sħiħ ta' informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u l-Artikolu 24, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ fir-Reġistru tal-Unjoni kont ta’ depożitu ta’ operatur għal kull installazzjoni, jew jgħarraf lid-detentur prospettiv ta’ kont biċ-ċaħda tal-ftuħ tal-kont, skont l-Artikolu 22.

Artikolu 17

Ftuħ ta’ kontijiet ta’ depożitu ta’ operatur ta’ inġenji tal-ajru fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-approvazzjoni tal-pjan ta’ monitoraġġ ta’ operatur ta’ inġenji tal-ajru, l-awtorità kompetenti jew l-operatur ta’ inġenji tal-ajru għandhom jagħtu lill-amministratur nazzjonali rilevanti l-informazzjoni stipulata fl-Anness VII, u għandhom jitolbu lill-amministratur nazzjonali li jiftaħ kont ta’ depożitu ta’ operatur ta’ inġenji tal-ajru fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Kull operatur ta’ inġenji tal-ajru għandu jkollu kont ta’ depożitu wieħed ta’ operatur ta’ inġenji tal-ajru.

3. L-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jwettqu attivitajiet ta' avjazzjoni b'emissjonijiet annwali totali ta' inqas minn 25 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta’ dijossidu tal-karbonju fis-sena, jew li joperaw inqas minn 243 titjira kull perjodu għal tliet perjodi konsekutivi ta’ erba' xhur, jistgħu jaħtru lil persuna fiżika jew ġuridika li jiftħu kont azzjonarju ta’ operatur ta’ inġenju tal-ajru, u li jirtira l-kwoti skont l-Artikolu 12(2a) tad-Direttiva 2003/87/KE f'isimhom. Ir-responsabbiltà għall-konformità tibqa' mal-operatur tal-inġenju tal-ajru. Meta jaħtru l-persuna fiżika jew l-entità ġuridika, l-operatur tal-inġenju tal-ajru għandu jiżgura li ma jkunx hemm kunflitt ta’ interess bejn il-persuna maħtura jew l-entità jew l-awtoritajiet kompetenti, l-amministraturi nazzjonali, il-verifikaturi jew korpi oħra soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE u l-atti adottatti għall-implimentazzjoni tagħha. F'dan il-każ, il-persuna fiżika jew l-entità ġuridika maħtura għandha tipprovdi l-informazzjoni rikjesta skont il-paragrafu 1.

4. Fi żmien 40 jum tax-xogħol mill-wasla ta’ sett sħiħ ta' informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u l-Artikolu 24, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ fir-Reġistru tal-Unjoni kont ta’ depożitu ta’ operatur għal kull operatur ta’ inġenju tal-ajru, jew jgħarraf lid-detentur prospettiv ta’ kont biċ-ċaħda tal-ftuħ tal-kont, skont l-Artikolu 22.

5. L-istat ta’ kontijiet miżmuma minn operatur ta’ inġenji tal-ajru għandu jinqaleb minn ibblokkat għal miftuħ, wara d-dħul ta’ emissjonijiet ivverifikati skont il-paragrafi 1 sa 5 tal-Artikolu 32, u ċifra ta’ konformità tal-istat ta’ 0 jew iktar, ikkalkolata skont l-Artikolu 37(1). L-istat tal-kont għandu jinqaleb ukoll għal miftuħ sa data iktar kmieni, bejn id-data ta' ftuħ il-kont u d-data ta’ meta l-emissjonijiet ivverifikati ddaħħlu fir-Reġistru tal-Unjoni għall-ewwel darba, wara li l-amministratur nazzjonali jkun irċieva talba mingħand id-detentur tal-kont sabiex il-kont tiegħu jiġi attivat għan-negozjar, dejjem jekk tali talba tinkludi, bħala minimu, xi elementi meħtieġa kif speċifikati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta’ skambju tad-dejta stipulati fl-Artikolu 105.

▼B

Artikolu 18

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' persuna u ta' negozjar fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Talba għall-ftuħ ta' kont ta' depożitu ta' persuna jew ta' kont ta' negozjar fir-Reġistru tal-Unjoni għandha tkun sottomessa lill-amministratur nazzjonali mid-detentur prospettiv ta' kont. Id-detentur prospettiv ta' kont għandu jagħti informazzjoni kif rikjesta mill-amministratur nazzjonali, li għandha tinkludi mill-anqas l-informazzjoni murija fl-Anness IV.

2. L-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali jista' jeżiġi, bħala kundizzjoni għall-ftuħ ta' kont miżmum minn persuna jew għan-negozjar, li d-detenturi prospettivi tal-kont ikollhom ir-residenza permanenti jew ir-reġistrazzjoni tagħhom fl-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali li jamministra l-kont.

3. L-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali jista' jeżiġi, bħala kundizzjoni għall-ftuħ ta' kont miżmum minn persuna jew għan-negozjar, li d-detenturi prospettivi tal- kont ikunu rreġistrati għall-VAT fl-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali tal-kont.

4. Fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi sett sħiħ ta' informazzjoni skont il-paragrafu 1 u skont l-Artikolu 24, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' depożitu ta' persuna jew ta' kont ta' negozjar fir-Reġistru tal-Unjoni, jew jgħarraf lid-detentur prospettiv ta' kont biċ-ċaħda tal-ftuħ tal-kont, skont l-Artikolu 22.

Artikolu 19

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu nazzjonali fir-Reġistru tal-Unjoni

L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex jiftaħ kont ta' depożitu nazzjonali tiegħu fir-Reġistru tal-Unjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi l-informazzjoni murija fl-Anness III.

Artikolu 20

Ftuħ ta' kontijiet ta' pjattaformi esterni għan-negozjar fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Pjattaformi esterni għan-negozjar jistgħu jissottomettu talba għal kont ta' pjattaforma esterna għan-negozjar fir-Reġistru tal-Unjoni. Din it-talba għandha tkun sottomessa lill-amministratur nazzjonali. Il-persuna li tkun qed titlob il-kont għandha tagħti informazzjoni kif rikjesta mill-amministratur nazzjonali. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, bħala minimu, l-informazzjoni stipulata fl-Anness IV, kif ukoll evidenza li l-pjattaforma esterna għan-negozjar tiżgura livell ta' sigurtà ekwivalenti jew ogħla minn dik żgurata mir-Reġistru tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u li jkollha arranġamenti ta' sigurtà implimentati li joffru, mill-anqas, livell ta' protezzjoni ekwivalenti għall-approvazzjoni ta' rappreżentant ta' kont addizzjonali rikjest fl-Artikolu 23(3).

▼B

2. L-amministraturi nazzjonali għandhom jiżguraw li l-pjattaformi esterni għan-negozjar jkunu konformi mar-rekwiżiti tekniċi u ta' sigurtà deskritti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105.

3. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-wasla ta' sett sħiħ ta' informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 24, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' pjattaforma esterna għan-negozjar fir-Reġistru tal-Unjoni, jew jgħarraf lill-persuna li tkun qed titlob il-kont biċ-ċaħda tal-ftuħ tal-kont, skont l-Artikolu 22. L-amministratur nazzjonali kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-ftuħ ta' tali kontijiet mingħajr dewmien.

4. L-approvazzjoni ta' rappreżentant awtorizzat addizzjonali ma teħtieġx, skont l-Artikolu 23(3), li tibda tranżazzjoni għal tranżazzjonijiet mibdija minn pjattaformi esterni għan-negozjar.

Artikolu 21

Ftuħ ta' kontijiet ta' verifikaturi fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Talba għall-ftuħ ta' kont ta' verifikatur fir-Reġistru tal-Unjoni għandha tkun sottomessa lill-amministratur nazzjonali. Il-persuna li tkun qed titlob il-kont għandha tagħti informazzjoni kif rikjesta mill-amministratur nazzjonali, inkluża l-informazzjoni stipulata fl-Anness III u fl-Anness IV.

2. Fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi sett sħiħ ta' informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 24, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ il-kont ta' verifikatur fir-Reġistru tal-Unjoni, jew jgħarraf lid-detentur prospettiv ta' kont biċ-ċaħda tal-ftuħ tal-kont, skont l-Artikolu 22.

Artikolu 22

Ċaħda ta' ftuħ ta' kont

1. L-amministratur nazzjonali għandu jivverifika jekk l-informazzjoni u d-dokumenti pprovduti għal ftuħ ta' kont ikunux kompleti, aġġornati, preċiżi u veri.

2. Amministratur nazzjonali jista' jiċħad il-ftuħ ta' kont:

(a) jekk l-informazzjoni u d-dokumenti pprovduti jkunu inkompleti, mhux aġġornati, jew impreċiżi jew foloz;

(b) jekk id-detentur prospettiv ta' kont, jew, jekk tkun persuna ġuridika, xi wieħed mid-diretturi tad-detentur prospettiv ta' kont, ikunu qed jiġu investigati jew ikunu nstabu ħatja ta' frodi fil-ħames snin preċedenti li tkun tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew reati gravi oħra li għalihom il-kont seta' kien strumentali;

(c) jekk l-amministratur nazzjonali jkollu motivi raġonevoli biex jemmen li l-kontijiet jistgħu jintużaw għal frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew reati gravi oħra;

▼B

(d) għal raġunijiet stabbiliti fid-dritt nazzjonali.

3. Jekk l-amministratur nazzjonali jiċħad li jiftaħ kont, il-persuna li tkun qed titlob il-ftuħ ta' kont tista' toġġezzjona lill-awtorità rilevanti skont id-dritt nazzjonali, li għandha jew tagħti istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex jiftaħ il-kont jew tikkonferma r-rifjut b'deċiżjoni motivata, soġġett għar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali li jfittxu għan leġittimu kompatibbli ma' dan ir-Regolament, u li jkunu proporzjonati.

Artikolu 23

Rappreżentanti awtorizzati

1. Kull kont, bl-eċċezzjoni tal-kont ta' verifikatur, għandu jkollu mill-anqas żewġ rappreżentanti awtorizzati. Kont ta' verifikatur għandu jkollu mill-anqas rappreżentant awtorizzat wieħed. Ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom jibdew tranżazzjonijiet u proċessi oħra f'isem id-detentur ta' kont.

2. Flimkien mar-rappreżentanti awtorizzati speċifikati fil-paragrafu 1, kontijiet jista' wkoll ikollhom rappreżentanti awtorizzati bil-għan li jkollhom aċċess għall-kont "għall-wiri biss".

3. Il-kontijiet jista' jkollhom rappreżentant awtorizzat addizzjonali wieħed jew aktar. L-approvazzjoni ta' rappreżentant awtorizzat addizzjonali hija meħtieġa, minbarra l-approvazzjoni ta' rappreżentant awtorizzat, sabiex tinbeda tranżazzjoni, ħlief għal:

(a) trasferimenti lejn kont fuq il-lista ta' kontijiet ta' fiduċja fir-Reġistru tal-Unjoni tad-detentur tal-kont;

(b) tranżazzjonijiet mibdija minn pjattaformi esterni għan-negozjar, li l-kontijiet tagħhom infetħu skont l-Artikolu 20; u

(c) l-iskambju ta' kwoti skont l-Artikolu 60, ir-renunzja ta' kwoti skont l-Artikolu 67, it-tħassir ta' kwoti skont l-Artikolu 68, u l-kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto skont l-Artikolu 69, jekk l-ebda rappreżentant addizzjonali ma jkun inħatar. F'każ bħal dan, l-inizzazzjoni tat-tranżazzjoni għandha tiġi kkonfermata minn rappreżentant ta' kont ieħor.

4. Id-detenturi ta' kontijiet jistgħu jippermettu li jsir aċċess għall-kontijiet tagħhom minn pjattaforma esterna għan-negozjar. Tali detenturi ta' kontijiet għandhom jaħtru lil persuna li tkun diġà r-rappreżentant awtorizzat ta' kont ta' pjattaforma esterna għan-negozjar bħala rappreżentant awtorizzat.

5. Jekk rappreżentant awtorizzat ma jkunx jista' jkollu aċċess għar-Reġistru tal-Unjoni għal raġunijiet tekniċi jew oħra, l-amministratur nazzjonali jista' jibda tranżazzjonijiet f'isem ir-rappreżentant awtorizzat jekk jintalab, bil-kondizzjoni li l-amministratur nazzjonali jippermetti talbiet bħal dawn u li l-aċċess ma jkunx ġie sospiż skont dan ir-Regolament.

▼B

6. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta jistgħu jiffissaw għadd massimu ta' rappreżentanti awtorizzati u rappreżentanti awtorizzati addizzjonali għal kull tip ta' kont.

7. Rappreżentanti awtorizzati u rappreżentanti awtorizzati addizzjonali għandhom ikunu persuni fiżiċi ikbar minn 18-il sena. Ir-rappreżentanti awtorizzati u r-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali kollha ta' kont wieħed għandhom ikunu persuni differenti, iżda l-istess persuna tista' tkun rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali għal aktar minn kont wieħed. L-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali jista' jeżiġi li mill-anqas wieħed mir-rappreżentanti awtorizzati ta' kont ikun resident permanenti f'dak l-Istat Membru, ħlief għal kontijiet ta' verifikatur.

Artikolu 24

Ħatra u approvazzjoni ta' rappreżentanti awtorizzati u ta' rappreżentanti awtorizzati addizzjonali

1. Meta jitlob il-ftuħ ta' kont, id-detentur prospettiv ta' kont għandu jaħtar għadd ta' rappreżentanti awtorizzati u rappreżentanti awtorizzati addizzjonali skont l-Artikolu 23.

2. Meta jaħtar rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, id-detentur ta' kont għandu jagħti informazzjoni kif rikjest mill-amministratur. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi mill-anqas l-informazzjoni murija fl-Anness VIII.

3. Fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi sett komplet ta' informazzjoni rikjesta skont il-paragrafu 2, l-amministratur nazzjonali għandu japprova rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, jew jgħarraf lid-detentur ta' kont biċ-ċaħda tiegħu. Fejn l-evalwazzjoni tal-informazzjoni tal-persuna nominata tkun teħtieġ aktar żmien, l-amministratur jista' jestendi l-proċess tal-evalwazzjoni b'mhux aktar minn 20 jum tax-xogħol addizzjonali, u jinnotifika l-estensjoni lid-detentur ta' kont.

4. L-amministratur nazzjonali għandu jivverifika jekk l-informazzjoni u d-dokumenti pprovduti għal nomina ta' rappreżentant awtorizzat jew ta' rappreżentant awtorizzat addizzjonali jkunux kompleti, aġġornati, preċiżi u veri.

5. Amministratur nazzjonali jista' jiċħad li japprova rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali:

(a) jekk l-informazzjoni u d-dokumenti pprovduti jkunu inkompleti, mhux aġġornati, jew impreċiżi jew foloz;

(b) jekk ir-rappreżentant prospettiv ikun qed jiġi investigat jew ikun instab ħati fil-ħames snin preċedenti ta' frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew reati gravi oħra li għalihom il-kont seta' kien strumentali;

(c) għal raġunijiet stabbiliti fid-dritt nazzjonali.

▼B

6. Jekk l-amministratur nazzjonali jkun irrifjuta li japprova rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, id-detentur ta' kont jista' joġġezzjona permezz tal-awtorità rilevanti skont il-liġi nazzjonali, li għandha jew tagħti istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex japprova r-rappreżentant jew tikkonferma r-rifjut b'deċiżjoni motivata, soġġett għar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali li jfittxu għan leġittimu kompatibbli ma' dan ir-Regolament, u li jkunu proporzjonati.

Artikolu 25

Aġġornament tal-informazzjoni ta' kont u tal-informazzjoni dwar rappreżentanti awtorizzati

1. Id-detenturi kollha ta' kontijiet għandhom jinnotifikaw lill-amministratur nazzjonali fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol b'tibdiliet fl-informazzjoni sottomessa għall-ftuħ ta' kont. Barra minn hekk, id-detenturi ta' kontijiet għandhom jikkonfermaw lill-amministratur nazzjonali, sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, li l-informazzjoni dwar il-kont tagħhom għadha kompluta, aġġornata, preċiża u vera.

2. Operaturi ta' inġenji tal-ajru għandhom jinnotifikaw lill-amministratur bil-kont tagħhom fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol jekk ikunu għamlu fużjoni li tinvolvi żewġ operaturi ta' inġenji tal-ajru jew aktar jew jekk ikunu nqasmu f'żewġ operaturi ta' inġenji tal-ajru jew aktar.

3. In-notifika ta' tibdil għandha tkun sostnuta b'informazzjoni kif rikjest mill-amministratur nazzjonali b'konformità ma' din it-Taqsima. Fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievi notifika u informazzjoni sustantiva bħal dawk, l-amministratur nazzjonali rilevanti għandu japprova l-aġġornament tal-informazzjoni. L-amministratur jista' jirrifjuta li jaġġorna l-informazzjoni skont l-Artikolu 24(4) u (5). Id-detentur ta' kont għandu jkun innotifikat b'kull rifjut bħal dak. Oġġezzjonijiet għal rifjuti bħal dawk jistgħu jitressqu quddiem l-awtorità kompetenti jew l-awtorità rilevanti b'konformità mad-dritt nazzjonali skont l-Artikolu 22.

4. Mill-anqas darba kull tliet snin, l-amministratur nazzjonali għandu jirrevedi jekk l-informazzjoni sottomessa għall-ftuħ ta' kont tkunx għadha kompleta, aġġornata, preċiża u vera, u għandu jitlob li d-detentur ta' kont jinnotifika kull tibdil skont il-każ.

5. Id-detentur ta' kont ta' depożitu ta' operatur jista' biss ibiegħ il-kont tiegħu ta' depożitu ta' operatur jew jiżvesti lilu nnifsu minnu flimkien mal-installazzjoni konnessa mal-kont ta' depożitu ta' operatur.

6. Soġġett għall-paragrafu 5, l-ebda detentur ta' kont ma jista' jbiegħ il-kont tiegħu lil persuna oħra jew jiżvesti lilu nnifsu milli jkun is-sid tiegħu.

7. Rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali ma jistax jittrasferixxi l-istat tiegħu bħala tali lil persuna oħra.

8. Detentur ta' kont jista' jitlob it-tneħħija ta' rappreżentant awtorizzat minn kont. Malli jirċievi t-talba l-amministratur nazzjonali għandu jissuspendi l-aċċess tar-rappreżentant awtorizzat jew tar-rappreżentant awtorizzat addizzjonali. Fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba, l-amministratur rilevanti għandu jneħħi r-rappreżentant awtorizzat.

▼B

9. Detentur ta’ kont jista’ jinnomina rappreżentanti awtorizzati ġodda jew rappreżentanti awtorizzati addizzjonali ġodda skont l-Artikolu 24.

10. Jekk l-Istat Membru li jamministra operatur ta’ inġenji tal-ajru jinbidel skont il- proċedura stabbilita fl-Artikolu 18a tad-Direttiva 2003/87/KE jew minħabba t-tkabbir tal-Unjoni, l-amministratur ċentrali għandu jagġorna lill-amministratur nazzjonali dwar il-kont ta’ depożitu korrispondenti ta’ operatur ta’ inġenji tal-ajru. Fejn l-amministratur ta’ kont ta’ depożitu ta’ operatur ta’ inġenji tal-ajru jinbidel, l-amministratur il-ġdid jista’ jesiġi li l-operatur ta’ inġenji tal-ajru jissottometti l-informazzjoni meħtieġa minnu għall-ftuħ ta’ kont skont l-Artikolu 17, kif ukoll l-informazzjoni meħtieġa minnu dwar rappreżentanti awtorizzati skont l-Artikolu 24.

11. Soġġett għall-paragrafu 10, l-Istat Membru responsabbli għall-maniġġjar ta’ kont m’għandux jinbidel.

Article 26

Lista ta’ kontijiet ta’ fiduċja

1. Kontijiet ta’ konsenja ta’ oġġetti rkantati, kontijiet ta’ depożitu u kontijiet ta’ negozjar jista’ jkollhom lista ta’ kontijiet ta’ fiduċja fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Kontijiet miżmumin mill-istess detentur ta’ kont għandhom ikunu inklużi awtomatikament fil-lista ta’ kontijiet ta’ fiduċja.

3. Tibdiliet għal-lista ta' kontijiet ta' fiduċja għandhom jinbdew u jintemmu bil-proċedura stipulata fl-Artikolu 39 għat-tranżazzjonijiet speċifikati fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II. It-tibdil għandu jiġi kkonfermat minn rappreżentant awtorizzat addizzjonali, jew inkella, jew ma jkun inħatar l-ebda rappreżentant awtorizzat addizzjonali, minn rappreżentant awtorizzat ieħor. Id-dewmien speċifikat fl-Artikolu 39(3) ma għandux japplika għat-tħassir ta' kontijiet mil-lista ta' kontijiet ta' fiduċja; għal kull tibdil ieħor li jsir fil-lista ta' kontijiet ta' fiduċja, id-dewmien għandu jkun ta' sebat ijiem.

Taqsima 3

Għeluq ta’ kontijiet

Article 27

Għeluq ta’ kontijiet

Soġġett għall-Artikolu 32(1), fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi talba mid-detentur ta’ kont minbarra dawk speċifikati fl-Artikoli 28, 29, 30 u 31, l-amministratur għandu jagħlaq il-kont.

▼B

Artikolu 28

Għeluq ta' kontijiet ta' depożitu ta' operatur

1. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-amministratur nazzjonali fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol dwar ir-revoka jew is-sospensjoni ta' permess għal emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jew meta jkun sar magħruf l-għeluq ta' installazzjoni. Fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol ta' tali notifika, l-amministratur nazzjonali għandu jirreġistra d-data rilevanti fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. L-amministratur nazzjonali jista' jagħlaq kont ta' depożitu ta' operatur sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik ta' għeluq tal-installazzjoni, revoka jew sospensjoni tal-permess għal emissjonijiet ta' gassijiet serra jekk l-installazzjoni rilevanti tkun rrinunzjat għal ammont ta' kwoti ugwali jew ikbar mill-emissjonijiet verifikati tagħha, u li ma tkunx eskluża skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 29

Għeluq ta' kontijiet ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru

Kontijiet ta' depożitu ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru għandhom jingħalqu biss mill-amministratur nazzjonali jekk tingħatalu struzzjoni mill-awtorità kompetenti biex jagħmel hekk minħabba li l-awtorità kompetenti tkun skopriet li l-operatur ta' inġenji tal-ajru jkun għamel fużjoni ma' operatur ieħor ta' inġenji tal-ajru jew li l-operatur ta' inġenji tal-ajru jkun waqqaf l-operazzjonijiet kollha tiegħu koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, jew permezz ta' notifika mid-detentur ta' kont jew permezz ta' evidenza oħra.

Artikolu 30

Għeluq ta' kontijiet ta' verifikatur

1. Fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi talba mingħand verifikatur biex jagħlaq il-kont tiegħu, l-amministratur nazzjonali għandu jagħlaq il-kont tal-verifikatur.

2. L-awtorità kompetenti tista' wkoll tagħti istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex jagħlaq kont ta' verifikatur fejn tkun seħħet waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) l-akkreditazzjoni tal-verifikatur tkun skadiet jew tkun ġiet irtirata,

b) il-verifikatur ikun waqaf jopera.

Artikolu 31

Għeluq tal-Kont ta' Konformità tal-ESD

1. L-amministratur ċentrali għandu jagħlaq Kont ta' Konformità tal-ESD mhux iktar kmieni minn xahar wara d-determinazzjoni taċ-ċifra ta' stat ta' konformità għal kont skont l-Artikolu 79 u mhux aktar tard mill-21 ta' Diċembru, u wara notifika minn qabel lid-detentur tal-kont.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment tal-krediti internazzjonali, tCERs u lCERs kollha użati skont l-Artikolu 81, lill-kont rilevanti tal-irtirar tal-PK.

▼B

3. Fejn it-trasferiment dirett lill-kont rilevanti ta’ rtirar tal-PK ikun ipprojbit mir-regoli dwar it-tranżazzjonijiet applikabbli għall-ITL elaborat skont il-Protokoll ta’ Kjoto, il-krediti internazzjonali, it-tCERs u l-lCERs li ntużaw għall-konformità, għandhom jiġu ttrasferiti l-ewwel lil kont ta’ detentur iddedikat maħluq għal dan il-għan mill-amministratur nazzjonali.

4. Mal-għeluq tal-Kont ta' Konformità tal-ESD, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi l-AEAs li fadal fil-Kont ta' Konformità tal-ESD lill-Kont ta' Tħassir tal-ESD.

Artikolu 32

Bilanċ pożittiv f’kontijiet qed jingħalqu

1. Jekk ikun hemm bilanċ pożittiv ta’ kwoti jew unitajiet ta’ Kjoto f’kont li amministratur ikollu jagħlaq skont l-Artikoli 27, 28 u 29, l-amministratur għandu l-ewwel jitlob lid-detentur tal-kont li jispeċifika kont ieħor li fih tali kwoti jew unitajiet ta’ Kjoto jkollhom jiġu ttrasferiti. Jekk id-detentur ta’ kont ma jkunx għadu wieġeb għat-talba tal-amministratur fi żmien 40 jum tax-xogħol, l-amministratur għandu jittrasferixxi l-kwoti u l-unitajiet ta’ Kjoto fil-kont tiegħu ta’ depożitu nazzjonali.

2. Jekk ikun hemm bilanċ pożittiv ta’ kwoti jew unitajiet ta’ Kjoto f’kont li għalih ikun ġie sospiż aċċess skont l-Artikolu 34, l-awtorità kompetenti tista’ tesiġi li l-kwoti u l-unitajiet ta’ Kjoto jiġu trasferuti immedjatament fil-kont nazzjonali rilevanti.

Artikolu 33

Għeluq ta’ kontijiet u tneħħija ta’ rappreżentant awtorizzat fuq inizjattiva proprja tal-amministratur

1. Jekk is-sitwazzjoni li tagħti lok għas-sospensjoni ta’ aċċess għal kontijiet skont l-Artikolu 34 ma tinħallx f’perjodu raġonevoli minkejja notifiki ripetuti, l-awtorità kompetenti tista’ tagħti istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex jagħlaq, jew fil-każ ta’ kontijiet ta' depożitu ta’ operatur ta’ inġenji tal-ajru jew mhux, biex jaqleb għall-istatus ta’ bblokkat, dawk il-kontijiet li l-aċċess għalihom huwa sospiż sakemm l-awtorità kompetenti tiddetermina li s-sitwazzjoni li tat lok għas-sospensjoni ma għadhiex tgħodd.

2. Jekk kont ta’ depożitu ta’ persuna jew ta’ kont ta’ negozjar ikollu bilanċ żero u ma jkunux ġew irreġistrati tranżazzjonijiet għal perjodu ta’ sena, l-amministratur nazzjonali jista’ jinnotifika lid-detentur ta’ kont li l-kont ta’ depożitu ta’ persuna jew ta’ kont ta’ negozjar ikollu jingħalaq fi żmien 40 jum tax-xogħol sakemm l-amministratur nazzjonali ma jirċevix talba li l-kont għandu jinżamm. Jekk l-amministratur nazzjonali ma jirċevix xi talba bħal din mid-detentur ta’ kont, l-amministratur nazzjonali jista’ jagħlaq il-kont.

3. L-amministratur nazzjonali għandu jagħlaq kont ta’ depożitu ta’ operatur meta jingħata istruzzjoni mill-awtorità kompetenti abbażi li ma jkunx hemm prospett raġonevoli ta’ restituzzjoni ta’ aktar kwoti.

▼B

4. L-amministratur nazzjonali jista' jneħħi rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali jekk iqis li l-approvazzjoni tar-rappreżentant awtorizzat jew tar-rappreżentant awtorizzat addizzjonali kien messha tkun irrifjutata skont l-Artikolu 24(3), u b'mod partikolari jekk isib li d-dokumenti u l-informazzjoni dwar identifikazzjoni pprovduti għan-nomina kienu inkompleti, mhux aġġornati, jew impreciżi jew foloz.

5. Id-detentur ta' kont jista' joġġezzjona għall-bidla fl-istat ta' kont skont il-paragrafu 1 jew għat-tneħħija ta' rappreżentant awtorizzat jew ta' rappreżentant awtorizzat addizzjonali skont il-paragrafu 4 mal-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali fi żmien 30 jum tal-kalendarju, li għandha jew tagħti istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex jerġa' jqiegħed kif kienu qabel il-kont jew ir-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali, jew li jżomm ferm it-tibdil tal-istatus tal-kont jew it-tneħħija b'deċiżjoni motivata, soġġett għar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali li jfittxu għan leġittimu kompatibbli ma' dan ir-Regolament, u li jkunu proporzjonati.

Taqsima 4

Sospensjoni ta' aċċess għal kontijiet

Artikolu 34

Sospensjoni ta' aċċess għal kontijiet

1. Amministratur jista' jissuspendi l-aċċess ta' rappreżentant awtorizzat jew ta' rappreżentant awtorizzat addizzjonali għal kull kont fir-reġistru jew għal proċessi li dak ir-rappreżentant awtorizzat kien xort'oħra jkollu aċċess għalihom jekk l-amministratur ikollu motivi raġonevoli biex jemmen li r-rappreżentant awtorizzat kien:

(a) ipprova jkollu aċċess għal kontijiet jew għal proċessi li għalihom ma jkunx awtorizzat;

(b) ripetutament ipprova jkollu aċċess għal kont jew għal proċess billi uża username u password inkorretti; jew

(c) ipprova jikkomprommetti s-sigurtà, id-disponibbiltà, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tar-Reġistru tal-Unjoni jew tal-EUTL, jew id-dejta maniġġjata jew maħżuna hemmhekk.

2. Amministratur jista' jissuspendi l-aċċess tar-rappreżentanti awtorizzati jew tar-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali kollha għal kont speċifiku fejn tkun seħħet waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-detentur ta' kont ikun miet mingħajr werriet skont il-liġi jew ma jkunx għadu jeżisti bħala persuna ġuridika;

(b) id-detentur ta' kont ma jkunx ħallas tariffi;

(c) id-detentur ta' kont ikun kiser it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kont;

▼B

(d) id-detentur ta’ kont ma jkunx qabel ma’ tibdiliet fit-termini u kundizzjonijiet stabbiliti mill-amministratur nazzjonali jew mill-amministratur ċentrali;

(e) id-detentur ta’ kont ma jkunx innotifika tibdiliet fl-informazzjoni dwar kont, jew ma jkunx ipprovda evidenza rigward it-tibdiliet fl-informazzjoni dwar kont, jew evidenza dwar rekwiżiti ġodda ta’ informazzjoni dwar kont;

(f) id-detentur ta’ kont ikun naqas li jżomm l-għadd minimu rikjest ta’ rappreżentanti awtorizzati għall-kont;

(g) id-detentur ta’ kont ikun naqas li jżomm il-konformità mar-rekwiżit tal-Istat Membru li jkollu rappreżentant awtorizzat b’residenza permanenti fl-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali;

(h) id-detentur ta’ kont ikun naqas li jżomm il-konformità mar-rekwiżit tal-Istat Membru li d-detentur ta’ kont ikollu residenza permanenti jew reġistrazzjoni fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont.

3. Amministratur jista’ jissuspendi l-aċċess tar-rappreżentanti awtorizzati kollha jew tar-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali kollha għal kont speċifiku, kif ukoll il-possibbiltà li jinbdew proċessi minn dak il-kont:

(a) għal perjodu massimu ta' erba' ġimgħat jekk l-amministratur ikollu motivi raġonevoli biex jemmen li l-kont intuża jew ikun ser jintuża għal frodi, ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew reati gravi oħra, jew

(b) skont u abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jfittxu għan leġittimu.

4. L-amministratur nazzjonali jista’ jissuspendi aċċess għal kont jekk iqis li l-ftuħ tal-kont kellu jkun irrifjutat skont l-Artikolu 22, jew li d-detentur tal-kont ma jibqax konformi mar-rekwiżiti għall-ftuħ tal-kont.

5. L-amministratur tal-kont għandu jirtira s-sospensjoni immedjatament malli s-sitwazzjoni li tkun ikkawżat is-sospensjoni tinħall.

6. Id-detentur ta’ kont jista’ joġġezzjona għas-sospensjoni tal-aċċess tiegħu skont il-paragrafi 1 u 3 mal-awtorità kompetenti jew mal-awtorità rilevanti skont id-dritt nazzjonali fi żmien 30 jum kalendarju, li jistgħu jew jagħtu istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex iqiegħdu l-aċċess kif kien qabel jew li jżommu ferma s-sospensjoni b’deċiżjoni motivata, soġġett għar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali li jfittxu għan leġittimu kompatibbli ma' dan ir-Regolament, u li jkunu pproporzjonati.

7. L-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni jistgħu wkoll jagħtu istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali jew lill-amministratur ċentrali biex jimplimenta sospensjoni għal waħda mir-raġunijiet stipulati fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4.

8. Awtorità nazzjonali tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru tal-amministratur tista’ wkoll titlob lill-amministratur biex jimplimenta sospensjoni abbażi ta’ u b’konformità mad-dritt nazzjonali.

▼B

9. Meta l-aċċess għal kont ta' pjattaforma esterna għan-negozjar ikun sospiż, l-amministratur għandu jissuspendi wkoll l-aċċess għall-pjattaforma esterna għan-negozjar għall-kontijiet ta' utenti skont l-Artikolu 23(4). Meta l-aċċess minn rappreżentanti awtorizzati u minn rappreżentanti awtorizzati addizzjonali ta' kont ta' pjattaforma esterna għan-negożjar jiġi sospiż, l-amministratur għandu jissuspendi wkoll l-aċċess ta' dawn ir-rappreżentanti permess minn detentur ta' kont għall-pjattaforma esterna għan-negozjar skont l-Artikolu 23(4).

10. Fejn id-detentur ta' kont ta' depożitu ta' operatur jew ta' kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru ma jitħalliex jirrestitwixxi fl-għaxart (10) ijiem tax-xogħol qabel l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 12(2a) u (3) tad-Direttiva 2003/87/KE minħabba sospensjoni skont dan l-Artikolu, l-amministratur nazzjonali għandu, jekk hekk jintalab mid-detentur tal-kont, jirrestitwixxi l-għadd ta' kwoti speċifikati mid-detentur tal-kont.

TITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAR-REĠISTRU TAL-UNJONI GĦALL-ISKEMA TAL-UNJONI GĦAN-NEGOZJAR TAL-EMISSJONIJIET

KAPITOLU 1

Emissjonijiet verifikati u konformità

Artikolu 35

Dejta ta' emissjonijiet verifikati għal installazzjoni jew għal operatur ta' inġenji tal-ajru

1. Kull fejn rikjest mil-liġi nazzjonali, kull operatur u kull operatur ta' inġenji tal-ajru għandhom jagħżlu verifikatur mil-lista ta' verifikaturi reġistrati mal-amministratur nazzjonali li jamministra l-kont tagħhom. Jekk operatur jew operatur ta' inġenji tal-ajru jkunu wkoll verifikaturi, ma jistgħux jagħżlu lilhom infushom bħala verifikaturi.

2. L-amministratur nazzjonali, l-awtorità kompetenti jew, b'deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, id-detentur ta' kont jew il-verifikatur, għandhom idaħħlu dejta dwar l-emissjonijiet għas-sena preċedenti sal-31 ta' Marzu.

3. Dejta ta' emissjonijiet annwali għandha tkun sottomessa billi jintuża l-format stabbilit fl-Anness IX.

4. Malli ssir verifika sodisfaċenti skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2003/87/KE ta' rapport ta' operatur dwar l-emissjonijiet minn installazzjoni matul sena preċedenti, jew ta' rapport ta' operatur ta' inġenji tal-ajru dwar l-emissjonijiet mill-attivitajiet kollha tal-avjazzjoni li huwa jkun wettaq matul sena preċedenti, il-verifikatur jew l-awtorità kompetenti għandhom japprovaw l-emissjonijiet annwali verifikati.

5. L-emissjonijiet approvati skont il-paragrafu 4 għandhom ikunu mmarkati bħala verifikati fir-Reġistru tal-Unjoni mill-amministratur nazzjonali jew mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li minflok l-amministratur nazzjonali, l-awtorità kompetenti li taġixxi bħala verifikatur jew il-verifikatur għandhom ikunu responsabbli għall-immarkar ta' emissjonijiet bħala verifikati fir-Reġistru tal-Unjoni.

▼B

6. L-awtorità kompetenti tista' tagħti istruzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex jikkoreġi l-emissjonijiet annwali verifikati għal installazzjoni jew lil operatur ta' inġenji tal-ajru biex tkun żgurata l-konformità mal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE, billi jdaħħlu l-emissjonijiet korretti, verifikati jew stmati għal dik l-installazzjoni jew għal operatur ta' inġenji tal-ajru għal sena partikolari fir-Reġistru tal-Unjoni.

7. Fejn, fl-1 ta' Mejju ta' kull sena, ebda figura ta' emissjonijiet verifikati ma tkun irreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni għal installazzjoni jew għal operatur ta' inġenji tal-ajru għal sena preċedenti, jew il-figura tal-emissjonijiet verifikati tkun ġiet ipprovata bħala inkorretta, kull stima sostituta ta' figura ta' emissjonijiet imdaħħla fir-Reġistru tal-Unjoni għandha tkun ikkalkulata sal-eqreb figura possibbli skont l-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 36

Blokkar ta' kontijiet minħabba nuqqas ta' sottomissjoni ta' emissjonijiet verifikati

1. Jekk, fl-1 ta' April ta' kull sena, l-emissjonijiet annwali vverifikati ta' installazzjoni jew ta' operatur ta' inġenji tal-ajru għas-sena preċedenti ma jkunux iddaħħlu fir-Reġistru tal-Unjoni, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jqiegħed il-kont ta' depożitu korrispondenti ta' operatur jew il-kont ta' depożitu korrispondenti ta' operatur ta' inġenji tal-ajru fi stat blokkat.

2. Meta l-emissjonijiet ivverifikati kollha tal-installazzjoni jew ta' operatur ta' inġenji tal-ajru, li jkunu għadhom ma daħlux għal dik is-sena, ikunu ddaħħlu fir-Reġistru tal-Unjoni, l-amminsitratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jqiegħed il-kont fi stat miftuħ.

Artikolu 37

Kalkolu ta' figuri ta' stat tal-konformità

1. Fl-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jindika ċ-ċifra ta' stat ta' konformità għas-sena preċedenti għal kull installazzjoni u għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru b'kont ta' depożitu ta' operatur jew b'kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru miftuħ jew blokkat billi jikkalkula l-għadd tal-kwoti kollha restitwiti għall-perjodu kurrenti bit-tnaqqis tal-għadd tal-emissjonijiet kollha vverifikati fil-perjodu kurrenti sa u inkluża s-sena kurrenti, biż-zieda ta' fattur ta' korrezzjoni.

2. Il-fattur ta' korrezzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun żero jekk il-figura ta' stat ta' konformità tal-aħħar sena tal-perjodu preċedenti kienet akbar minn żero, iżda għandha tibqa' l-istess bħaċ-ċifra ta' stat tal-konformità tal-aħħar sena tal-perjodu preċedenti jekk din iċ-ċifra tkun anqas minn jew ugwali għal żero.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jirreġistra ċ-ċifra ta' stat tal-konformità għal kull installazzjoni u għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru għal kull sena.

▼B

KAPITOLU 2

Tranżazzjonijiet

Taqsima 1

Ġenerali

Artikolu 38

Tranżazzjonijiet biss espressament imsemmijin f'dan ir-Regolament għal kull tip ta' kont għandhom jinbdew b'dak it-tip ta' kont.

Artikolu 39

Eżekuzzjoni ta' trasferimenti

1. Għat-tranżazzjonijiet kollha speċifikati f'dan il-Kapitolu li ma jkunux inbdew minn pjattaforma esterna għan-negozjar, tkun meħtieġa mir-Reġistru tal-Unjoni konferma 'l barra mill-kanal fiss ta' komunikazzjoni qabel ma tkun tista' tinbeda t-tranżazzjoni. Tranżazzjoni għandha tinbeda biss fejn rappreżentant awtorizzat addizzjonali jew rappreżentant ta' kont ieħor fejn xieraq, li l-approvazzjoni tiegħu huwa meħtieġ skont l-Artikolu 23(3), ikun ikkonferma t-tranżazzjoni 'l barra mill-kanal fiss ta' komunikazzjoni.

2. Għat-trasferimenti kollha speċifikati fl-Artikolu 64 u fit-Taqsima 8 ta' dan il-Kapitolu, it-trasferiment għandu jinbeda mill-ewwel jekk ikun ikkonfermat bejn l-10.00 u l-16.00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali, bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa inklussivi, għajr btajjel pubbliċi fl-Istati Membri, li jiddeċiedu li jissuspendu d-dewmien skont il-paragrafu 3.

Trasferiment ikkonfermat fi kwalunkwe ħin ieħor għandu jinbeda fl-istess ġurnata, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, għajr btajjel pubbliċi kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu, fl-10:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali, jekk jiġi kkonfermat qabel l-10:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali, jew il-jum ta' wara, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, għajr btajjel pubbliċi kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu, fl-10:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali, jekk ikun ikkonfermat wara l-16:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali.

3. Għat-trasferimenti kollha ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto speċifikati fl-Artikoli 64 u 65, u għat-trasferimenti kollha speċifikati fl-Artikolu 66 lejn kontijiet li ma jidhrux fil-lista ta' fiduċja tad-detentur tal-kont għan-negozjar, għandu japplika dewmien ta' 26 siegħa bejn il-bidu tat-trasferiment u n-notifika tiegħu għall-finalizzazzjoni skont l-Artikolu 104. Dan id-dewmien għandu jiġi sospiż bejn 00:00 u 24:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali s-Sibtijiet u l-Ħdud. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jissuspendu d-dewmien bejn 00:00 u 24:00 Ħin tal-Ewropa Ċentrali fi btajjel pubbliċi nazzjonali għal sena determinata, soġġett għall-pubblikazzjoni ta' tali deċiżjoni sal-1 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

4. Jekk rappreżentant ta' kont jissuspetta li trasferiment ikun inbeda b'mod qarrieqi, sa mhux aktar tard minn sagħtejn qabel tmiem id-dewmien stipulat fil-paragrafu 3, ir-rappreżentant tal-kont jista' jitlob lill-amministratur nazzjonali jew lill-amministratur ċentrali fejn xieraq, li jħassru it-trasferiment f'isem ir-rappreżentant tal-kont qabel ma t-trasferiment jiġi nnotifikat għall-finalizzazzjoni. Id-detentur tal-kont għandu jirrapporta s-suspett ta' frodi lill-awtorità kompetenti nazzjonali

▼B

ta' infurzar tal-liġi minnufih wara t-talba. Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-amministratur nazzjonali jew lill-amministratur ċentrali fejn xieraq, fi żmien 7 ijiem.

5. Malli jinbeda trasferiment jew tranżazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2, għandha tintbagħat notifika lir-rappreżentanti kollha tal-kontijiet li tindika l-bidu propost tat-trasferiment jew tranżazzjoni.

Artikolu 40

In-natura tal-kwoti u l-finalità tat-tranżazzjonijiet

1. Kwota jew unità ta' Kjoto għandha tikkostitwixxi strument funġibbli u dematerjalizzat li jista' jkun oġġett ta' kummerċ fis-suq.

2. In-natura dematerjalizzata tal-kwoti u tal-unitajiet ta' Kjoto għandha timplika li r-rekord tar-Reġistru tal-Unjoni għandu jikkostitwixxi evidenza prima facie u suffiċjenti tas-sjieda ta' kwota jew unità ta' Kjoto, kif ukoll ta' kull kwistjoni oħra li, permezz ta' dan ir-Regolament, għandu l-obbligu jew l-awtorizzazzjoni li jitniżżel fir-Reġistru tal-Unjoni.

3. Il-funġibbiltà tal-kwoti u tal-unitajiet ta' Kjoto għandhom jimplikaw li kull obbligu ta' rkupru jew restituzzjoni li jista' jinqala' skont il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' kwota jew unità ta' Kjoto għandu japplika biss lill-kwota jew lill-unità ta' Kjoto in natura.

Soġġett għall-Artikolu 70 u għall-proċess ta' rikonċiljazzjoni previst fl-Artikolu 103, tranżazzjoni għandha ssir finali u irrevokabbli mal-finalizzazzjoni tagħha skont l-Artikolu 104. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni jew rimedju skont il-liġi nazzjonali li jista' jirriżulta f'rekwiżit jew ordni biex issir tranżazzjoni ġdida fir-Reġistru tal-Unjoni, l-ebda liġi, regolament jew prattika dwar it-twarrib ta' kuntratti jew tranżazzjonijiet għandu jwassal għat-tħollija fir-reġistru ta' tranżazzjoni li tkun saret finali u irrevokabbli skont dan ir-Regolament.

Detentur ta' kont jew parti terza ma għandhomx jinżammu milli jeżerċitaw kwalunkwe dritt jew pretensjoni li jirriżulta mit-tranżazzjoni involuta li jista' jkollhom skont il-liġi, inkluż għall-irkupru, għar-restituzzjoni jew għal ħlas minħabba ħsarat, fir-rigward ta' tranżazzjoni li tkun saret finali fir-Reġistru tal-Unjoni, ngħidu aħna fil-każ ta' frodi jew ta' żball tekniku, dejjem jekk dan ma jwassalx għat-treġġija lura, għar-revoka jew għat-tħollija tat-tranżazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni.

4. Xerrej jew detentur ta' kwota jew unità ta' Kjoto li jaġixxi b'bonafidi għandu jikseb id-dritt għal kwota jew unità ta' Kjoto mingħajr l-ebda difett fid-dritt ta' min ikun qed jagħmel it-trasferiment.

▼B

Taqsima 2

Il-ħolqien ta' kwoti

Artikolu 41

Il-ħolqien ta' kwoti

1. L-amministratur ċentrali jista' joħloq Kont ta' Kwantità Totali tal-UE, Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE, Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE, Kont ta' Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE, Kont ta' Skambju ta' Kreditu tal-UE, u Kont ta' Kreditu Internazzjonali tal-UE, kif xieraq, u għandu joħloq jew iħassar kontijiet u kwoti li jkunu saru meħtieġa b'atti tad-Dritt tal-Unjoni, inkluż kemm ikun meħtieġ bl-Artikoli 3e(e), 9, 9a, 10a(8) u 11a tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) Nru 920/2010.

2. Il-Kummissjoni, fi żmien jew fi żminijiet xierqa, għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex joħloq għadd ta' kwoti ġenerali ekwivalenti b'kollox għall-għadd iddeterminat skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE ([1]) dwar jew għal trasferiment għal kontijiet stabbiliti għall-finijiet tal-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jassenja lil kull kwota kodiċi uniku ta' unità ta' identifikazzjoni mal-ħolqien tagħha.

▼M2

4. Il-kwoti li jinħolqu mill-1 ta' Jannar 2018 skont it-Tabella ta' Allokazzjonijiet Nazzjonali jew it-tabella ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali ta' Stat Membru li jkun innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jew li jkunu se jiġu rkantati minn Pjattaforma tal-Irkant maħtura minn tali Stat Membru, għandhom ikunu identifikati permezz ta' kodiċi tal-pajjiż u għandhom ikunu jistgħu jintgħarfu skont is-sena tal-ħolqien tal-kwoti. Il-kwoti maħluqa għall-2018 ma għandhomx ikunu identifikati b'kodiċi tal-pajjiż fejn id-dritt tal-Unjoni għadu ma waqfx japplika f'dak l-Istat Membru sat-30 ta' April 2019 jew fejn huwa ggarantit suffiċjentement li l-kwoti jridu jiġu ċeduti sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2019 f'manjiera legalment inforzabbli qabel ma t-Trattati jieqfu japplikaw f'dak l-Istat Membru. Wara l-15 ta' Marzu 2019 l-Istat Membru konċernat għandu minnufih jirrapporta dwar il-konformità lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 290, 6.11.2010, p. 39.

▼B

Taqsima 3

Trasferimenti ta' Kontijiet qabel Bejgħ bl-Irkant u Allokazzjonijiet

Artikolu 42

Trasferiment ta' kwoti ġenerali biex jinbiegħu bl-irkant

1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, mingħajr wisq dewmien, f'isem l-irkantatur rilevanti maħtur skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010, kwoti ġenerali mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE għall-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE fi kwantità li tkun tikkorrispondi mal-volumi annwali ddeterminati skont l-Artikolu 10 tal-istess Regolament.

2. F'każ ta' aġġustamenti għall-volumi annwali skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi kwantità korrispondenti ta' kwoti ġenerali mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE għall-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE, jew mill-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE għall-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE, skont il-każ.

Artikolu 43

Trasferiment ta' kwoti ġenerali li għandhom ikunu allokati bla ħlas

L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, mingħajr wisq dewmien, kwoti ġenerali mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE għall-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi mal-għadd tal-kwoti allokati bla ħlas skont it-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali ta' kull Stat Membru.

Artikolu 44

Trasferiment ta' kwoti ġenerali għar-riżerva għal entranti ġodda

1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, mingħajr wisq dewmien, kwoti ġenerali mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE għal Kont ta' Riżerva tal-UE għall-Entranti Ġodda fi kwantità li tikkorrispondi għal ħamsa fil-mija tal-kwantità mal-Unjoni kollha ta' kwoti determinati b'deċiżjonijiet adottati skont l-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, imnaqqsin bl-għadd li jkollu jinħoloq skont l-Artikolu 41(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Jekk il-kwantità ta' kwoti mal-Unjoni kollha tiżdied b'deċiżjoni adottata skont l-Artikoli 9 and 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi aktar kwoti ġenerali mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE għall-Kont ta' Riżerva tal-UE għall-Entranti Ġodda fi kwantità li tikkorrispondi għal ħamsa fil-mija taż-żieda fil-kwantità ta' kwoti mal-Unjoni kollha.

3. Jekk il-kwantità mal-Unjoni kollha ta' kwoti titnaqqas b'deċiżjoni adottata skont l-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur ċentrali għandu jħassar kwoti ġenerali fil-Kont ta' Riżerva tal-UE għall-Entranti Ġodda fi kwantità li tikkorrispondi għal ħamsa fil-mija tat-tnaqqis fil-kwantità ta' kwoti mal-Unjoni kollha.

▼B

4. Fil-każ ta’ allokazzjoni lil entranti ġodda jew allokazzjoni lil entranti ġodda wara estensjoni sinifikanti ta’ kapaċità skont l-Artikoli 19 u 20 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE, l-ammont finali li jirriżulta ta’ kwoti allokati bla ħlas lill-operatur għall-perjodu kollu ta’ negozjar, li jiddaħħal fl-EUTL skont l-Artikolu 51(2) ta’ dan ir-Regolament, għandu jkun ittrasferit mill-amministratur ċentrali mill-Kont ta’ Riżerva tal-UE għall-Entranti Ġodda għall-Kont ta’ Allokazzjonijiet tal-UE.

Artikolu 45

Trasferiment ta’ kwoti tal-avjazzjoni li għandhom jinbiegħu bl-irkant

1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, mingħajr wisq dewmien, f’isem l-irkantatur rilevanti maħtur skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010, kwoti tal-avjazzjoni mill-Kont ta’ Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta’ Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi mal-volumi annwali determinati skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010.

2. F’każ ta’ aġġustamenti għall-volumi annwali skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi kwantità korrispondenti ta’ kwoti tal-avjazzjoni mill-Kont ta’ Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta’ Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE, jew mill-Kont ta’ Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta’ Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE, skont il-każ.

Artikolu 46

Trasferiment ta’ kwoti tal-avjazzjoni li għandhom ikunu allokati bla ħlas

1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, mingħajr wisq dewmien, kwoti tal-avjazzjoni mill-Kont ta’ Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta’ Allokazzjonijiet għall-Avjazzjoni tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi mal-għadd ta’ kwoti tal-avjazzjoni li jkollhom ikunu allokati bla ħlas kif determinat bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata abbażi tal-Artikolu 3e(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Jekk l-għadd ta’ kwoti tal-avjazzjoni li jkollhom ikunu allokati bla ħlas jiżdied b’deċiżjoni skont l-Artikolu 3e(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi aktar kwoti tal-avjazzjoni mill-Kont ta’ Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta’ Allokazzjoni għall-Avjazzjoni tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi maż-żieda tal-għadd ta’ kwoti tal-avjazzjoni li jkollhom jiġu allokati b'xejn.

3. Jekk l-għadd ta’ kwoti tal-avjazzjoni li jkollhom ikunu allokati bla ħlas jitnaqqas b’deċiżjoni skont l-Artikolu 3e(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur ċentrali għandu jħassar kwoti tal-avjazzjoni fil-Kont ta’ Allokazzjoni għall-Avjazzjoni tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi mat-tnaqqis tal-għadd ta’ kwoti tal-avjazzjoni li jkollhom jiġu allokati b'xejn.

▼B

Artikolu 47

Trasferiment ta' kwoti tal-avjazzjoni għar-riżerva speċjali

1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, mingħajr wisq dewmien, kwoti tal-avjazzjoni mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta' Riżerva Speċjali tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi mal-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni fir-riżerva speċjali ddeterminata mid-deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 3e(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Jekk l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni fir-riżerva speċjali jiżdied b'deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 3e(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi aktar kwoti tal-avjazzjoni mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta' Riżerva Speċjali tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi maż-żieda tal-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni fir-riżerva speċjali.

3. Jekk l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni fir-riżerva speċjali jitnaqqas b'deċiżjoni adottata abbażi tal-Artikolu 3e(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur ċentrali għandu jħassar kwoti tal-avjazzjoni fil-Kont ta' Riżerva Speċjali tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi mat-tnaqqis tal-għadd ta' kwoti fir-riżerva speċjali.

4. Fil-każ ta' allokazzjoni mir-riżerva speċjali skont l-Artikolu 3f tad-Direttiva 2003/87/KE, l-ammont finali li jirriżulta ta' kwoti tal-avjazzjoni allokati bla ħlas lill-operatur ta' inġenji tal-ajru għall-perjodu kollu ta' negozjar, imdaħħal fl-EUTL skont l-Artikolu 54(2) ta' dan ir-Regolament, għandu jkun ittrasferit awtomatikament mill-Kont ta' Riżerva Speċjali tal-UE għall-Kont ta' Allokazzjonijiet għall-Avjazzjoni tal-UE.

Artikolu 48

Trasferiment ta' kwoti ġenerali għall-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE

Fi tmiem kull perjodu ta' negozjar, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi l-kwoti kollha li fadal fil-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE u fil-Kont ta' Riżerva tal-UE għall-Entranti Ġodda għall-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE.

Artikolu 49

Trasferiment ta' kwoti tal-avjazzjoni għall-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE

Fi tmiem kull perjodu ta' negozjar, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi l-kwoti kollha li fadal fil-Kont ta' Riżerva Speċjali tal-UE għall-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE.

Artikolu 50

Tħassir ta' kwoti tal-avjazzjoni

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fi tmiem kull perjodu ta' negozjar, il-kwoti kollha li jkun fadal fil-Kont ta' Allokazzjoni għall-Avjazzjoni tal-UE jkunu ttrasferiti għall-Kont tal-Unjoni għal tħassir ta' kwoti.

▼B

Taqsima 4

Allokazzjoni għal installazzjonijiet stazzjonarji

Artikolu 51

Dħul ta' tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali fl-EUTL

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika t-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-perjodu 2013-2020 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2012. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali jinkludu l-informazzjoni stipulata fl-Anness X.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex idaħħal it-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali fl-EUTL jekk iqis li t-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali hija konformi mad-Direttiva 2003/87/KE, id-Deċiżjoni 2011/278/UE u d-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE. Inkella, għandha tirrifjuta t-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali f'perjodu raġonevoli, u tgħarraf lill-Istat Membru b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġuniet tagħha u tistabbilixxi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex notifika sussegwenti tkun aċċettata. Dak l-Istat Membru għandu jissottometti tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali riveduta lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur.

Artikolu 52

Tibdiliet fit-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali

1. L-amministratur nazzjonali għandu jagħmel tibdiliet fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali fl-EUTL fejn:

(a) permess għal installazzjoni jkun ġie rrevokat jew inkella skada;

(b) installazzjoni tkun waqqfet l-operat tagħha;

(c) installazzjoni tkun inqasmet f'żewġ installazzjonijiet jew aktar;

(d) tkun saret fużjoni ta' żewġ installazzjonijiet jew aktar f'installazzjoni waħda.

2. Stat Membri għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-bidliet fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali tiegħu, fir-rigward ta':

(a) allokazzjonijiet lil entranti ġodda jew allokazzjonijiet lil entranti ġodda wara estensjonijiet sinifikanti fil-kapaċità;

(b) ċessjonijiet parzjali tal-operati u tnaqqis sinifikanti tal-kapaċità;

(c) allokazzjoni b'xejn skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE, iġġustifikata fid-dawl tal-avvanz tal-investimenti li jkunu ttieħdu, u rappurtata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10c(1) tal-istess Direttiva;

(d) kull bidla oħra mhux imsemmija fil-paragrafu 1.

Meta tirċievi notifika skont l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex idaħħal it-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali fl-EUTL jekk iqis li t-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali hija konformi mad-Direttiva 2003/87/KE, id-Deċiżjoni 2011/278/UE u d-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE. Inkella, għandha tirrifjuta t-tibdiliet f'perjodu raġjonevoli u tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti ir-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi l-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex notifika sussegwenti tkun aċċettata.

▼B

Artikolu 53

Allokazzjoni b'xejn ta' kwoti ġenerali

1. L-amministratur nazzjonali għandu jindika fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għal kull operatur, għal kull sena u għal kull bażi legali stabbiliti fl-Anness X, jekk installazzjoni għandhiex tirċievi allokazzjoni jew le għal dik is-sena.

2. Mill-1 ta' Frar 2013, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi kwoti ġenerali awtomatikament mill-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE skont it-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali rilevanti, lill-kont ta' detentur ta' operatur rilevanti miftuħ jew ibblukkat, filwaqt li jitqiesu l-modalitajiet tat-trasferiment awtomatiku speċifikat fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u tal-iskambju tad-dejta mogħtija fl-Artikolu 105.

3. Fejn kont ta' detentur ta' operatur eskluż ma jirċevix kwoti skont il-paragrafu 2, dawk il-kwoti ma għandhomx jiġu ttrasferiti lill-kont jekk imbagħad jitqiegħdu fi stat miftuħ.

4. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li operatur jista' jwettaq trasferimenti li jagħtu lura kwoti żejda lill-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE fejn l-amministratur ċentrali jkun għamel bidla fit-tabella ta' allokazzjonijeit nazzjonali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 52(2) biex jikkoreġi allokazzjoni żejda ta' kwoti lill-operatur, u l-awtorità kompetenti tkun talbet lill-operatur jrodd lura tali kwoti żejda.

Taqsima 5

Allokazzjoni lil Operaturi ta' inġenji tal-ajru

Artikolu 54

Dħul ta' tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni fl-EUTL

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika t-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni tiegħu għall-perjodu 2013-2020 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Settembru 2012. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni jinkludu l-informazzjoni stipulata fl-Anness XI.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex idaħħal it-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni fl-EUTL jekk iqis li t-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni hija konformi mad-Direttiva 2003/87/KE, b'mod partikolari mal-allokazzjonijiet ikkalkulati u ppubblikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 3e(4) tal-istess Direttiva. Inkella, għandha tirrifjuta t-tabella ta' allokazzjonijietjiet nazzjonali għall-avjazzjoni f'perjodu raġjonevoli, u tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex notifika sussegwenti tiġi aċċettata. Dak l-Istat Membru għandu jissottometti tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni riveduta lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur.

▼B

Artikolu 55

Tibdiliet għat-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni

1. L-amministratur nazzjonali għandu jagħmel tibdiliet fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni fl-EUTL fejn:

(a) operatur ta' inġenji tal-ajru jkun waqqaf l-operati kollha tiegħu koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE;

(b) operatur ta' inġenji tal-ajru jkun inqasam f'żewġ operaturi jew aktar ta' inġenji tal-ajru;

(c) żewġ operaturi jew aktar ta' inġenji tal-ajru jkunu għamlu fużjoni f'operatur wieħed ta' inġenji tal-ajru.

2. Stat Membri għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-bidliet fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni tiegħu, fir-rigward ta':

(a) kwalunkwe allokazzjoni mir-riżerva speċjali skont l-Artikolu 3f tad-Direttiva 2003/87/KE;

(b) kwalunkwe aġġustament wara l-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE;

(c) kull bidla oħra mhux imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex jagħmel it-tibdiliet korrispondenti fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni miżmuma fl-EUTL jekk iqis li t-tibdil għat-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni jkun skont id-Direttiva 2003/87/KE, b'mod partikolari mal-allokazzjonijiet ikkalkulati u ppubblikati skont l-Artikolu 3f(7) tal-istess Direttiva f'każ ta' allokazzjonijiet mir-riżerva speċjali. Inkella, għandha tirrifjuta t-tibdiliet f'perjodu raġjonevoli u tgħarraf lill-Istat Membru b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi l-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex notifika sussegwenti tiġi aċċettata.

4. Jekk fużjoni bejn operaturi ta' inġenji tal-ajru tinvolvi operaturi ta' inġenji tal-ajru li jkunu amministrati minn Stati Membri differenti, it-tibdil skont il-paragrafu 1(c) għandu jinbeda mill-amministratur nazzjonali li jkun jamministra l-operatur ta' inġenji tal-ajru li l-allokazzjoni tiegħu tkun ser tgħaddi b'fużjoni f'allokazzjoni ta' operatur ieħor ta' inġenji tal-ajru. Qabel ma jsir it-tibdil, għandu jinkiseb il-kunsens tal-amministratur nazzjonali li jkun jamministra l-operatur ta' inġenji tal-ajru li l-allokazzjoni tiegħu tkun ser tinkorpora l-allokazzjoni tal-operatur ta' inġenji tal-ajru li jkun għadda f'fużjoni.

Artikolu 56

Allokazzjoni b'xejn ta' kwoti tal-avjazzjoni

1. L-amministratur nazzjonali għandu jindika għal kull operatur ta' inġenji tal-ajru u għal kull sena jekk l-operatur ta' inġenji tal-ajru għandux jirċievi jew le allokazzjoni għal dik is-sena fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni.

▼B

2. Mill-1 ta' Frar 2013, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi kwoti tal-avjazzjoni awtomatikament mill-Kont ta' Allokazzjonijiet għall-Avjazzjoni tal-UE skont it-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali rilevanti, lill-kont ta' detentur ta' operatur rilevanti miftuħ jew ibblukkat, filwaqt li jitqiesu l-modalitajiet tat-trasferiment awtomatiku speċifikat fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u tal-iskambju tad-dejta mogħtija fl-Artikolu 105.

3. Fejn kont ta' detentur ta' operatur tal-avjazzjoni eskluż ma jirċevix kwoti skont il-paragrafu 2, dawk il-kwoti ma għandhomx jiġu ttrasferiti lill-kont jekk imbagħad jitqiegħdu fi stat miftuħ.

Artikolu 57

Ritorn ta' kwoti tal-avjazzjoni

Fejn bidla fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni ssir skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE wara t-trasferiment ta' kwoti lill-kontijiet ta' detentur ta' operatur tal-avjazzjoni għal sena ddeterminata skont l-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament, l-amministratur ċentrali għandu jwettaq kwalunkwe trasferiment meħtieġ, fi kwalunkwr miżura, adottat skont l-Artikolu 25a tad-Direttiva 2003/87/KE.

Taqsima 6

Użu tas-CERS u tal-ERUS

Artikolu 58

Detenturi ta' kreditu internazzjonali fir-Reġistru tal-Unjoni

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li s-CERs u l-ERUs marbutin ma' proġetti milqugħa fi Stati Membri jinżammu biss f'kontijiet tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni jekk il-ħruġ tagħhom ma kienx ipprojbit mill-Artikolu 11b tad-Direttiva 203/87/KE.

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-ERUs maħruġin fir-rigward ta' tnaqqis fl-emissjonijiet li jsir sal-31 ta' Diċembru, iżda mhux marbutin ma' proġetti milqugħa fi Stati Membri li jinvolvu attivitajiet mhux elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), iżda elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għandhom jinżammu biss fil-kontijiet tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni jekk jinħarġu qabel it-30 ta' April 2013.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-ERUs maħruġin wara l-31 ta' Diċembru 2012 fir-rigward ta' tnaqqis fl-emissjonijiet li jsir sal-31 ta' Diċembru 2012 u li jirrigwardaw proġetti f'pajjiżi terzi li ma għandhomx miri vinkolanti ta' emissjonijiet ikkwantifikati mill-2013 sal-2020 kif stipulat f'emenda għall-Protokoll ta' Kjoto skont l-Artikolu 3(9) tiegħu, jew li ma jkunux iddepożitaw strument ta' ratifika marbut ma' tali emenda għall-Protokoll ta' Kjoto, jinżammu

([1]) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 109.
([2]) OJ L 140, 5.6.2009, p. 63.

▼B

biss fil-kontijiet tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni fejn huma marbutina ma' tnaqqis fl-emissjonijiet ivverifikat skont il-proċedura ta' verifika taħt il-Kumitat Konġunt ta' Superviżjoni tal-Implimentazzjoni kif stipulat fid-Deċiżjoni 9/CMP.1 (skont l-hekk imsejħa "proċedura track 2"), jew, jekk tali verifika ma tkunx possibbli, jekk ikunu ġew iċċertifikati bħala maħruġin fir-rigward ta' tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun sar sal-31 ta' Diċembru 2012 minn entità akkreditata indipendenti skont id-Deċiżjoni 9/CMP.1.

3. L-amministratur ċentrali għandu jipprovdi lill-amministraturi nazzjonali b'lista ta' kontijiet tal-ETS detenturi ta' krediti internazzjonali li ma jistgħux jinżammu skont il-paragrafi 1 u 2 wara d-dati msemmija fihom. Abbażi ta' din il-lista, l-amministratur nazzjonali għandu jitlob lid-detentur tal-kont li jispeċifika kont tal-PK li fih għandhom jiġu ttrasferiti tali krediti internazzjonali.

Jekk id-detentur ta' kont ma jkunx għadu wieġeb għat-talba tal-amministratur fi żmien 40 jum tax-xogħol, l-amministratur għandu jittrasferixxi l-krediti internazzjonali f'kont tal-PK nazzjonali.

Artikolu 59

Dħul ta' tabelli ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali fl-EUTL

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika t-tabella tiegħu tal-intitolamenti ta' kreditu internazzjonali lill-Kummissjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 11a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tabella ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali tinkludi l-intitolament ta' kreditu internazzjonali inizjali totali għall-perjodu 2008-2020 għal kull operatur u għal kull operatur tal-avjazzjoni, u l-informazzjoni stipulata fl-Anness XII.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex idaħħal it-tabella ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali fl-EUTL jekk iqis li t-tabella ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali tkun konformi mad-Direttiva 2003/87/KE u l-miżuri adottati skont l-Artikolu 11a(8) tal-istess Direttiva. Inkella, il-Kummissjoni għandu tirrifjuta t-tabella ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali f'perjodu raġonevoli, u tgħarraf lill-Istat Membru b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġuniet tagħha u tistabbilixxi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex notifika sussegwenti tiġi aċċettata. Stat Membru għandu jissottometti tabella ta' intitolament ta' kreditu internazzjonali lill-Kummissjoni fi żmien xahar.

3. Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-bidliet fit-tabella tiegħu ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali, inkluži l-intitolamenti lil entranti ġodda. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex jagħmel il-bidliet meħtieġa fit-tabella ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali fl-EUTL jekk iqis li l-bidliet fit-tabella ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali jkunu konformi mad-Direttiva 2003/87/KE u l-miżuri adottati skont l-Artikolu 11a(8) tal-istess Direttiva. Inkella, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta t-tibdiliet f'perjodu raġjonevoli u tgħarraf lill-Istat Membru b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi l-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex notifika sussegwenti tiġi aċċettata.

▼B

Artikolu 60

Użu ta’ krediti internazzjonali permezz ta’ skambju tal-kwoti

1. Operatur jista' jitlob l-iskambju ta’ kreditu internazzjonali għal kwota ġenerali skont l-Artikolu 11a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE sal-31 ta’ Marzu 2015 u skont l-Artikolu 11a(3) u (4) tal-istess Direttiva sal-31 ta’ Diċembru 2020. Għandu jipproponi trasferiment ta’ krediti internazzjonali mill-kont ta’ detentur ta’ operatur rilevanti lill-Kont ta’ Kreditu Internazzjonali tal-UE għall-operaturi fir-Reġistru tal-Unjoni.

Operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jitlob l-iskambju ta’ kreditu internazzjonali għal kwota tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 11a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE sal-31 ta’ Marzu 2015 u skont l-Artikolu 11a(3) u (4) tal-istess Direttiva sal-31 ta’ Diċembru 2020. Għandu jipproponi trasferiment ta’ krediti internazzjonali mill-kont ta’ detentur ta’ operatur rilevanti lill-Kont ta’ Kreditu Internazzjonali tal-UE għall-operaturi tal-avjazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Fuq talba, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta’ krediti internazzjonali lill-Kont ta’ Kreditu Internazzjonali tal-UE rilevanti jekk:

(a) it-trasferiment huwa permess mill-istat tal-kont ta’ inizjazzjoni;

(b) it-tabella rilevanti ta’ intitolamenti ta’ kreditu internazzjonali tkun iddaħħlet fl-EUTL u l-operatur jew l-operatur tal-inġenju tal-ajru jkollu entrata fit-tabella skont l-Artikolu 59;

(c) l-għadd ta’ unitajiet proposti fit-trasferiment ma jaqbiżx l-intitolament ta’ kreditu li fadal skont l-Artikolu 61;

(d) l-unitajiet kollha proposti fit-trasferiment huma eliġibbli għall-użu skont l-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament, u kull miżura adottata skont l-Artikolu 11a(9) tad-Direttiva 2003/87/KE.

3. Wara t-tlestija tat-trasferiment skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni joħloq għadd ekwivalenti ta' allokazzjonijiet ġenerali fuq il-Kont ta' Skambju tal-Kreditu tal-UE għal operaturi u trasferimenti, f'isem l-awtorità kompetenti rilevanti, għadd ekwivalenti ta' allokazzjonijiet ġenerali lill-kont ta' detentur ta' operatur li minnu nbeda t-trasferiment.

Wara t-tlestija tat-trasferiment skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni joħloq għadd ekwivalenti ta' allokazzjonijiet tal-avjazzjoni kif xieraq fuq il-Kont ta' Skambju tal-Kreditu tal-UE għal operaturi tal-avjazzjoni u trasferimenti, f'isem l-awtorità kompetenti rilevanti, għadd ekwivalenti ta' allokazzjonijiet tal-avjazzjoni lill-kont ta' detentur ta' operatur li minnu nbeda t-trasferiment.

▼B

Artikolu 61

Kalkolu ta’ intitolamenti ta' kreditu internazzjonali li fadal

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jiddetermina, awtomatikament, l-intitolament ta' kreditu internazzjonali li fadal għal kull operatur jew operatur tal-avjazzjoni, billi jnaqqas mill-intitolament ta' kreditu internazzjoni totali inizjali indikat skont l-Artikolu 59:

(a) is-somma tas-CERs u l-ERUs kollha rinunzjati minn operatur jew operatur tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 219/2009;

(b) is-somma tas-CERs u l-ERUs kollha ttrasferiti lill-Kont ta’ Kreditu Internazzjonali tal-UE skont l-Artikolu 60 ta' dan ir-Regolament;

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jikkoreġi l-intitolamenti ta’ kreditu internazzjonali li fadal biex jirriflettu r-ritorni skont l-Artikolu 70.

Taqsima 7

Bejgħ bl-irkant

Artikolu 62

Dħul ta’ tabelli ta’ bejgħ bl-irkant fl-EUTL

1. Fi żmien xahar mid-determinazzjoni u l-pubblikazzjoni ta’ kalendarju ta’ bejgħ bl-irkant l-Artikoli 11(1), 13(1), 13(2) jew 32(4) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, il-pjattaforma rilevanti ta’ rkant għandha tipprovdi lill-Kummissjoni t-tabella korrispondenti ta’ bejgħ bl-irkant. Il-pjattaforma ta’ rkant għandu jipprovdi żewġ tabelli tal-irkant għal kull sena kalendarja mill-2012, waħda għall-irkant ta' kwoti ġenerali u oħra għall-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni, u għandha tiżgura li t-tabelli tal-irkant jinkludu l-informazzjoni stipulata fl-Anness XIII.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex idaħħal it-tabella tal-irkant fl-EUTL jekk iqis li t-tabella tal-irkant tkun konformi mar-Regolament (UE) Nru 1031/2010. Inkella, għandha tirrifjuta t-tabella tal-irkant f’perjodu raġonevoli u tgħarraf lill-pjattaforma ta’ rkant b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex notifika sussegwenti tiġi aċċettata. Il-pjattaforma ta’ rkant għandha tissottometti tabella riveduta tal-irkant lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur.

Artikolu 63

Tibdiliet fit-tabelli ta’ bejgħ bl-irkant

1. Il-pjattaforma rilevanti ta’ rkant għandha tinnotifika minnufih lill-Kummissjoni b’kull emenda meħtieġa għat-tabella ta’ bejgħ bl-irkant.

▼B

2. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex idaħħal it-tabella riveduta ta' bejgħ bl-irkant fl-EUTL jekk iqis li t-tabella riveduta ta' bejgħ bl-irkant tkun konformi mar-Regolament (UE) Nru 1031/2010. Inkella, għandha tirrifjuta t-tibdiliet f'perjodu raġonevoli u tgħarraf lill-pjattaforma ta' rkant b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex notifika sussegwenti tiġi aċċettata.

3. Il-Kummissjoni tista' tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex jissuspendi t-trasferiment ta' kwoti kif speċifikati f'tabella ta' bejgħ bl-irkant jekk isir jaf b'emenda meħtieġa għat-tabella ta' bejgħ bl-irkant li l-pjattaforma ta' rkant tkun naqset li tinnotifika.

Artikolu 64

Bejgħ bl-irkant ta' kwoti

1. Il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali, mingħajr wisq dewmien, biex jittrasferixxi fuq talba tal-irkantatur rilevanti, maħtur skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010, kwoti ġenerali mill-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE, u/jew kwoti tal-avjazzjoni mill-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE, għall-kont rilevanti ta' konsenja ta' oġġetti rkantati skont it-tabelli ta' bejgħ bl-irkant. Għal kwoti maħluqin minħabba bejgħ bl-irkantijiet skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali, mingħajr wisq dewmien, biex jittrasferixxi kwoti, fuq talba tal-irkantatur rilevanti, mill-kont li fih il-kwoti kienu nħolqu għall-kont stabbilit għal konsenja ta' oġġetti rkantati kif indikat fit-tabella rilevanti ta' bejgħ bl-irkant. L-għoti tat-tabella tal-irkant skont l-Artikolu 62 għandu jikkostitwixxi t-talba.

2. Id-detentur tal-kont rilevanti ta' konsenja ta' oġġetti rkantati għandu jiżgura t-trasferiment tal-kwoti rkantati lill-offerenti rebbieħa jew lis-suċċessuri tagħhom fit-titolu skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010.

3. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010, ir-rappreżentant awtorizzat ta' kont ta' konsenja ta' oġġetti rkantati jista' jkun jeħtieġlu jittrasferixxi kull kwota li ma tkunx ġiet ikkonsenjata mill-kont ta' konsenja ta' oġġetti rkantati għall-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE.

Taqsima 8

Negozjar

Artikolu 65

Trasferimenti ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto mibdijin b'kont ta' depożitu

1. Soġġett għall-paragrafu 2, fuq talba ta' detentur ta' kont ta' depożitu, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto għal kwalunkwe kont ieħor sakemm tali trasferiment ma jkunux ipprojbit mill-istat tal-kont li jkun qed jinbeda jew jirċievi.

▼B

2. Kontijiet ta' depożitu ta' operaturi, kontijiet ta' depożitu ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru, u kontijiet ta' depożitu ta' persuni, jistgħu biss jittrasferixxu kwoti jew unitajiet ta' Kjoto għal kont fuq il-lista ta' fiduċja mfassla skont l-Artikolu 26, ħlief:

(a) l-iskambju ta' krediti ta' internazzjonali skont l-Artikolu 60,

(b) ir-renunzja ta' kwoti skont l-Artikolu 67,

(c) it-tħassir ta' kwoti skont l-Artikolu 68,

(d) il-kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto skont l-Artikolu 69.

Artikolu 66

Trasferimenti ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto mibdijin b'kont ta' negozjar

Fuq talba ta' detentur ta' kont ta' negozjar, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto għal kont ta' depożitu jew ta' negozjar fir-Reġistru tal-Unjoni, sakemm tali trasferiment ma jkunx ipprojbit mill-istat tal-kont li jkun qed jinbeda.

Taqsima 9

Ir-rinunzja ta' kwoti

Artikolu 67

Ir-rinunzja ta' kwoti

1. Operatur jew operatur ta' inġenji tal-ajru għandhom jirrinunzjaw għal kwoti billi jipproponu lir-Reġistru tal-Unjoni li:

(a) jittrasferixxi għadd speċifikat ta' kwoti maħluqin għall-konformità fl-istess perjodu ta' negozjar mill-kont ta' depożitu rilevanti ta' operatur jew mill-kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru għall-kont tal-Unjoni għal tħassir ta' kwoti;

(b) jirreġistra l-għadd u t-tip ta' kwoti trasferiti bħala restitwiti għall-emissjonijiet tal-installazzjoni tal-operatur jew tal-emissjonijiet tal-operatur ta' inġenji tal-ajru fil-perjodu kurrenti.

2. Kwoti tal-avjazzjoni jistgħu jkunu rrinunzjati biss minn operaturi ta' inġenji tal-ajru.

3. Kwota li diġà ġiet irrinunzjata ma tistax terġa' tiġi rrinunzjata.

▼M2

4. Il-kwoti li jkollhom kodiċi tal-pajjiż skont l-Artikolu 41(4) ma jistgħux jiġu ċeduti.

▼B

Taqsima 10

It-tħassir ta' kwoti u l-kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto

Artikolu 68

Tħassir ta' kwoti

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq kull talba ta' detentur ta' kont skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE li jħassar kwoti miżmumin fil-kontijiet tad-detentur ta' kont, billi:

(a) jittrasferixxi għadd speċifiku ta' kwoti mill-kont rilevanti għall-kont tal-Unjoni għal tħassir ta' kwoti;

(b) jirreġistra l-għadd ta' kwoti trasferiti bħala mħassrin għas-sena kurrenti.

2. Kwoti mħassrin m'għandhomx ikunu rreġistrati bħala rrinunzjati għall-ebda emissjoni.

Artikolu 69

Kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwettaq kull talba ta' detentur ta' kont skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għall-kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto miżmumin fil-kontijiet tad-detentur ta' kont billi jittrasferixxi tip u għadd speċifiċi ta' unitajiet ta' Kjoto mill-kont rilevanti għall-kont ta' kanċellazzjoni tar-Reġistru KP tal-amministratur tal-kont jew għall-kont ta' kanċellazzjoni tar-Reġistru tal-Unjoni.

Taqsima 11

Treġġigħ Lura Ta' Tranżazzjoni

Artikolu 70

Treġġigħ lura ta' proċessi finalizzati mibdijin b'mod żbaljat

1. Jekk detentur ta' kont jew amministratur nazzjonali, li jaġixxi f'isem id-detentur ta' kont, jibda mingħajr intenzjoni jew bi żball waħda mit-tranżazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2, id-detentur ta' kont jista' jipproponi lill-amministratur tal-kont tiegħu li jreġġa' lura t-tranżazzjoni kompleta permezz ta' talba bil-miktub. It-talba għandha tkun iffirmata kif xieraq mir-rappreżentant awtorizzat jew mir-rappreżentanti awtorizzati tad-detentur ta' kont li jkunu awtorizzati jibdew it-tip ta' tranżazzjoni li jkollha titreġġa' lura u għandha tintbagħat bil-posta fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-finalizzazzjoni tal-proċess. It-talba għandu jkun fiha dikjarazzjoni li tindika li t-tranżazzjoni kienet inbdiet bi żball jew mingħajr intenzjoni.

2. Detenturi ta' kontijiet jistgħu jipproponu t-treġġigħ lura tat-tranżazzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-renunzja ta' kwoti;

(b) it-tħassir ta' kwoti;

▼B

(c) l-iskambju ta’ krediti internazzjonali.

3. Jekk l-amministratur tal-kont jistabbilixxi li t-talba tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-amministratur jaqbel mat-talba, jista’ jipproponi t-treġġigħ lura tat-tranżazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni.

4. Jekk amministratur nazzjonali jkun beda, mingħajr intenzjoni jew bi żball, waħda mit-tranżazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 5, jista' jipproponi lill-amministratur ċentrali li jwettaq treġġigħ lura tat-tranżazzjoni kompluta permezz ta’ talba bil-miktub. It-talba għandu jkun fiha dikjarazzjoni li tindika li t-tranżazzjoni kienet inbdiet bi żball jew mingħajr intenzjoni.

5. L-amministraturi nazzjonali jistgħu jipproponu t-treġġigħ lura tat-tranżazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-allokazzjoni ta' kwoti ġenerali;

(b) l-allokazzjoni ta' kwoti tal-avjazzjoni.

6. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jaċċetta l-proposta għat-treġġigħ lura magħmula skont il-paragrafi 1 u 4, jibblokka l-unitajiet li jkollhom ikunu ttrasferiti bit-treġġigħ lura u jressaq il-proposta għand l-amministratur ċentrali jekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) tranżazzjoni li tirrenunzja jew tħassar kwota li għandha titreġġa’ lura, ma tkunx tlestiet aktar minn 30 jum tax-xogħol qabel il-proposta tal-amministratur tal-kont skont il-paragrafu 3;

(b) l-ebda operatur ma jisfa mhux konformi għal sena preċedenti bħala riżultat tat-treġġigħ lura;

(c) il-kont ta’ destinazzjoni tat-tranżazzjoni li jkollha titreġġa’ lura jkun għad għandu l-ammont ta’ unitajiet tat-tip li kienu involuti fit-tranżazzjoni li tkun ser titreġġa’ lura;

(d) l-allokazzjoni ta’ kwoti ġenerali li jkollhom jitreġġgħu lura tkun saret wara d-data ta’ skadenza tal-permess għall-installazzjoni.

7. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jlesti t-treġġigħ lura għal unitajiet differenti tal-istess tip ta’ unità fil-kont ta’ destinazzjoni tat-tranżazzjoni li tkun qed titreġġa’ lura.

KAPITOLU 3

Rabtiet ma' skemi oħra ta’ negozjar ta’ kwoti ta’ gassijiet serra

Artikolu 71

Implimentazzjoni ta’ arranġamenti ta’ konnessjoni

L-amministratur ċentrali jista' joħloq kontijiet u proċessi u jwettaq tranżazzjonijiet u operazzjonijiet oħra f'mumenti xieraq biex jimplimenta arranġamenti mwettqa skont l-Artikolu 25(1b) tad-Direttiva 2003/87/KE.

▼B

TITOLU 3

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAR-REĠISTRI TAL-PK

Artikolu 72

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' persuna fir-reġistri tal-PK

Talba għal kont ta' depożitu ta' persuna f'reġistru tal-PK għandha tkun sottomessa lill-amministratur nazzjonali mid-detentur prospettiv ta' kont. Id-detentur prospettiv ta' kont għandu jipprovdi l-istess informazzjoni kif meħtieġa mill-amministratur nazzjonali skont l-Artikolu 18.

Artikolu 73

Eżekuzzjoni ta' trasferimenti

Għal kull trasferiment minn kontijiet ta' reġistri tal-PK, għandhom japplikaw l-Artikoli 38, 39, 65 u 66.

▼M1

Artikolu 73a

Trasferiment ta' CERs u ERUs skambjati fl-EU ETS

1. L-amministratur ċentrali għandu jinforma lil kull amministratur nazzjonali bl-għadd ta' CERs u ERUs validi għall-ewwel perjodu ta' impenn trasferiti skont l-Artikolu 60 minn kontijiet ta' depożitu ta' operatur u kontijiet ta' depożitu ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru amministrati mill-Istat Membru. Ma' dak l-għadd, l-amministratur ċentrali għandu jżid porzjon tal-għadd ta' CERs u ERUs validi għall-ewwel perjodu ta' impen trasferiti skont l-Artikolu 60 minn kontijiet ta' depożitu ta' operaturi u kontijiet ta' depożitu ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru amministrati mill-Istat Membri mingħajr reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto fl-ewwel perjodu ta' impenn, proporzjonalment għal-limiti numeriċi rispettivi tal-Istati Membri għat-trasferiment ta' CERs u ERUs mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn.

2. Skont l-ewwel perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto msemmi fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, qabel tmiem il-perjodu addizzjonali ta' twettiq tal-impenji, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi lil kull reġistru nazzjonali tal-Protokoll ta' Kjoto għadd ta' CERs u ERUs validi għall-ewwel perjodu ta' impenn mill-Kontijiet ta' Kreditu Internazzjonali tal-UE li jkun ugwali għall-għadd totali stabbilit skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jipprevjeni t-tranżazzjonijiet kollha ta' unitajiet trasferiti skont il-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni ta':

(a) il-kanċellazzjoni ta' unitajiet skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

(b) l-irtirar ta' unitajiet skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

▼M1

(c) it-trasferiment ta' unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

(d) it-trasferiment ta' unitajiet f'reġistru wieħed tal-Protokoll ta' Kjoto.

4. Immedjatament wara t-trasferiment li jitwettaq skont il-paragrafu 2, kull amministratur nazzjonali għandu jittrasferixxi għadd ta' AAUs fil-kont ta' depożitu tal-Parti rilevanti fir-Reġistru tal-Unjoni li jkun ugwali għall-għadd ta' krediti trasferiti lura lil dak l-Istat Membru skont il-paragrafu 2.

Artikolu 73b

Ħruġ u Depożitu ta' AAUs

1. Qabel it-tranżazzjoni ta' rtirar skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], l-amministratur ċentrali għandu:

(a) joħroġ għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-ammont mogħti mill-Unjoni stabbilit skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339 [2] fil-Kont ta' AAU tal-UE fir-Reġistru tal-Unjoni;

(b) jittrasferixxi immedjatament għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-għadd ta' kwoti ġenerali maħluqa skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/634/UE [3] mill-Kont ta' AAU tal-UE għall-Kont ta' Depożitu ta' AAU tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Skont l-Artikolu 31, mill-inqas tliet xhur qabel l-għeluq tal-Kont tal-Konformità mad-Deċiżjoni tal-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD) għall-2020, kull amministratur nazzjonali għandu:

(a) joħroġ għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-ammont mogħti mill-Istat Membru rispettiv tiegħu stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Ratifika fil-Kont ta' depożitu tal-Parti fir-Reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tiegħu;

(b) jittrasferixxi immedjatament għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-għadd korrispondenti ta' AEAs għall-allokazzjoni tal-emissjonijiet annwali għall-Istat Membru tiegħu għas-snin kollha skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE kif inhu stabbilit qabel kull emenda skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 mill-Kont ta' depożitu tal-Parti għall-Kont ta' Depożitu ta' AAU tal-ESD fir-Reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tiegħu.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-impenji taħtha (ĠU L 207, 4.8.2015, p. 1).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/634/UE tat-22 ta' Ottubru 2010 li taġġusta l-kwantità ta' kwoti li se jinħarġu għall-Unjoni kollha skont l-Iskema tal-Unjoni għall-2013 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/384/UE (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 34).

▼M1

3. Qabel ma jitlestew il-proċessi ta' kklerjar skont l-Artikolu 73f, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-EUTL) jipprevjeni t-tranżazzjonijiet kollha ta' AAUs mill-Kont ta' Depożitu ta' AAU tal-ETS jew mill-Kontijiet ta' Depożitu ta' AAU tal-ESD, bl-eċċezzjoni ta':

(a) il-kanċellazzjoni jew l-irtirar ta' għadd ta' AAUs li jkun inqas jew ugwali għall-għadd ta' AEAs trasferiti għall-Kont ta' Tħassir tal-ESD skont l-Artikolu 88(2);

(b) l-irtirar ta' għadd ta' AAUs skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, li jkun ugwali għall-għadd ta' AEAs trasferiti għall-Kont ta' Tħassir tal-ESD skont l-Artikolu 31(4) ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-kwantità ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mdaħħla fil-Kont tal-Konformità mal-ESD skont l-Artikolu 77 ta' dan ir-Regolament;

(c) il-kanċellazzjoni jew it-trasferiment ta' għadd ta' AAUs li jkun inqas jew ugwali għall-għadd ta' AEAs trasferiti għall-Kont ta' Tħassir tal-ESD skont l-Artikolu 31(4) li jaqbeż il-kwantità ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mdaħħla fil-Kont tal-Konformità tal-ESD skont l-Artikolu 77;

(d) it-trasferimenti meħtieġa għall-finijiet tal-proċessi ta' kklerjar skont l-Artikolu 73f;

(e) il-konverżjoni ta' AAUs f'ERUs, sakemm l-għadd ta' AEAs ikun daqs l-għadd ta' AAUs li jridu jiġu kkonvertiti flimkien mal-għadd ta' ERUs meħtieġa biex jissodisfaw l-imposta tas-sehem tar-rikavat imsemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 jiġi trasferit għall-Kont ta' Tħassir tal-ESD skont l-Artikolu 31(4) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 73c

Trasferiment u użu ta' unitajiet

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jipprevjeni t-tranżazzjonijiet li jinvolvu s-CERs, l-ERUs, it-tCERs u l-lCERs li ntużaw skont l-Artikolu 81, bl-eċċezzjoni ta':

(a) it-trasferiment ta' unitajiet mill-Kont tal-Konformità tal-ESD fir-Reġistru tal-Unjoni fir-reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto tal-Istat Membru rilevanti skont l-Artikolu 31(3);

(b) l-irtirar ta' unitajiet skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

(c) it-trasferiment ta' unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013;

2. Mat-tlestija tat-trasferiment tal-unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jipprevjeni l-użu ta' CERs, ERUs, tCERs jew lCERs skont l-Artikolu 81 ta' dan ir-Regolament sakemm dawk l-unitajiet ikunu validi għat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto.

▼M1

Artikolu 73d

Kanċellazzjoni ta' unitajiet

1. Wara li jitlestew it-trasferimenti tal-unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-amministratur ċentrali għandu jikkanċella s-CERs u l-ERUs kollha li jibqgħu fil-Kont ta' Twarrib ta' Ċediment tal-Avjazzjoni.

2. Wara li jitlestew it-trasferimenti tal-unitajiet mill-ewwel għat-tieni perjodu ta' impenn skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-amministratur ċentrali għandu jitlob lill-amministraturi nazzjonali biex jikkanċellaw is-CERs u l-ERUs validi għall-ewwel perjodu ta' impenn għall-Protokoll ta' Kjoto miżmuma f'kontijiet tal-ETS li jiġu amministrati jew ikkanċellati fir-Reġistru tal-Unjoni.

Artikolu 73e

Irtirar ta' unitajiet

Jekk l-emissjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE jaqbżu l-ammont mogħti lill-Unjoni stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Ratifika, l-ammistratur ċentrali għandu jirtira l-AAUs mill-Kont tal-PPSR tal-UE.

Artikolu 73f

Trasferiment fir-Reġistru tal-Unjoni

L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi l-AAUs kollha mill-Kont għall-Ikklerjar Ċentrali tal-ETS u l-AAUs trasferiti skont l-Artikolu 73a(4) ta' dan ir-Regolament għall-Kont tal-PPSR tal-UE stabbilit skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.

Artikolu 73g

Proċessi ta' Kklerjar

1. Fi żmien sitt xhur mill-għeluq skont l-Artikolu 31 tal-Kont tal-Konformità mal-ESD għall-2020, l-amministratur ċentrali għandu jikkalkula valur ta' kklerjar għal kull Stat Membru billi jnaqqas it-trasferimenti netti ta' AEAs mill-akkwisti netti ta' AEAs bejn l-Istati Membri matul il-perjodu 2013-2020.

2. Jekk Stat Membru jkollu valur ta' kklerjar negattiv skont il-paragrafu 1, l-amministratur nazzjonali rilevanti għandu jittrasferixxi għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-valur ta' kklerjajr mill-Kont ta' Depożitu AAU tal-ESD tagħhom għall-Kont għall-Ikklerjajr Ċentrali tal-ESD.

3. Jekk Stat Membru jkollu valur ta' kklerjar pożittiv skont il-paragrafu 1 u wara li jsiru t-trasferimenti kollha skont il-paragrafu 2, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi għadd ta' AAUs li jkun ugwali għall-valur ta' kklerjar ta' Kont ta' depożitu tal-Parti tal-Istat Membru rilevanti.

▼M1

4. Qabel ma jsir it-trasferiment imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-amministratur nazzjonali rilevanti għandu l-ewwel jittrasferixxi l-għadd ta' AAUs meħtieġa biex jissodisfaw is-sehem tar-rikavat applikat għall-ewwel trasferimenti internazzjonali ta' AAUs skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.

▼B

TITOLU 4

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAT-TRANŻAZZJONIJIET TA' KONTABBILTÀ SKONT ID-DEĊIŻJONI NRU 406/2009

Artikolu 74

Il-ħolqien ta' AEAs

1. Fil-bidu tal-perjodu ta' konformità, l-amministratur ċentrali għandu joħloq fil-Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-UE għadd ta' AEAs ugwali għas-somma tal-kwoti ta' emissjonijiet annwali għall-Istati Membri kollha għas-snin kollha tal-perjodu ta' konformità kif iddeterminat fid-Deċiżjonijiet adottata skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jassenja lil kull AEA kodiċi uniku ta' unità ta' identifikazzjoni mal-ħolqien tagħha.

Artikolu 75

Unitajiet ta' allokazzjoni ta' emissjonijiet annwali

L-AEAs għandhom ikunu validi biss għall-finijiet tal-ilħiq tar-rekwiżiti tal-Istati Membri għal-limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, u għandhom ikunu ttrasferibbli biss skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(3), (4) u (5) ta' dik id-Deċiżjoni.

Artikolu 76

Trasferiment ta' AEAs lil kull Kont ta' Konformità tal-ESD

Fil-bidu ta' kull perjodu ta' konformità, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi kwantità tal-AEAs li jikkorrispondu għall-allokazzjoni ta' emissjonijiet annwali għal kull Stat Membru għal kull sena, kif inhu ddeterminat fid-Deċiżjonijiet adottati skont l-Artikoli 3(2) u 10 tad-Deċizjoni Nru 406/2009/KE, mill-Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-UE fil-Kont ta' Konformità tal-ESD.

Artikolu 77

Dħul tad-dejta rilevanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra

1. Malli tkun disponibbli d-dejta rilevanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal sena ddeterminata tal-perjodu ta' konformità għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-amministratur ċentrali għandu jdaħħal, mingħajr wisq dewmien, il-kwantità totali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra espressi f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju għal kull Stat Membru fil-Kont ta' Konformità tal-ESD għal dik is-sena ta' konformità ddeterminata.

▼B

2. L-amministratur ċentrali għandu jdaħħal ukoll is-somma tad-dejta rilevanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra għall-Istati Membri kollha għal sena ddeterminata fil-Kont ta’ Kwantità Totali tal-AEAs tal-UE.

Artikolu 78

Kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta’ konformità tal-ESD

1. Wara d-dħul tad-dejta rilevanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 77, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula l-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-ESD rispettiv billi titnaqqas il-kwantità totali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra espressi f'tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbonju fil-Kont ta' Konformità rispettiva tal-ESD, mis-somma tal-AEAs kollha fl-istess Kont ta' Konformità tal-ESD.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni juri l-bilanċ ta' kull Kont ta' Konformità tal-ESD.

Artikolu 79

Determinazzjoni taċ-ċifri ta' stat tal-konformità

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, wara d-dħul tad-dejta rilevanti dwar l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra skont l-Artikolu 77, u wara perjodu ta' żmien kif stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-użu ta' flessibbiltajiet skont l-Artikoli 3 da 5 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, ir-Reġistru tal-Unjoni jiddetermina ċ-ċifra tal-istat ta’ konformità għal kull Kont ta' Konformità tal-ESD billi jikkalkola s-somma tal-AEAs kollha, il-krediti internazzjonali, it-tCERs u l-lCERs, li minn din is-somma titnaqqas il-kwantità totali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra espressa f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' dijossidu ta' karbonju fl-istess Kont ta' Konformità tal-ESD.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jirreġistra ċ-ċifra ta’ stat tal-konformità għal kull Kont ta' Konformità tal-ESD.

Artikolu 80

Applikazzjoni tal-Artikolu 7(1)(a) u (c) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE

1. Fejn iċ-ċifra tal-istat tal-konformità ddeterminata skont l-Artikolu 79 tkun negattivi, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi l-kwantità żejda tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra, espressa f'tunnellati ta’ ekwivalenti ta’ dijossidu tal-karbonju mmoltiplikat mill-fattur ta’ taffija speċifikat fl-Artikolu 7(1)(a) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE minn Kont ta’ Konformità tal-ESD ta' Stat Membru għal sena ddeterminata lill-Kont ta’ Konformità tal-ESD għas-sena ta’ wara.

▼B

2. Fl-istess ħin, l-amministratur ċentrali għandu jibblokkja l-Kontijiet ta' Konformità tal-ESD li jikkorrispondu mas-snin li fadal tal-perjodu ta' konformità, tal-Istat Membru kkonċernati.

3. L-amministratur ċentrali għandu jibdel l-istat tal-Kont ta' Konformità tal-ESD minn ibblukkat għal miftuħ għas-snin kollha li fadal tal-perjodu ta' konformità sa mis-sena li għaliha ċ-ċifra tal-istat ta' konformità ddeterminata skont l-Artikolu 79 turi l-konformità.

Artikolu 81

Użu ta' krediti internazzjonali, tCERs u lCERs

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta' krediti internazzjonali, tCERs jew lCERs għall-Kont ta' Konformità tal-ESD tal-istess Stat Membru għal sena ddeterminata tal-perjodu ta' konformità. Tali trasferiment ma għandu jsir fejn:

(a) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa qabel il-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-ESD jew wara d-determinazzjoni taċ-ċifra tal-istat tal-konformità għas-sena ddeterminata; or

(b) il-kundizzjonijiet stipulata fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE ma jiġux sodisfatti.

Artikolu 82

Tmexxija 'l quddiem ta' AEAs

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta' AEAs għall-Kont ta' Konformità tal-ESD tal-istess Stat Membru, għal sena ddeterimanta tal-perjodu ta' konformità, mill-Kont ta' Konformità tal-ESD tiegħu għas-sena ta' wara tal-perjodu ta' konformità. Tali trasferiment ma għandux jsir fejn:

(a) it-talba tal-Istat Membru tiġi sottomessa qabel il-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-ESD jew wara d-determinazzjoni taċ-ċifra tal-istat tal-konformità għas-sena ddeterminata; jew

(b) l-ammont ittrasferit jaqbeż il-5 % mill-allokazzjoni ta' emissjonijiet annwali tas-sena ta' wara, kif iddeterminata skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, jew perċentwal ogħla jekk tmexxija 'l quddiem miżjuda tkun ingħatat mill-Kummissjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

Artikolu 83

Tmexxija 'l hemm ta' AEAs

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta' AEAs għall-Kont ta' Konformità tal-ESD tal-istess Stat Membru, għal sena ddeterimanta tal-perjodu ta' konformità, mill-Kont ta' Konformità tal-ESD tiegħu għas-snin ta' wara tal-perjodu ta' konformità. Tali trasferiment ma għandux jsir fejn:

▼B

(a) it-talba tal-Istat Membru ġiet sottomessa qabel il-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-ESD għas-sena ddeterminata;

(b) l-ammont ittrasferit jaqbeż il-bilanċ pożittiv tal-kont kif ikkalkulat skont l-Artikolu 8; jew

(c) l-istat tal-Kont ta' Konformità tal-ESD li jibda t-trasferiment ma jippermettix it-trasferiment.

Artikolu 84

Tmexxija 'l hemm tal-intitolament ta' kreditu mhux użat

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment tal-intitolament ta' kreditu mhux użat, kollu jew partijiet minnu, mill-Kont ta' Konformità tal-ESD tal-istess Stat Membru, għal sena ddeterimanta tal-perjodu ta' konformità, għall-Kont ta' Konformità tal-ESD tiegħu għal kwalunwke sena ta' wara tal-perjodu ta' konformità. Tali trasferiment ma għandux isir fejn it-trasferiment jinbeda qabel id-determinazzjoni taċ-ċifra tal-istat tal-konformità għas-sena ddeterminata.

Artikolu 85

Trasferimenti sa 5 % ta' allokazzjoni ta' emissjonijiet annwali ta' Stat Membru

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta' AEAs mill-Kont ta' Konformità tal-ESD għal sena ddeterminata tal-istess Stat Membru għall-Kont ta' Konformità tal-ESD ta' Stat Membru ieħor. Tali trasferiment ma għandux jsir fejn:

(a) l-ammont ittrasferit jaqbeż il-5 % tal-allokazzjoni ta' emissjonijiet annwali tas-sena ddeterminata tal-Istat Membru li jibda t-trasferiment kif iddeterminat skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE jew l-ammont disponibbli li fadal;

(b) l-Istat Membru jkun talab trasferiment lill-Kont ta' Konformità tal-ESD għal sena preċedenti għas-sena ddeterminata, jew

(c) l-istat tal-Kont ta' Konformità tal-ESD li jibda t-trasferiment ma jippermettix it-trasferiment.

Artikolu 86

Trasferimenti wara l-kalkolu tal-bilanċ tal-Kont ta' Konformità tal-ESD

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta' Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment ta' AEAs mill-Kont ta' Konformità tal-ESD għal sena ddeterminata tal-istess Stat Membru għall-Kont ta' Konformità tal-ESD ta' Stat Membru ieħor. Tali trasferiment ma għandux jsir fejn:

(a) it-talba tal-Istat Membru ġiet sottomessa qabel il-kalkolu tal-bilanċ tal-kont skont l-Artikolu 78;

(b) l-ammont ittrasferit jaqbeż il-bilanċ pożittiv tal-kont kif ikkalkulat skont l-Artikolu 78; jew or

▼B

(c) l-istat tal-Kont ta’ Konformità tal-ESD li jibda t-trasferiment ma jippermettix it-trasferiment.

Artikolu 87

Trasferiment sa 3 % tal-intitolament ta’ kreditu

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fuq talba ta’ Stat Membru, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq trasferiment tal-intitolament ta’ kreditu, sħiħ jew partijiet minnu, mill-Kont ta’ Konformità tal-ESD għal sena ddeterminata tal-istess Stat Membru, għall-Kont ta’ Konformità tal-ESD ta' Stat Membru ieħor. Tali trasferiment ma għandux jsir fejn:

(a) it-talba tal-Istat Membru ġiet sottomessa qabel il-kalkolu taċ-ċifra tal-istat tal-konformità għas-sena ddeterminata;

(b) il-kwantità ttrasferita taqbeż il-kwantità permessa ta' Stat Membru ugwali għal 3 % kif speċifikat skont l-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, li minnha titnaqqas is-somma tal-krediti internazzjonali, it-tCERs u l-lCERs miżmuma fil-Kont ta' Konformità tal-ESD fil-mument tad-determinazzjoni taċ-ċifri tal-istat tal-konformità skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament; or

(c) l-istat tal-Kont tal-Konformità tal-ESD li jibda t-trasferiment ma jippermettix it-trasferiment.

Artikolu 88

Aġġustamenti

1. F'każ ta' aġġustamenti skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE jew ta' kwalunkwe modifika oħra tas-somma speċifikata fl-Artikolu 74 ta' dan ir-Regolament li tkun twassal għal żieda fl-allokazzjoni tal-emissjonijiet annwali ta' Stat Membru waqt il-perjodu ta' konformità, l-amministratur ċentrali għandu joħloq l-ammont korrispondenti tal-AEAs fil-Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-UE, u jittrasferih fil-Kont ta' Konformità tal-ESD rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat.

2. F'każ ta' aġġustamenti skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE jew ta' kwalunkwe modifika oħra tas-somma speċifikata fl-Artikolu 74 ta' dan ir-Regolament li tkun twassal għal tnaqqis fl-allokazzjoni tal-emissjonijiet annwali ta' Stat Membru waqt il-perjodu ta' konformità, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi l-ammont korrispondenti tal-AEAs mill-Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-UE, għall-Kont ta’ Tħassir tal-ESD.

Artikolu 89

Sostituzzjoni ta’ tCERs u lCERs

1. Fejn tCER jew lCER ikollu jiġi ssostitwit waqt li jkun fir-Reġistru tal-Unjoni, l-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 5(1)(d) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għandu jitlob it-trasferiment ta’ unità ta' Kjoto mir-Reġistru tal-PK tiegħu lill-kont ta’ detentur tal-Parti rilevanti fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. lCER skadut ma għandux jitqies fid-determinazzjoni taċ-ċifra tal-konformità skont l-Artikolu 79.

▼B

Artikolu 90

Eżekuzzjoni u treġġija lura ta' trasferimenti

1. Għal kull trasferiment speċifikat f'dan it-Titolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 38, 39, 65 u 66.

2. Trasferimenti lill-Kontijiet ta' Konformità tal-ESD mibdija bi żball jistgħu jitreġġgħu lura fuq talba tal-amministratur nazzjonali. F'tali każijiet, għandhom japplikaw l-Artikoli 70(4), (6) u (7).

TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI KOMUNI

KAPITOLU 1

Rekwiżiti tekniċi tas-sistema tar-reġistri

Taqsima 1

Disponibbiltà

Artikolu 91

Disponibbiltà u affidabbiltà tar-Reġistru tal-Unjoni u tal-EUTL

1. L-amministratur ċentrali għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli biex jiżgura li:

(a) ir-Reġistru tal-Unjoni jkun disponibbli għall-aċċess minn rappreżentanti u amministraturi nazzjonali 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa;

(b) il-konnessjonijiet ta' komunikazzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 bejn ir-Reġistru tal-Unjoni, l-EUTL u l-ITL jibqgħu miftuħin u mantenuti għal 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa;

(c) ikunu pprovduti hardware u software ta' riżerva meħtieġa f'każ li operati tal-hardware u s-software primarji jfallu;

(d) ir-Reġistru tal-Unjoni u l-EUTL iwieġbu fil-pront għal talbiet magħmulin minn rappreżentanti ta' kontijiet.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni u l-EUTL jinkorporaw sistemi u proċeduri b'saħħithom biex titħares iddejta kollha rilevanti u jitħaffef l-irkupru fil-pront ta' dejta u operazzjonijiet f'każ ta' falliment jew diżastru.

3. L-amministratur ċentrali għandu jżomm għall-minimu l-interruzzjonijiet fl-operat tar-Reġistru tal-Unjoni u tal-EUTL.

Artikolu 92

Helpdesks

1. L-amministraturi nazzjonali għandhom jipprovdu assistenza u appoġġ lid-detenturi u rappreżentanti ta' kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni li jkunu amministrati minnhom permezz ta' helpdesks nazzjonali.

▼B

2. L-amministratur ċentrali għandu jipprovdi appoġġ lill-amministraturi nazzjonali permezz ta' helpdesk ċentrali biex jgħinhom jipprovdu assistenza skont il-paragrafu 1.

Taqsima 2

Sigurtà u awtentikazzjoni

Artikolu 93

Awtentikazzjoni tar-Reġistru tal-Unjoni u tar-reġistri tal-PK

1. L-identità tar-Reġistru tal-Unjoni għandha tkun awtentikata mill-EUTL filwaqt li jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105.

2. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jużaw iċ-ċertifikati diġitali maħruġin mis-Segretarjat tal-UNFCCC, jew entità maħtura minnu, biex jawtentikaw ir-reġistri tal-PK tagħhom għall-ITL għall-finijiet tal-istabbiliment ta' konnessjoni ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7.

Artikolu 94

Aċċess għal kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Ir-rappreżentanti ta' kontijiet irid ikollhom aċċess għall-kontijiet tagħhom fir-Reġistru tal-Unjoni permezz taż-żona sikura tar-Reġistru tal-Unjoni. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li ż-żona sikura tal-websajt tar-Reġistru tal-Unjoni tkun aċċessibbli permezz tal-internet. Il-websajt tar-Reġistru tal-Unjoni għandu jkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

2. Wara l-ftuħ ta' kont ta' pjattaforma skont l-Artikolu 14(1) jew l-Artikolu 20(1), l-amministratur ċentrali għandu jistabbilixxi l-konnettività bejn il-pjattaforma u r-Reġistru tal-Unjoni. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni, fejn jista' jkun hemm aċċess permezz ta' pjattaformi esterni skont l-Artikolu 21(4) u fejn rappreżentant awtorizzat wieħed ikun ukoll ir-rappreżentant awtorizzat ta' kont ta' pjattaforma esterna, ikunu aċċessibbli għall-pjattaforma esterna għan-negozjar operata mid-detentur ta' dak il-kont ta' pjattaforma esterna għan-negozjar.

3. Il-komunikazzjonijiet bejn rappreżentanti awtorizzati jew pjattaformi u ż-żona sikura tar-Reġistru tal-Unjoni għandhom ikunu kriptati skont ir-rekwiżiti ta' sigurtà stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105.

4. L-amministratur ċentrali għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura li ma jsirx aċċess mhux awtorizzat fiż-żona sikura tal-websajt tar-Reġistru tal-Unjoni.

5. Jekk is-sigurtà tal-kredenzjali ta' rappreżentant awtorizzat jew ta' rappreżentant awtorizzat addizzjonali tkun ġiet kompromessa, ir-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali għandu minnufih jissuspendi l-aċċess għall-kont relevanti, u jgħarraf lill-amministratur tal-kont dwar dan u jitlob sostitut.

▼B

Artikolu 95

Awtentikazzjoni u awtorizzazzjoni ta' rappreżentanti awtorizzati fir-Reġistru tal-Unjoni

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni joħroġ isem tal-utent u password lil kull rappreżentant awtorizzat u rappreżentant awtorizzat addizzjonali biex jawtentikahom għall-finijiet ta' aċċess għar-Reġistru.

2. Rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali għandu jkollu aċċess biss għal kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni li għalihom ikun awtorizzat u għandu jkun jista' jitlob biss li jinbdew proċessi li għalihom huwa jkun awtorizzat skont l-Artikolu 23. Dak l-aċċess jew talba għandhom isiru permezz ta' żona sikura fil-websajt tar-Reġistru tal-Unjoni.

3. Minbarra isem l-utent u l-password imsemmija fil-paragrafu 1, rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali għandhom jużaw awtentikazzjoni sekondarja biex jaċċessaw ir-Reġistru tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu t-tipi ta' mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni sekondarja stipulati fl-ispeċifikazzjoni tekniċi u ta' skambju tad-dejta stipulati fl-Artikolu 105.

4. L-amministratur ta' kont jista' jassumi li min juża kont u jkun irnexxilu jiġi awtentikat mar-Reġistru tal-Unjoni jkun ir-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali reġistrat skont il-kredenzjali ta' awtentikazzjoni pprovduti, sakemm ir-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali ma jgħarrafx lill-amministratur tal-kont li s-sigurtà tal-kredenzjali tiegħu jkunu ġew kompromessi u jitlob li l-kredenzjali tiegħu jinbidlu.

5. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex ma jħallix li l-kredenzjali tiegħu jintilfu, jinsterqu jew ikunu kompromessi. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jirrapporta minnufih lill-amministratur nazzjonali meta l-kredenzjali tiegħu jintilfu, jinsterqu jew ikunu kompromessi.

Artikolu 96

Sospensjoni ta' kull aċċess minħabba ksur ta' sigurtà jew riskju għas-sigurtà

1. Il-Kummissjoni tista' tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex jissuspendi aċċess għar-Reġistru tal-Unjoni jew għall-EUTL jew għal kwalunkwe parti minnhom fejn ikollha suspett raġonevoli li jkun hemm ksur ta' sigurtà tar-Reġistru tal-Unjoni jew tal-EUTL jew li jkun jeżisti riskju gravi għas-sigurtà tar-Reġistru tal-Unjoni jew tal-EUTL li jhedded l-integrità tas-sistema, li tinkludi l-faċilitajiet ta' riżerva msemmijin fl-Artikolu 91.

2. Fil-każ ta' ksur ta' sigurtà jew ta' riskju għas-sigurtà li jistgħu jwasslu għal sospensjoni ta' aċċess, amministratur li jsir jaf bil-ksur jew bir-riskju għandu jgħarraf minnufih lill-amministratur ċentrali b'kull riskju li jkun hemm għal partijiet oħra tar-Reġistru tal-Unjoni. L-amministratur ċentrali għandu jgħarraf b'dan lill-amministraturi nazzjonali kollha.

▼B

3. Jekk amministratur nazzjonali jsir jaf b'sitwazzjoni li tkun tirrikjedi s-sospensjoni tal-aċċess kollu għall-kontijiet li jġestixxi skont dan ir-Regolament, għandu jgħarraf lill-amministratur ċentrali u lid-detenturi tal-kontijiet b'tali avviż minn qabel tas-sospensjoni kif ikun prattiku. L-amministratur ċentrali għandu jgħarraf lill-amministraturi nazzjonali kollha b'dan malajr kemm jista' jkun.

4. L-avviż imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jinkludi kemm aktarx tkun ser iddum is-sospensjoni, u għandu jittella' għall-wiri fiż-żona pubblika tal-websajt tal-EUTL.

Artikolu 97

Sospensjoni ta' aċċess għal kwoti jew unitajiet ta' Kjoto fil-każ ta' suspett ta' tranżazzjoni frawdolenti

1. Amministratur nazzjonali jew amministratur nazzjonali li jaġixxi fuq talba tal-awtorità kompetenti jista' jissuspendi aċċess għal kwoti jew unitajiet ta' Kjoto fil-parti tar-Reġistru tal-Unjoni li jamministra:

(a) għal perjodu massimu ta' erba' ġimgħat jekk jissuspetta li l-kwoti jew l-unitajiet ta' Kjoto kienu soġġetti għal tranżazzjoni li tikkostitwixxi frodi, ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew reati gravi oħra, jew

(b) skont u abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jfittxu għan leġittimu.

2. Il-Kummissjoni tista' tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex jissuspendi aċċess għal kwoti jew unitajiet ta' Kjoto fir-Reġistru tal-Unjoni jew tal-EUTL għal perjodu massimu ta' erba' ġimgħat jekk tissuspetta li l-kwoti jew l-unitajiet ta' Kjoto kienu soġġetti għal tranżazzjoni li tikkostitwixxi frodi, ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew reat gravi oħra.

3. L-amministratur nazzjonali jew il-Kummissjoni għandhom jgħarrfu minnufih lill-awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi dwar is-sospensjoni.

4. Awtorità nazzjonali tal-liġi tal-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali tista' wkoll tagħti istruzzjoni lill-amministratur biex jimplimenta sospensjoni skont u abbażi tad-dritt nazzjonali.

Artikolu 98

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u notifika ta' ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew attività kriminali

1. L-amministratur nazzjonali, id-diretturi tiegħu u l-impjegati tiegħu għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti relevanti biex jiġu stabbiliti proċeduri adegwati u xierqa biex jantiċipaw u ma jħallux ikun hemm operazzjonijiet relatati ma' ħasil tal-flus jew iffinanzjar tat-terroriżmu.

▼B

2. L-amministratur nazzjonali, id-diretturi tiegħu u l-impjegati tiegħu għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) imsemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2005/60/KE, billi minnufih:

(a) jgħarrfu lill-UIF, fuq inizjattiva proprja, fejn ikunu jafu, jissuspettaw jew ikollhom motivi raġonevoli biex jissuspettaw li jkunu qed isiru jew li kienu saru jew li kien sar attentat ta' ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terroriżmu jew attività kriminali;

(b) jipprovdu lill-UIF, fuq talba tagħha, bl-informazzjoni kollha meħtieġa, skont il- proċeduri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tintbagħat lill-UIF tal-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali. Il-miżuri nazzjonali li jittrasponu l-politiki u l-proċeduri ta' ġestjoni u komunikazzjoni tal-konformità, msemmijin fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2005/60/KE, għandhom jagħżlu l-persuna jew il-persuni responsabbli biex tintbagħat l-informazzjoni skont dan l-Artikolu.

4. L-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali għandu jiżgura li l-miżuri nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 26 sa 29 u l-Artikoli 32 u 35 tad-Direttiva 2005/60/KE japplikaw għall-amministratur nazzjonali.

Artikolu 99

Sospensjoni ta' proċessi

1. Il-Kummissjoni tista' tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex temporanjament jissuspendi l-aċċettazzjoni mill-EUTL ta' xi whud mill-proċessi jew tal-proċessi kollha li joriġinaw mir-Reġistru tal-Unjoni jekk ma jkunx operat u miżmum skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Għandha tinnotifika minnufih lil amministraturi nazzjonali kkonċernati.

2. L-amministratur ċentrali jista' jissuspendi temporanjament xi whud mill-proċessi jew il-proċessi kollha milli jinbdew jew ikunu aċċettati fir-Reġistru tal-Unjoni biex issir manutenzjoni skedata jew ta' emerġenza tar-Reġistru tal-Unjoni.

3. Amministratur nazzjonali jista' jitlob lill-Kummissjoni biex iddaħħal mill-ġdid proċessi sospiżi skont il-paragrafu 1 jekk tqis li l-kwistjonijiet pendenti li kkawżaw is-sospensjoni jkunu ġew maħlula. Jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha tagħti istruzzjoni lill-amministratur ċentrali biex jerġa' jdaħħal dawk il-proċessi. Inkella, għandha tirrifjuta t-talba f'perjodu raġonevoli u tgħarraf lill-amministratur nazzjonali b'dan mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex talba sussegwenti tiġi aċċettata.

▼M2

4. Il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjoni lill-amministratur ċentrali biex temporanjament jissospendi l-aċċettazzjoni mill-EUTL tal-proċessi rilevanti tal-ETS mill-1 ta' Jannar 2018, sakemm ikunu ġew implimentati il-miżuri previsti fl-Artikolu 41(4), fl-Artikolu 67(4) u fil-punti 4(c) u 5(a) tal-Anness XIV.

5. Il-Kummissjoni tista', anki wara talba ta' Stat Membru li jkun innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-TUE, tagħti struzzjonijiet lill-amministratur ċentrali biex jissospendi temporanjament l-aċċettazzjoni mill-EUTL tal-proċessi rilevanti għal dak l-Istat Membru b'rabta mal-allokazzjoni mingħajr ħlas, mal-irkantar u mal-iskambju ta' krediti internazzjonali.

▼B

Taqsima 3

Spezzjoni awtomatizzata, reġistrazzjoni u tlestija ta' proċessi

Artikolu 100

Spezzjonar awtomatizzat ta' proċessi

1. Il-proċessi kollha għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ġenerali tal-IT biex jintbagħtu messaġġi b'mod elettroniku li jiżguraw l-qari, l-ispezzjoni u r-reġistrazzjoni effettivi ta' proċess mir-Reġistru tal-Unjoni. Il-proċessi kollha għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi relatati ma' proċessi kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jagħmel spezzjonijiet awtomatizzati filwaqt li jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105 għall-proċessi kollha, biex ikunu identifikati irregolaritajiet u diskrepanzi li minħabba fihom proċess propost ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE, id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE, u dan ir-Regolament.

Artikolu 101

Detezzjoni ta' diskrepanzi

1. Fil-każ ta' proċessi li jkunu tlestew permezz tal-konnessjoni ta' komunikazzjoni diretta bejn ir-Reġistru tal-Unjoni u l-EUTL imsemmija fl-Artikolu 7(3), l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jtemm kull proċess fejn huwa jidentifika diskrepanzi meta jkun qed jagħmel l-ispezzjonijiet awtomatizzati msemmijin fl-Artikolu 102(2), u għandu jgħarraf b'dan lir-Reġistru tal-Unjoni u lill-amministratur tal-kontijiet involut għat-tmiem tat-tranżazzjoni, billi jibgħat lura kodiċi ta' tweġiba awtomatizzata ta' spezzjoni. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jgħarraf minnufih lid-detenturi rilevanti ta' kontijiet li l-proċess ikun intemm.

2. F'każ ta' tranżazzjonijiet li jkunu tlestew permezz tal-ITL kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), l-ITL għandu jtemm kull proċess fejn ikunu identifikati diskrepanzi jew mill-ITL jew mill-EUTL meta jkunu saru spezzjonijiet awtomatizzati msemmijin fl-Artikolu 102(2). Wara li l-ITL itemm proċess, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTLitemm ukoll it-tranżazzjoni. L-ITL jgħarraf lill-amministraturi tar-reġistri involuti li t-tranżazzjoni tkun intemmet billi jibgħat lura kodiċi ta' tweġiba awtomatizzata ta' spezzjoni. Jekk wieħed mir-reġistri involuti jkun ir-Reġistru tal-Unjoni, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jgħarraf ukoll lill-amministratur tal-kontijiet tar-Reġistru tal-Unjoni involut fit-tranżazzjoni li tkun intemmet billi jibgħat lura kodiċi ta' tweġiba awtomatizzata ta' spezzjoni. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jgħarraf minnufih lid-detenturi rilevanti ta' kontijiet li l-proċess ikun intemm.

▼B

Artikolu 102

Detezzjoni ta' diskrepanzi fir-Reġistru tal-Unjoni u fir-reġistri tal-PK

1. L-amministratur ċentrali u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-Reġistru tal-Unjoni u reġistri tal-PK oħra jkun fihom kodiċi tad-dħul u tat-tweġiba tal-verifika biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni korretta tal-informazzjoni skambjata tul kull proċess. Il-kodiċijiet ta' verifika għandhom ikunu jaqblu ma' dawk li hemm fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta msemmijin fl-Artikolu 105.

2. Qabel u matul l-eżekuzzjoni tal-proċessi kollha, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jagħmel spezzjonijiet awtomatizzati xierqa biex ikun żgurat li jinkixfu diskrepanzi u jintemmu proċessi mhux korretti qabel ma jsiru spezzjonijiet awtomatizzati mill-EUTL.

Artikolu 103

Rikonċiljazzjoni - detezzjoni ta' inkonsistenzi mill-EUTL

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL perjodikament jibda jagħmel rikonċiljazzjoni ta' dejta biex ikun żgurat li r-reġistrazzjonijiet tal-EUTL ta' kontijiet, depożiti ta' unitajiet ta' Kjoto u kwoti jkunu jaqblu mar-reġistrazzjonijiet ta' dawk id-depożiti fir-Reġistru tal-Unjoni. L-amministratur ċentrali għandhu jiżgura li l-EUTL jirreġistra l-proċessi kollha.

2. Jekk matul il-proċess ta' rikonċiljazzjoni ta' dejta msemmi fil-paragrafu 1, tiġi identifikata inkonsistenza mill-EUTL, li minħabba fiha l-informazzjoni dwar kontijiet, depożiti ta' unitajiet ta' Kjoto u kwoti pprovduti mir-Reġistru tal-Unjoni bħala parti mill-proċess perjodiku ta' rikonċiljazzjoni tkun differenti mill-informazzjoni li jkun hemm fl-EUTL, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jipprevjeni li jitlestew aktar proċessi ma' kontijiet, kwoti jew unitajiet ta' Kjoto oħra li jkunu oġġetti tal-inkonsistenza. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jgħarraf minnufih lill-amministratur ċentrali u lill-amministraturi tal-kontijiet rilevanti b'kull inkonsistenza.

Artikolu 104

Finalizzazzjoni ta' proċessi

1. It-tranżazzjonijiet kollha kkomunikati lill-ITL skont l-Artikolu 7(1) għandhom ikunu finali meta l-ITL jinnotifika lill-EUTL li jkun lesta l-proċess.

2. It-tranżazzjonijiet kollha u proċessi oħra kkomunikati lill-EUTL skont l-Artikolu 7(3) għandhom ikunu finali meta l-EUTL jinnotifika lir-Reġistru tal-Unjoni li jkun lesta l-proċessi. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-EUTL jwaqqaf awtomatikament il-finalizzazzjoni ta' tranżazzjoni jew proċess jekk ma jkunx jista' jintemm fi żmien 24 siegħa mill-komunikazzjoni tagħha.

3. Il-proċess ta' rikonċiljazzjoni ta' dejta msemmi fl-Artikolu 103(1) għandu jkun finali meta l-inkonsistenzi kollha bejn l-informazzjoni li jkun hemm fir-Reġistru tal-Unjoni u l-informazzjoni li jkun hemm fl-EUTL għal żmien u dejta speċifiċi jkunu nħallu, u l-proċess ta' rikonċiljazzjoni ta' dejta jkun reġa' beda mill-ġdid u tlesta b'suċċess.

▼B

Taqsima 4

Speċifikazzjonijiet u ġestjoni ta' tibdil

Artikolu 105

Speċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lill-amministraturi nazzjonali speċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta meħtieġa għall-iskambju ta' dejta bejn reġistri u reġistri tat-tranżazzjonijiet, inklużi l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni, spezzjonijiet awtomatizzati, kodiċijiet ta' tweġiba, u ta' reġistrazzjoni tad-dejta, kif ukoll il-proċeduri ta' ttestjar u r-rekwiżiti ta' sigurtà meħtieġa għall-inizjazzjoni ta' skambju ta' dejta.

2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta għandhom jitfasslu b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma ta' Amministraturi tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima, u għandhom ikunu konsistenti mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal standards ta' skambju tad-dejta għal sistemi ta' reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto, elaborati skont id-Deċiżjoni 12/CMP.1.

Artikolu 106

Ġestjoni tat-tibdil u tar-rilaxx

Jekk tkun meħtieġa verżjoni jew ħarġa ġdida tas-software tar-Reġistru tal-Unjoni, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-proċeduri ta' ttestjar stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105 jitlestew qabel ma tiġi stabbilita u attivata konnessjoni ta' komunikazzjonijiet bejn il-verżjoni jew il-ħarġa ġdida ta' dak is-software u l-EUTL jew l-ITL.

KAPITOLU 2

Rekords, rapporti, kunfidenzjalità u tariffi

Artikolu 107

Proċessar ta' informazzjoni u ta' dejta personali

1. L-amministratur ċentrali u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-Reġistru tal-Unjoni, l-EUTL u reġistri oħra tal-PK jaħżnu u jipproċessaw biss l-informazzjoni dwar il-kontijiet, id-detenturi tal-kontijiet u r-rappreżentanti tal-kontijiet kif stipulat fit-Tabella III-I tal-Anness III, it-Tabelli VI-I u VI-II tal-Anness VI, it-Tabelli VII-I tal-Anness VII, u t-Tabella VIII-I tal-Anness VIII.

2. L-ebda kategorija speċjali ta' dejta kif iddefinita fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandha tiġi rreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni, l-EUTL jew reġistri tal-PK oħra.

3. L-amministratur ċentrali u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta personali marbuta mat-tranżazzjonijiet li jittrasferixxi unitajiet ta' Kjoto biss tiġi ttrasferita lill-ITL.

▼B

Artikolu 108

Rekords

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jaħżen rekords dwar il-proċessi kollha, ir-reġistru tad-dejta u d-detenturi tal-kontijiet għal ħames snin wara l-għeluq ta' kont.

L-amministratur ċentrali u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-Reġistru tal-Unjoni u reġistri tal-PK oħra jaħżnu rekords dwar il-proċessi kollha rilevanti tal-PK, reġistru tad-dejta u detenturi ta' kontijiet tal-PK għal 15-il sena wara l-għeluq tal-kont, jew sakemm tkun ġiet solvuta kwalunkwe kwistjoni ta' implimentazzjoni marbuta magħhom imnissla mill-kuntest tal-korpi tal-UNFCCC, skont liema data tkun l-iktar imbiegħda.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li l-amministraturi nazzjonali jkunu jistgħu jaċċessaw, isaqsu jew jesportaw ir-rekords kollha maħżuna fir-Reġistru tal-Unjoni, b'rabta mal-kontijiet li huma jew kienu amministrati minnhom.

Artikolu 109

Rappurtar

1. L-amministratur ċentrali għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni elenkata fl-Anness XIV lid-destinatarji elenkati fl-Anness XIV b'mod trasparenti u organizzat, permezz tal-websajt tal-EUTL. L-amministratur ċentrali għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli biex jagħmel disponibbli l-informazzjoni msemmija fl-Anness XIV bil-frekwenzi stipulati fl-Anness XIV. L-amministratur ċentrali m'għandux joħroġ informazzjoni addizzjonali miżmuma fl-EUTL jew fir-Reġistru tal-Unjoni sakemm ma jkunx hemm permess għal dan skont l-Artikolu 110.

2. L-amministraturi nazzjonali jistgħu wkoll jagħmlu disponibbli l-parti tal-informazzjoni elenkata fl-Anness XIV li huma jkollhom aċċess għaliha skont l-Artikolu 110, bil-frekwenzi u lid-destinatarji stipulati fl-Anness XIV, b'mod trasparenti u organizzat, f'sit aċċessibbli mill-pubbliku permezz tal-internet. L-amministraturi nazzjonali m'għandhomx joħorġu informazzjoni addizzjonali miżmuma fir-Reġistru tal-Unjoni sakemm ma jkunx hemm permess għal dan skont l-Artikolu 110.

Artikolu 110

Kunfidenzjalità

1. L-informazzjoni, inkluża ż-żamma tal-kontijiet kollha, tat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa, il-kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unitajiet tal-kwoti, u l-valur numeriku uniku tan-numru tas-serje tal-unitajiet ta' Kjoto miżmumin jew milqutin mit-tranżazzjoni, miżmumin fl-EUTL, fir-Reġistru tal-Unjoni u f'kull reġistru KP ieħor, għandhom jitqiesu kunfidenzjali ħlief kif xort'oħra jkun meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni, jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jfittxu għan leġittimu kompatibbli ma' dan ir-Regolament, u li jkunu proporzjonati.

2. L-amministratur ċentrali jew l-amministratur nazzjonali jistgħu jipprovdu dejta maħżuna fir-Reġistru tal-Unjoni u l-EUTL lill-entitajiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tat-taxxa ta' Stat Membru;

(b) l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni Ewropea;

▼B

(c) il-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

(d) Eurojust;

(e) l-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u fl-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2005/60/KE;

(f) awtoritajiet superviżorji kompetenti nazzjonali;

(g) l-amministraturi nazzjonali tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/87/KE.

3. Dejta tista' tiġi pprovduta lill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, fuq talba tagħhom, lill-amministratur ċentrali jew lil amministratur nazzjonali, jekk tali talbiet ikunu ġġustifikati u meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjoni, detezzjoni, prosekuzzjoni, amministrazzjoni jew infurzar fiskali, awditjar jew superviżjoni finanzjarja li jinvolvu kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, jew ta' ħasil tal-flus, iffinanzjar tat-terrorizmu, jew reati gravi oħra, manipulazzjoni tas-suq li l-kontijiet fir-reġistru tal-Unjoni jew fir-reġistri tal-PK jistgħu jkunu strument tagħhom, jew ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali li tiżgura l-funzjonament tal-ETS tal-Unjoni.

4. Entità li tirċievi dejta skont il-paragrafu 3 għandha tiżgura li d-dejta li tkun irċeviet tintuża biss għall-finijiet indikati fit-talba skont il-paragrafu 3, u ma tagħtihiex deliberatament jew aċċidentalment lil persuni li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-għan maħsub għall-użu tad-dejta. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex twaqqaf lil dawn l-entitajiet milli jagħtu d-dejta disponibbli lil entitajiet oħrajn elenkati fil-paragrafu 2, jekk dan ikun meħtieġ għall-finijiet indikati fit-talba magħmula skont il-paragrafu 3.

5. Fuq talba tagħhom, l-amministratur ċentrali jista' jagħti aċċess għal dejta ta' tranżazzjonijiet li ma jippermettux l-identifikazzjoni diretta ta' persuni speċifiċi lill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 għall-finjijiet tat-tiftix ta' xejriet ta' tranżazzjonijiet suspettużi. Entitajiet b'tali aċċess jistgħu jinnotifikaw xejriet ta' tranżazzjonijiet suspettużi lil entitajiet oħrajn elenkati fil-paragrafu 2.

6. L-Europol għandha tikseb aċċess permanenti ta' qari biss għad-dejta maħżuna fir-Reġistru tal-Unjoni u fl-EUTL biex twettaq il-kompiti tagħha skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/JHA ([2]). L-Europol għandha żżomm lill-Kummissjoni mgħarrfa bl-użu li tagħmel mid-dejta.

7. L-amministraturi nazzjonali għandhom jagħmlu disponibbli, permezz ta' mezzi sikuri, lill-amministraturi nazzjonali l-oħra kollha u lill-amministratur ċentrali, l-ismijiet u l-identitajiet ta' persuni li lilhom irrifjutaw li jiftħu kont skont l-Artikolu 22(2)(a)-(c), jew li lilhom irrifjutaw li jaħtru rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali skont l-Artikolu 24(5)(a) u (b), u l-ismijiet u l-identitajiet tad-detentur ta' kont, ta' rappreżentant awtorizzat jew ta' rappreżentant awtorizzat addizzjonali ta' kontijiet li lilhom l-aċċess ġie sospiż skont l-Artikolu 34, jew ta' kontijiet li ngħalqu skont l-Artikolu 33. L-amministraturi nazzjonali għandhom jinfurmaw lill-persuni kkonċernati.

([1]) ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16.
([2]) ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

▼B

8. L-amministraturi nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nazzjonali u lill-awtoritajiet tat-taxxa bit-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu għadd ta' unitajiet 'il fuq min-numru determinat mill-amministratur nazzjonali, u li jinnotifikaw kull kont li jkun involut f'għadd ta' tranżazzjonijiet f'ċertu perjodu li jkun 'il fuq minn numru determinat mill-amministratur nazzjonali.

9. L-EUTL, ir-Reġistru tal-Unjoni u reġistri oħra tal-PK m'għandhomx jeżiġu li d-detenturi ta' kontijiet jissottomettu informazzjoni dwar prezzijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' kwoti jew ma' unitajiet ta' Kjoto.

10. L-osservatur ta' bejgħ bl-irkant maħtur skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha li jkollha x'taqsam mal-kont ta' konsenja ta' oġġetti rkantati miżmumin fir-Reġistru tal-Unjoni.

Artikolu 111

Tariffi

1. L-amministratur ċentrali ma għandu jitlob l-ebda tariffa mingħand detenturi ta' kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. L-amministraturi nazzjonali jistgħu jitolbu tariffi raġonevoli mingħand detenturi ta' kontijiet amministrati minnhom.

3. L-amministraturi nazzjonali għandhom jinnotifikaw lill-amministratur ċentrali dwar it-tariffi mitlubin u dwar kull tibdil fit-tariffi fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol. L-amministratur ċentrali għandu jtella' t-tariffi għall-wiri fuq websajt pubbliku.

Artikolu 112

Interruzzjoni tal-operat

L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li interruzzjonijiet tal-operat tar-Reġistru tal-Unjoni jinżammu fil-minimu billi jieħu l-passi kollha raġonevoli biex jiżgura d-disponibbiltà u s-sigurtà tar-Reġistru tal-Unjoni u tal-EUTL, u billi jipprovdi sistemi u proċeduri b'saħħithom biex iħarsu l-informazzjoni kollha.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 113

Implimentazzjoni

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimplimentaw dan ir-Regolament, u b'mod partikulari biex l-amministraturi nazzjonali jkunu konformi mal-obbligi tagħhom li jivverifikaw u jirrevedu l-informazzjoni mressqa skont l-Artikoli 22(1), 24(4) u 25(4).

Artikolu 114

Użu addizzjonali ta' kontijiet

Il-kontijiet, kif inhu speċifikat fil-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan ir-Regolament, miftuħin jew użati skont ir-Regolament (UE) Nru 920/2010, għandhom jibqgħu jintużaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

▼B

Il-kontijiet ta' pjattaforma għan-negozjar miftuħin skont ir-Regolament (UE) Nru 920/2010 għandhom jibqgħu jintużaw bħala kontijiet ta' pjattaforma esterna għan-negozjar għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 115

Dħul fis-seħħ tar-restrizzjonijiet fuq l-użu

L-amministratur ċentrali għandu jipprovdi lill-amministraturi nazzjonali b'lista tal-kontijiet tal-ETS detenturi ta' krediti internazzjonali li ma jistgħux jintużaw skont miżuri adottati skont l-Artikolu 11a(9) tad-Direttiva 2003/87/KE wara d-data stabbilita minn dawk il-miżuri. Abbażi ta' din il-lista, l-amministratur nazzjonali għandu jitlob lid-detentur tal-kont li jispeċifika kont tal-PK li fih għandhom jiġu ttrasferiti tali krediti internazzjonali.

Jekk id-detentur ta' kont ma jkunx għadu wieġeb għat-talba tal-amministratur fi żmien 40 jum tax-xogħol, l-amministratur għandu jittrasferixxi l-krediti internazzjonali f'kont tal-PK nazzjonali.

Artikolu 116

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 920/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 920/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikoli 3 sa 28 jitħassru;

(2) L-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 32

Kontijiet ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru eskluži

1. Jekk, sal-iskadenza stipulata fl-Artikolu 12(2a) tad-Direttiva 2003/87/KE għar-rinunzja tal-kwoti, valur ta' emissjonijiet ivverifikati ta' 0 ikun iddaħħal fir-reġistru tal-Unjoni għal operatur ta' inġenju tal-ajru għas-sena preċedenti skont l-Artikolu 29, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jqiegħed il-kont korrispondenti ta' detentur ta' operatur ta' inġenji tal-ajru fuq stat eskluż.

2. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jqiegħed il-kont fuq stat miftuħ meta l-valur tal-emissjonijiet ivverifikata għas-sena ta' qabel is-sena kurrenti ma jkunx 0."

(3) Fl-Artikolu 41, il-paragrafu 4 għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:

"4. Fejn kont ta' detentur ta' operatur tal-inġenji tal-ajru eskluż ma jirċevix kwoti skont il-paragrafu 1, dawk il-kwoti ma għandhomx jinħolqu fil-kont jekk imbagħad ikunu se jitqiegħdu fuq stat miftuħ."

▼B

(4) L-Artikolu 57 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 57

Kontabbiltà bejn il-perjodi

Fi żmien għaxart ijiem mit-tlestija tat-tranżazzjonijiet ta' kklerjar stipulati fl-Artikolu 56, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jħassar il-kwoti tal-Kapitolu II validi għall-perjodu 2008-2012 miżmumin fil-kontijiet tal-utenti fir-Reġistru tal-Unjoni, u għandu joħroġ ammont ugwali ta' kwoti tal-Kapitolu II validi għall-perjodu 2013-2020 lill-istess kontijiet, u jħassar il-kwoti tal-Kapitolu III validi għall-perjodu 2008-2012 miżmumim f'kontijiet tal-utenti fir-Reġistru tal-Unjoni u joħroġ ammont uguwali ta' kwoti tal-Kapitolu III validi għall-perjodu 2013-2020 lill-istess kontijiet."

(5) Fl-Artikolu 52, il-paragrafu 4 għandu jiġi ssostitwit b'li ġej:

"4. L-amministratur ċentrali għandu jwettaq tnaqqis ta' kwantità mill-kwantità ddepożitata minimi rreġistrata fl-EUTL, wara li jkunu saru t-tranżazzjonijiet ta' kklerjar skont l-Artikolu 56. It-tnaqqis għandu jkun ugwali għall-ammont totali ta' kwoti tal-Kapitolu III rinunzjati mill-kontijiet ta' depożitu tal-operatur amministrati mill-amministratur nazzjonali tal-Istat Membru għall-perjodu 2008-2012; biż-żieda tal-valur ta' kklerjar ikkalkulat skont l-Artikolu 56(3)."

(6) L-Artikoli 59 sa 79 jitħassru.

Artikolu 117

Revoka

Ir-Regolament (UE) Nru 1193/2011 għandu jiġi revokat.

Ir-Regolament (UE) Nru 920/2010 għandu jiġi revokat b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2013.

Artikolu 118

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Tabella I-I

Tipi ta' kontijiet u tipi ta' unitajiet li jistgħu jinżammu f'kull tip ta' kont (l-Artikolu 9)

Isem it-tip ta' kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta' kontijiet ta' dan it-tip	Unitajiet mhux ta' Kjoto			Unitajiet ta' Kjoto				
				Kwoti		AEAs	AAU	CER	ERU	lCER/tCER	RMU/ERU minn RMU
				Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni						
I. Kontijiet ta' ġestjoni tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni											
Kont ta' Kwantità Totali tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	**Le**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Le**	**Iva**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	**Le**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Allokazzjoni tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	**Le**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Riżerva tal-UE għal Entranti Ġodda	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	**Le**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Le**	**Iva**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Riżerva Speċjali tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Le**	**Iva**	Le	Le	Le	Le	Le	Le

▼B

Isem it-tip ta’ kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta’ kontijiet ta’ dan it-tip	Unitajiet mhux ta' Kjoto			Unitajiet ta' Kjoto				
				Kwoti		AEAs	AAU	CER	ERU	lCER/tCER	RMU/ERU minn RMU
				Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni						
Kont ta’ Allokazzjonijiet għall-Avjazzjoni tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Le**	**Iva**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta’ Tħassir tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	**Iva**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta’ konsenja ta’ oġġetti rkantati	Irkantatur, Pjattaforma tal-Irkant, Sistema ta' Kklerjar jew Sistema ta' Saldu	amministratur nazzjonali li jkun fetaħ il-kont	wieħed jew iktar għal kull pjattaforma tal-irkant	**Iva**	**Iva**	Le	**Le**	**Le**	**Le**	Le	Le
Kont ta’ Krediti Internazzjonali tal-UE	UE	amministratur ċentrali	2	**Le**	**Le**	Le	Le	**Iva** (**)	**Iva** (**)	Le	Le
Kont ta’ Skambju ta' Kreditu tal-UE	UE	amministratur ċentrali	2	**Iva**	**Iva**	Le	Le	Le	Le	Le	Le
II. Kontijiet ta’ depożitu tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni											
Kont ta’ depożitu ta’ operatur	Operatur	amministratur nazzjonali tal-Istat Membru fejn tinstab l-installazzjoni	wieħed għal kull installazzjoni	**Iva**	Le	Le	Le	**Iva** (**)	**Iva** (**)	Le	Le

▼B

Isem it-tip ta’ kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta’ kontijiet ta’ dan it-tip	Unitajiet mhux ta' Kjoto			Unitajiet ta' Kjoto				
				Kwoti		AEAs	AAU	CER	ERU	lCER/tCER	RMU/ERU minn RMU
				Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni						
Kont ta’ depożitu ta’ operatur ta’ inġenji tal-ajru	Operatur ta' inġenji tal-ajru	amministratur nazzjonali tal-Istat Membru li jamministra l-operatur tal-inġenji tal-ajru	wieħed għal kull operatur ta’ inġenji tal-ajru	**Iva**	**Iva**	Le	Le	**Iva** (**)	**Iva** (**)	Le	Le
Kont ta’ depożitu ta’ persuna	Persuna	amministratur nazzjonali jew amministratur ċentrali li fetaħ il-kont	kif approvat	**Iva**	**Iva**	Le	Le	**Iva** (**)	**Iva** (**)	Le	Le
Kont ta’ depożitu nazzjonali	Stat Membru	amministratur nazzjonali tal-Istat Membru detentur tal-kont	wieħed jew aktar għal kull Stat Membru	**Iva**	**Iva**	Le	Le	**Iva** (**)	**Iva** (**)	Le	Le
III. Kontijiet ta’ negozjar tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni											
Kont ta’ negozjar	Persuna	amministratur nazzjonali jew amministratur ċentrali li fetaħ il-kont	kif approvat	**Iva**	**Iva**	Le	Le	**Iva** (**)	**Iva** (**)	Le	Le
IV. Kontijiet oħra tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni											
Kont ta’ pjattaforma esterna għan-negozjar	Pjattaforma esterna għan-negozjar	amministratur nazzjonali li fetaħ il-kont	wieħed għal kull Stat Membru għal kull pjattaforma esterna għan-negozjar	**Dan it-tip ta’ kont ma jżomm l-ebda unità.**							

▼B

Isem it-tip ta’ kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta’ kontijiet ta’ dan it-tip	Unitajiet mhux ta' Kjoto			Unitajiet ta' Kjoto				
				Kwoti		AEAs	AAU	CER	ERU	lCER/tCER	RMU/ERU minn RMU
				Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni						
Kont ta’ verifikatur	Verifikatur	amministratur nazzjonali li fetaħ il-kont	wieħed għal kull Stat Membru għal kull verifikatur	Dan it-tip ta’ kont ma jżomm l-ebda unità.							
Kont ta' pjatta-forma amminis-trattiva nazzjonali	Stat Membru	amministratur ċentrali	massimu ta’ wieħed għal kull Stat Membru	Dan it-tip ta’ kont ma jżomm l-ebda unità.							
V. Kontijiet tal-PK fis-sistema konsolidata tar-reġistri Ewropej											
Kont ta’ depożitu ta’ parti	parti għall-Protokoll ta' Kjoto	amministratura ta' reġistru tal-PK (fir-Reġistru tal-Unjoni: l-ammi-nistratur ċentrali)	tal-anqas 1	**Le**	Le	Le	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**
Kont ta’ kanċellazzjoni			1	**Le**	Le	Le	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**
Kont ta’ rinunzja			1	**Le**	Le	Le	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**
Kont ta’ Depożitu ta’ AAU tal-ETS			1	**Le**	Le	Le	**Iva**	Le	Le	Le	Le
Kont ta’ Sostituz-zjoni ta’ tCER	UE	amministratur ċentrali	1	**Le**	Le	Le	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**
Kont ta’ Sostituz-zjoni ta’ lCER	UE	amministratur ċentrali	1	**Le**	Le	Le	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**

▼B

Isem it-tip ta’ kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta’ kontijiet ta’ dan it-tip	Unitajiet mhux ta' Kjoto			Unitajiet ta' Kjoto				
				Kwoti		AEAs	AAU	CER	ERU	lCER/tCER	RMU/ERU minn RMU
				Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni						
Kont ta’ depożitu ta’ persuna (***)	Persuna	amministratur nazzjonali jew amministratur ċentrali li fetaħ il-kont	1	**Le**	Le	Le	by MS (*)	by MS (*)	by MS (*)	by MS (*)	by MS (*)

▼M1

Kont ta' AAU tal-UE	UE	Amministratur Ċentrali	1	Le	Le	Le	**Iva**	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Depożitu ta' AAU tal-ESD	Stat Membru	Amministratur tar-reġistri tal-PK	1 għal kull reġistru	Le	Le	Le	**Iva**	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Twarrib ta' Ċediment tal-Avjazzjoni	UE	Amministratur Ċentrali	1	Le	Le	Le	**Iva**	**Iva**	**Iva**	Le	Le
Kont tal-PPSR	Parti għall-Protokoll ta' Kjoto	Amministratur tar-reġistru tal-PK (fir-Reġistru tal-Unjoni: l-amministratur ċentrali)	1 għal kull reġistru	Le	Le	Le	**Iva**	Le	Le	Le	Le
Kont għall-Ikklerjar Ċentrali tal-ESD	UE	Amministratur Ċentrali	1	Le	Le	Le	**Iva**	Le	Le	Le	Le

▼B

Isem it-tip ta' kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta' kontijiet ta' dan it-tip	Unitajiet mhux ta' Kjoto			Unitajiet ta' Kjoto				
				Kwoti		AEAs	AAU	CER	ERU	lCER/tCER	RMU/ERU minn RMU
				Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni						
VI. Kontijiet għall-finijiet ta' kontabbiltà tat-tranżazzjonijiet skont it-Titolu 4											
Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Le**	Le	**Iva**	Le	**Le**	Le	Le	Le
Kont ta' Tħassir tal-ESD	UE	amministratur ċentrali	1	**Le**	Le	**Iva**	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Konformità tal-ESD	Stat Membru	amministratur ċentrali	1 għal kull 8 snin ta' konformità għal kull Stat Membru	**Le**	Le	**Iva**	Le	**Iva**	**Iva**	**Iva**	Le

(*) l-amministratur nazzjonali ta' SM jista' jiddeċiedi jekk t-tip ta' kont jistax iżomm dan it-tip ta' unità.
(**) Għajr unitajiet li mhumiex eliġibbli għall-użu skont l-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament, u miżuri adottati skont l-Artikolu 11a(9) tad-Direttiva 2003/87/KE.
(***) Il-kontijiet ta' depożitu ta' operatur tal-PK eżistenti fir-reġistri tal-PK qabel il-konsolidazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(4) jistgħu jżommu l-istess tipi ta' unità.

▼B

ANNESS II

Termini u kundizzjonijiet (l-Artikolu 11)

Ħlas ta' tariffi

1. It-termini u l-kundizzjonijiet rigward ħlasijiet ta' reġistru għall-ħolqien u ż-żamma ta' kontijiet.

Modifikazzjoni ta' termini u kundizzjonijiet ewlenin

2. *Modifikazzjoni tat-termini ewlenin biex jirriflettu l-bidliet f'dan ir-Regolament jew il-bidliet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.*

Soluzzjoni ta' tilwim

3. Dispożizzjonijiet marbutin mat-tilwim bejn detenturi ta' kontijiet u l-għażla tal-qorti għall-amministratur nazzjonali.

Responsabbiltà

4. Il-limitu tar-responsabbiltà għall-amministratur nazzjonali.

5. Il-limitu tar-responsabbiltà għad-detentur tal-kont.

▼B

ANNESS III

Informazzjoni li għandha titressaq mat-talbiet għall-ftuħ ta' kont (l-Artikoli 13, 14 u 19)

1. L-informazzjoni murija fit-Tabella III-I.

Tabella III-I

Dettalji tal-kont għall-kontijiet kollha

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-element	Element ta' dettalji tal-kont	Obbligatorja jew Fakultattiva?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Jintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL?
1	ID tal-kont (mogħtija mir-RU)	O	Preset	Le	n.a.	Le
2	Tip ta' kont	O	B'għażla	Le	n.a.	Iva
3	Perjodu ta' impenn	O	B'għażla	Le	n.a.	Iva
4	ID tad-detentur tal-kont (mogħtija mir-RU)	O	Liberu	Iva	Iva	Le
5	Isem id-detentur tal-kont	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
6	Identifikatur tal-kont (mogħtija mid-detentur tal-kont)	O	Liberu	Iva	Le	Le
7	Indirizz tad-detentur tal-kont - pajjiż	O	B'għażla	Iva	Iva	Iva
8	Indirizz tad-detentur tal-kont - reġjun jew stat	F	Liberu	Iva	Iva	Iva
9	Indirizz tad-detentur tal-kont - belt	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
10	Indirizz tad-detentur tal-kont - kodiċi postali	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
11	Indirizz tad-detentur tal-kont - linja 1	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
12	Indirizz tad-detentur tal-kont - linja 2	F	Liberu	Iva	Iva	Iva
13	Numru ta' reġistrazzjoni tal-impriża tad-detentur tal-kont	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
14	Nru tat-telefon tad-detentur tal-kont 1	O	Liberu	Iva	Le	Le
15	Nru tat-telefon tad-detentur tal-kont 2	O	Liberu	Iva	Le	Le
16	Indirizz e-mail tad-detentur tal-kont	O	Liberu	Iva	Le	Le
17	Data tat-twelid (għal persuni fiżiċi)	O għal persuni fiżiċi	Liberu	Le	n.a.	Le

▼B

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-element	Element ta' dettalji tal-kont	Obbligatorja jew Fakultattiva?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Jintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL?
18	Post tat-twelid– belt (għal persuni fiżiċi)	O għal persuni fiżiċi	Liberu	Le	n.a.	Le
19	Post tat-twelid - pajjiż	F	Liberu	Le	n.a.	Le
20	Tip ta' dokument prova tal-identità (għal persuni fiżiċi)	O	B'għażla	Iva	Iva	Le
21	Nru tad-dokument tal-identità (għal persuni fiżiċi)	O	Liberu	Iva	Iva	Le
22	Data ta' skadenza tad-dokument tal-identità	F	Liberu	Iva	Iva	Le
23	Numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT bil-kodiċi tal-pajjiż	O fejn assenjat	Liberu	Iva	Iva	Le
24	Data tal-ftuħ tal-kont	O	Preset	Le	n.a.	Iva
25	Data tal-għeluq tal-kont	F	Preset	Iva	Iva	Iva

2. L-identifikatur tal-kont għandu jkun uniku fis-sistema tar-reġistru.

▼B

ANNESS IV

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta biex jinfetaħ kont ta' konsenja ta' oġġetti rkantati, kont ta' depożitu ta' persuna, kont ta' negozjar jew kontijiet ta' pjattaforma esterna għan-negozjar (l-Artikoli 15, 18 u 20)

1. L-informazzjoni mogħtija fit-Tabella III-1 tal-Anness III. (L-ID tal-kont u l-identifikatur alfanumeriku għandhom ikunu uniċi fis-sistema tar-reġistru.)

2. Prova li l-persuna li tkun qed titlob il-ftuħ ta' kont ikollha kont tal-bank miftuħ fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

3. Evidenza li ssostni l-identità tal-persuna fiżika li tkun qed titlob il-ftuħ ta' kont, li tista' tkun kopja ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) karta tal-identità maħruġa minn Stat li jkun Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi;

   (b) passaport.

4. Evidenza li ssostni l-indirizz tar-residenza permanenti tad-detentur ta' kont li tkun persuna fiżika, li tista' tkun kopja ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) id-dokument ta' identità sottomess skont il-punt 3, jekk ikollu l-indirizz tar-residenza permanenti;

   (b) kull dokument ieħor ta' identità maħruġ minn gvern li jkollu l-indirizz ta' residenza permanenti;

   (c) jekk il-pajjiż ta' residenza permanenti ma joħroġx dokumenti ta' identità li jkollhom l-indirizz ta' residenza permanenti, dikjarazzjoni tal-awtoritajiet lokali li tikkonferma r-residenza permanenti tal-persuna nominata;

   (d) kull dokument ieħor li skont id-drawwa jkun aċċettat fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont bħala evidenza tar-residenza permanenti tal-persuna nominata.

5. Id-dokumenti li ġejjin f'każ ta' persuna ġuridika li tkun qed titlob il-ftuħ ta' kont:

   (a) kopja tal-istrumenti li jistabbilixxu l-entità legali u kopja ta' dokument ta' prova tar-reġistrazzjoni tal-entità legali;

   (b) dettalji ta' kont tal-bank;

   (c) konferma tar-reġistrazzjoni tal-VAT;

   (d) informazzjoni dwar is-sid benefiċjarju tal-entità legali kif iddefinit fid-Direttiva 2005/60/KE, inkluż it-tip ta' sjieda jew kontroll li jeżerċitaw;

   (e) lista tad-diretturi;

   (f) kopja tar-rapport annwali jew tal-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati, jew jekk ma tkun disponibbli ebda dikjarazzjoni finanzjarja awditjata, kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji bil-bolla tal-uffiċċju tat-taxxa jew tad-direttur finanzjarju.

▼B

6. Evidenza li ssostni l-indirizz reġistrat tad-detentur ta' kont li tkun persuna ġuridika, jekk dan ma jkunx ċar mid-dokument sottomess skont il-punt 5.

7. Il-kondotta tal-persuna fiżika li tkun qed titlob il-ftuħ ta' kont jew, jekk tkun persuna ġuridika, tad-diretturi tagħha.

8. Kull kopja ta' dokument sottomessa bħala evidenza skont dan l-Anness għandha tkun iċċertifikata bħala kopja vera minn nutar pubbliku jew minn persuna oħra simili speċifikata mill-amministratur nazzjonali. Fir-rigward ta' dokumenti maħruġin barra mill-Istat Membru li jkun qed jitlob kopja, il-kopja għandha tkun awtentikata. Id-data taċ-ċertifikazzjoni jew tal-awtentikazzjoni m'għandhiex tkun ta' aktar minn tliet xhur qabel id-data ta' applikazzjoni.

9. L-amministratur tal-kont jista' jeżiġi li d-dokumenti sottomessi jkollhom magħhom traduzzjoni ċertifikata f'lingwa speċifikata mill-amministratur.

10. Minflok ma jikseb dokumenti tal-karta l-amministratur tal-kont jista' juża mekkaniżmi elettroniċi biex jivverifika l-evidenza li jkollha tkun sottomessa skont dan l-Anness.

▼B

ANNESS V

Informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta għall-ftuħ ta' kont ta' verifikatur (l-Artikolu 21)

1. Dokument ta' prova li l-persuna li tkun qed titlob il-ftuħ ta' kont tkun akkreditata bħala verifikatur skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87/KE.

▼B

ANNESS VI

Informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta għall-ftuħ ta' kont ta' depożitu ta' operatur (l-Artikolu 16)

1. L-informazzjoni mogħtija fit-Tabella III-1 tal-Anness III.

2. Taħt id-dejta mogħtija skont it-Tabella III-I tal-Anness III, l-operatur tal-installazzjoni għandu jingħata bħala d-detentur tal-kont. L-isem mogħti għad-detentur tal-kont għandu jkun identiku bħall-isem tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun id-detentur tal-permess rilevanti għal gassijiet serra.

3. L-informazzjoni mogħtija fit-Tabelli VI-I u VI-II ta' dan l-Anness.

Tabella VI-I

dettalji ta' kont għall-kontijiet ta' depożitu ta' operatur

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-element	Element ta' dettalji tal-kont	Obbligatorja jew Fakultattiva?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Jintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL?
1	ID tal-installazzjoni	O	Preset	**Le**	—	Iva
2	ID tal-permess	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
3	Data tad-dħul fis-seħħ tal-permess	O	Liberu	Le	—	Iva
4	Data tal-iskadenza tal-permess	F	Liberu	Iva	Iva	Iva
5	Isem l-installazzjoni	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
6	It-tip ta' attività tal-installazzjoni	O	B'għażla	Iva	Iva	Iva
7	Indirizz tal-installazzjoni – pajjiż	O	Preset	Iva	Iva	Iva
8	Indirizz tal-installazzjoni - reġjun jew Stat	F	Liberu	Iva	Iva	Iva
9	Indirizz tal-installazzjoni – belt	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
10	Indirizz tal-installazzjoni – kodiċi postali	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
11	Indirizz tal-installazzjoni – linja 1	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
12	Indirizz tal-installazzjoni – linja 2	F	Liberu	Iva	Iva	Iva
13	Nru tat-telefon tal-installazzjoni 1	O	Liberu	Iva	Le	Le
14	Nru tat-telefon tal-installazzjoni 2	O	Liberu	Iva	Le	Le
15	Indirizz e-mail tal-installazzjoni	O	Liberu	Iva	Le	Le
16	Kumpanija ewlenija	F	Liberu	Iva	Le	Iva

▼B

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-element	Element ta' dettalji tal-kont	Obbligatorja jew Fakultattiva?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Jintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL?
17	Kumpanija sussidjarja	F	Liberu	Iva	Le	Iva
18	Nru ta' identifikazzjoni EPRTR	O fejn assenjat	Liberu	Iva	Le	Iva
19	Latitudni	F	Liberu	Iva	Le	Iva
20	Lonġitudni	F	Liberu	Iva	Le	Iva

Tabella VI-II

Dettalji tal-persuna ta' kuntatt tal-installazzjoni

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-element	Element ta' dettalji tal-kont	Obbligatorja jew Fakultattiva?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Jintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL?
1	Verifikatur	F	B'għażla	Iva	Le	Le
	Isem l-impriża	F	Liberu	Iva	Le	Le
	Dipartiment tal-impriża	F	Liberu	Iva	Le	Le
2	Isem il-persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru	F	Liberu	Iva	Le	Le
3	Kunjom il-persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru	F	Liberu	Iva	Le	Le
4	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – pajjiż	F	Preset	Iva	Le	Le
5	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt - reġjun jew stat	F	Liberu	Iva	Le	Le
6	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – belt	F	Liberu	Iva	Le	Le
7	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – kodiċi postali	F	Liberu	Iva	Le	Le
8	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – linja 1	F	Liberu	Iva	Le	Le
9	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – linja 2	F	Liberu	Iva	Le	Le
10	Nru tat-telefon tal-persuna ta' kuntatt 1	F	Liberu	Iva	Le	Le
11	Nru tat-telefon tal-persuna ta' kuntatt 2	F	Liberu	Iva	Le	Le
12	Indirizz e-mail tal-persuna ta' kuntatt	F	Liberu	Iva	Le	Le

▼B

ANNESS VII

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-ftuħ ta' kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru (l-Artikolu 17)

1. L-informazzjoni mogħtija fit-Tabella III-I tal-Anness III u fit-Tabella VII-I tal-Anness VII.

2. Taħt id-dejta mogħtija skont it-Tabella III-I, l-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jingħata bħala d-detentur tal-kont. L-isem irreġistrat għad-detentur tal-kont għandu jkun identiku għall-isem fil-Pjan ta' Monitoraġġ. F'każ li l-isem fil-Pjan ta' Monitoraġġ ma jkunx għadu jintuża, għandu jintuża l-isem fir-reġistru ta' negozjar jew l-isem użat mill-Eurocontrol.

Tabella VII-I

dettalji ta' kont għall-kontijiet ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-element	Element ta' dettalji tal-kont	Obbligatorja jew Fakultattiva?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Jintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL?
1	ID tal-operatur tal-inġenji tal-ajru (assenjata mir-Reġistru tal-Unjoni)	O	Liberu	Le	—	Iva
2	Kodiċi uniku skont ir-Regolament tal-Kummissjoni 748/2009	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
3	Sinjal bir-radju (desinjatur ICAO)	F	Liberu	Iva	Iva	Iva
4	ID tal-Pjan ta' Monitoraġġ	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
5	Pjan ta' Monitoraġġ – l-ewwel sena ta' applikabbiltà	O	Liberu	Le	—	Iva
6	Pjan ta' Monitoraġġ – sena tal-skadenza	F	Liberu	Iva	Iva	Iva

3. Is-sinjal bir-radju huwa d-desinjatur tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) fil-kaxxa 7 tal-pjan tat-titjira, jew jekk mhux disponibbli, il-marka ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru.

▼B

ANNESS VIII

Informazzjoni dwar rappreżentanti awtorizzati u rappreżentanti awtorizzati addizzjonali li għandha tkun ipprovduta lill-amministratur tal-kont (l-Artikolu 24)

1. L-informazzjoni mogħtija fit-Tabella VIII-I tal-Anness VIII.

Tabella VIII-I

Dettalji tar-rappreżentant awtorizzat

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-element	Element ta' dettalji tal-kont	Obbligatorja jew Fakultattiva?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Jintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL?
1	ID tal-persuna	O	Liberu	Le	n.a.	Le
2	Tip ta' rappreżentant tal-kont	O	B'għażla	Iva	Le	Le
3	Isem	O	Liberu	Iva	Iva	Le
4	Kunjom	O	Liberu	Iva	Iva	Le
5	Titlu	F	Liberu	Iva	Le	Le
6	Titlu tax-xogħol	F	Liberu	Iva	Le	Le
	Isem l-impriża	F	Liberu	Iva	Le	Le
	Dipartiment tal-impriża	F	Liberu	Iva	Le	Le
7	Pajjiż	O	Preset	Le	n.a.	Le
8	Reġjun jew stat	F	Liberu	Iva	Iva	Le
9	Belt	O	Liberu	Iva	Iva	Le
10	Kodiċi postali	O	Liberu	Iva	Iva	Le
11	Indirizz – linja 1	O	Liberu	Iva	Iva	Le
12	Indirizz – linja 2	F	Liberu	Iva	Iva	Le
13	Nru tat-telefon 1	O	Liberu	Iva	Le	Le
14	Nru tat-telefon tal-but	O	Liberu	Iva	Iva	Le
15	Indirizz e-mail	O	Liberu	Iva	Iva	Le
16	Data tat-twelid	O	Liberu	Le	n.a.	Le
17	Post tat-twelid– belt	O	Liberu	Le	n.a.	Le
18	Post tat-twelid - pajjiż	O	Liberu	Le	n.a.	Le
19	Tip ta' dokument prova tal-identità	O	B'għażla	Iva	Iva	Le
20	Nru tad-dokument tal-identità	O	Liberu	Iva	Iva	Le

▼B

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-element	Element ta' dettalji tal-kont	Obbligatorja jew Fakultattiva?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Jintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL?
21	Data ta' skadenza tad-dokument tal-identità	F	Liberu	Iva	Iva	Le
22	Lingwa ppreferuta	F	B'għażla	Iva	Le	Le
23	Livell ta' kunfidenzjalità	F	B'għażla	Iva	Le	Le
24	Drittijiet bħall rappreżentant ta' kont addizzjonali	O	B'għażla multipla	Iva	Iva	Le

2. Dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-kont li tindika li huwa jixtieq jinnomina persuna partikolari bħala rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, billi tikkonferma li r-rappreżentant awtorizzat ikollu d-dritt li jibda jew li r-rappreżentant awtorizzat addizzjonali jkollu d-dritt li japprova tranżazzjonijiet f'isem id-detentur ta' kont u tindika kull limitazzjoni għal dak id-dritt.

3. Evidenza li ssostni l-identità tal-persuna maħtura, li tista' tkun kopja ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) karta tal-identità maħruġa minn Stat li jkun Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi;

   (b) passaport.

4. Evidenza li ssostni l-indirizz tar-residenza permanenti tal-persuna maħtura, li tista' tkun kopja ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) id-dokument ta' identità sottomess skont il-punt 3, jekk ikollu l-indirizz tar-residenza permanenti;

   (b) kull dokument ieħor ta' identità maħruġ minn gvern li jkollu l-indirizz ta' residenza permanenti;

   (c) jekk il-pajjiż ta' residenza permanenti ma joħroġx dokumenti ta' identità li jkollhom l-indirizz ta' residenza permanenti, dikjarazzjoni tal-awtoritajiet lokali li tikkonferma r-residenza permanenti tal-persuna nominata;

   (d) kull dokument ieħor li skont id-drawwa jkun aċċettat fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont bħala evidenza tar-residenza permanenti tal-persuna nominata;

5. Il-kondotta tal-persuna maħtura.

6. Kull kopja ta' dokument sottomessa bħala evidenza skont dan l-Anness għandha tkun iċċertifikata bħala kopja vera minn nutar pubbliku jew minn persuna oħra simili speċifikata mill-amministratur nazzjonali. Fir-rigward ta' dokumenti maħruġin barra mill-Istat Membru li jkun qed jitlob kopja, il-kopja għandha tkun awtentikata. Id-data taċ-ċertifikazzjoni jew tal-awtentikazzjoni m'għandhiex tkun ta' aktar minn tliet xhur qabel id-data ta' applikazzjoni.

7. L-amministratur tal-kont jista' jeżiġi li d-dokumenti sottomessi jkollhom magħhom traduzzjoni ċertifikata fil-lingwa speċifikata mill-amministratur nazzjonali.

8. Minflok ma jikseb dokumenti tal-karta l-amministratur tal-kont jista' juża mekkaniżmi elettroniċi biex jivverifika l-evidenza li jkollha tkun sottomessa skont dan l-Anness.

▼B

ANNESS IX

Format għas-sottomissjoni tad-dejta dwar l-emissjonijiet annwali (l-Artikolu 35)

1. Id-dejta dwar l-emissjonijiet għall-operaturi għandha tkun fiha l-informazzjoni stipulata fit-Tabella IX-I, filwaqt li jitqies il-format elettroniku għas-sottomissjoni ta' dejta dwar emissjonijiet kif deskritt fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 105.

Tabella IX-I

Dejta dwar emissjonijiet għal operaturi

1	ID tal-installazzjoni jew ID tal-operatur tal-inġenju tal-ajru:		
2	Sena ta' rappurtar		
Emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra			
		f'tunnellati	f'tunnellati ta' CO_2eq
3	Emissjonijiet ta' CO_2		
4	Emissjonijiet ta' N_2O		
5	Emissjonijiet ta' PFC		
6	Emissjonijiet totali	—	$\sum (C2 + C3 + C4)$

▼B

ANNESS X

Tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-perjodu 2013-2020 (l-Artikolu 51)

Ringiela Nru				Kwantità ta' kwoti ġenerali allokati bla ħlas				
				Skont l-Art. 10a(7) tad-Direttiva 2003/87/KE	Skont l-Art. 10c tad-Direttiva 2003/87/KE (trasferibbli)	Skont dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2003/87/KE	Total	
1	Kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru							Input manwali
2		ID tal-installazzjoni						Input manwali
3		Kwantità li għandha tiġi allokata:						
4			fis-sena 2013					Input manwali
5			fis-sena 2014					Input manwali
6			fis-sena 2015					Input manwali
7			fis-sena 2016					Input manwali
8			fis-sena 2017					Input manwali
9			fis-sena 2018					Input manwali
10			fis-sena 2019					Input manwali
11			fis-sena 2020					Input manwali

Rows No 2 to 11 shall be repeated for each installation.

▼B

ANNESS XI

Tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-perjodu 2013-2020 (l-Artikolu 54)

Ringiela Nru				Kwantità ta' kwoti tal-avjazzjoni allokati bla ħlas			
				Skont l-Art. 3e tad-Direttiva 2003/87/KE	Skont l-Art. 3f tad-Direttiva 2003/87/KE	Total	
1	Kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru						Input manwali
2		ID tal-operatur tal-inġenji tal-ajru					Input manwali
3		Kwantità li għandha tiġi allokata					
4			fis-sena 2013				Input manwali
5			fis-sena 2014				Input manwali
6			fis-sena 2015				Input manwali
7			fis-sena 2016				Input manwali
8			fis-sena 2017				Input manwali
9			fis-sena 2018				Input manwali
10			fis-sena 2019				Input manwali
11			fis-sena 2020				Input manwali

Ir-ringieli Nri 2 sa 11 għandhom jiġu ripetuti għal kull operatur tal-inġenju tal-ajru.

▼B

ANNESS XII

Tabella ta' intitolamenti nazzjonali għal kreditu internazzjonali għall-perjodu 2008-2020 (l-Artikolu 59)

Ringil-ea Nru			Intitolament ta' kreditu internazzjonali			
			Skont it-tielet subparagrafu tal-Arti-kolu 11a(8) tad-Diret-tiva 2003/87/KE	Skont dispożizzjoni oħra tal-Arti-kolu 11a(8) tad-Diret-tiva 2003/87/KE	Total	
1	Kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru					Input manwali
2		ID tal-installaz-zjoni				Input manwali
3		Intitolament ta' kreditu internaz-zjonali inizjali				Input manwali
4		ID tal-operatur tal-inġenji tal-ajru				Input manwali
5		Intitolament ta' kreditu internaz-zjonali inizjali				Input manwali

Ir-ringieli 2 sa 3 għandhom jiġu ripetuti għal kull installazzjoni.

Ir-ringieli 4 sa 5 għandhom jiġu ripetuti għal kull operatur tal-inġenju tal-ajru.

▼B

ANNESS XIII

Tabella tal-irkant (Artikolu 63)

Ringiela Nru	Informazzjoni dwar il-pjattaforma ta’ rkant			
1	Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-pjattaforma ta’ rkant			
2	Identità tal-osservatur tal-irkant			
3	In-numru tal-Kont ta’ konsenja ta’ oġġetti rkantati			
4	Informazzjoni dwar l-irkantijiet individwali ta’ (kwoti ġenerali / kwoti tal-avjazzjoni)			
5	Volum individwali tal-irkant	Data u ħin tal-wasla fil-kont fil-Kont ta’ konsenja ta’ oġġetti rkantati	Identità tal-irkantatur(i) konness(i) ma' kull wieħed mill-irkantijiet	Input manwali
6				Input manwali
7				Input manwali
8				Input manwali
9				Input manwali
10				Input manwali
11				Input manwali
12				Input manwali
13				Input manwali
14				Input manwali
15				Input manwali
16				Input manwali
17				Input manwali
18				Input manwali
19				Input manwali

▼B

ANNESS XIV

Rekwiżiti ta' rappurtar tal-amministratur ċentrali (l-Artikolu 109)

I. INFORMAZZJONI TAR-REĠISTRU TAL-UNJONI MARBUTIN MAL-ISKEMA TAL-UNJONI TA' NEGOZJAR TAL-EMISSJONIJIET

Informazzjoni disponibbli għall-pubbliku

1. L-EUTL għandu jqiegħed għall-wiri fil-websajt pubbliku tal-EUTL l-informazzjoni li ġejja għal kull kont:

(a) l-informazzjoni kollha indikata bħala "murija fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL" fit-Tabelli III-I tal-Anness III, it-Tabella VI-I tal-Anness VI, it-Tabella VII-I tal-Anness VII. This information shall be updated every 24 hours;

(b) kwoti allokati lil detenturi individwali ta' kontijiet skont l-Artikolu 43 u l-Artikolu 44. Din l-informazzjoni għandha tkun aġġornata kull 24 siegħa;

(c) l-istat tal-kont skont l-Artikolu 10(1). Din l-informazzjoni għandha tkun aġġornata kull 24 siegħa;

(d) l-għadd ta' kwoti rinunzjati skont l-Artikolu 67.

(e) iċ-ċifra tal-emissjonijiet verifikati, flimkien mal-korrezzjonijiet tagħha għall-installazzjoni relatata mal-kont ta' depożitu ta' operatur għas-sena X għandha titqiegħed għall-wiri mill-1 ta' April 'il quddiem tas-sena (X+1);

(f) simbolu u dikjarazzjoni li jindikaw jekk l-installazzjoni jew l-operatur ta' inġenji tal-ajru relatati mal-kont ta' depożitu ta' operatur irrinunzjawx għadd ta' kwoti sat-30 ta' April, jiġifieri mill-anqas daqs l-emissjonijiet kollha tagħhom fis-snin imgħoddija kollha. Is-simboli u d-dikjarazzjonijiet li jkollhom jitqiegħdu għall-wiri huma fit-Tabella XIV-I. Is-simbolu għandu jkun aġġornat fl-1 ta' Mejju u, ħlief għaż-żieda ta' * f'każijiet deskritti fir-ringiela 5 tat-Tabella XIV-I, m'għandux jinbidel qabel l-1 ta' Mejju ta' wara.

Ringiela Nru	Ċifra tal-istat ta' konformità skont l-Artikolu 34	Emissjonijiet verifikati rreġistrati għall-aħħar sena sħiħa?	Simbolu	Dikjarazzjoni
			għall-wiri fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL	
1	0 jew kull numru pożittiv	Iva	A	"L-għadd ta' kwoti rinunzjati sat-30 ta' April huwa akbar mill-emissjonijiet verifikati jew daqshom"
2	kull numru negattiv	Iva	B	"L-għadd ta' kwoti restitwiti sat-30 ta' April huwa anqas mill-emissjonijiet verifikati"
3	kull numru	Le	C	"Emissjonijiet verifikati għas-sena preċedenti ma ddaħħlux sat-30 ta' April"
4	kull numru	Le (għaliex il-proċess ta' rinunzja ta' kwoti u/jew il-proċess ta' aġġornament ta' emissjonijiet verifikati kien sospiż għar-reġistru tal-Istat Membru)	X	"Id-dħul ta' emissjonijiet verifikati u/jew ir-restituzzjoni kienu impossibbli sat-30 ta' April minħabba li l-proċess ta' restituzzjoni ta' kwoti u/jew il-proċess ta' aġġornament ta' emissjonijiet verifikati kienu sospiżi għar-Reġistru tal-Istat Membru"

▼B

Ringiela Nru	Ċifra tal-istat ta' konformità skont l-Artikolu 34	Emissjonijiet verifikati rreġistrati għall-aħħar sena sħiħa?	Simbolu	Dikjarazzjoni
			għall-wiri fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL	
5	kull numru	Iva jew Le (iżda sussegwentement aġġornati mill-awtorità kompetenti)	* *[miżjud mas-simbolu inizjali]*	"Emissjonijiet verifikati kienu stmati jew korretti mill-awtorità kompetenti."

2. L-EUTL għandu jqiegħed għall-wiri fil-websajt pubblika tal-EUTL l-informazzjoni ġenerali li ġejja, u għandu jaġġornaha kull 24 siegħa:

(g) it-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali ta' kull Stat Membru, inklużi indikazzjonijiet ta' kull tibdil magħmul fit-tabella skont l-Artikolu 52;

(h) it-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni ta' kull Stat Membru, inklużi indikazzjonijiet ta' kull tibdil magħmul fit-tabella skont l-Artikolu 55;

(i) it-tabella ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali għal kull Stat Membru;

(j) l-għadd totali ta' kwoti, ERUs u CERs miżmumin fir-Reġistru tal-Unjoni fil-kontijiet kollha ta' min ikun użahom fil-jum ta' qabel;

(k) lista tat-tipi ta' unitajiet ta' Kjoto minbarra CERs u ERUs li jistgħu jinżammu f'kontijiet ta' utenti fir-reġistri tal-PK amministrati minn amministratur nazzjonali partikulari skont l-Anness I;

(l) informazzjoni aġġornata dwar l-eliġibbiltà tal-krediti internazzjonali skont skont l-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament, u kull miżura adottata skont l-Artikolu 11a(9) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(m) it-tariffi li jitħallsu lil amministraturi nazzjonali skont l-Artikolu 111.

3. L-EUTL għandu jqiegħed għall-wiri fil-websajt pubbliku tiegħu l-informazzjoni ġenerali li ġejja, fit-30 ta' April ta' kull sena:

(a) ;is-somma ta' emissjonijiet verifikati minn Stat Membru mdaħħlin għas-sena kalendarja preċedenti bħala perċentwali tas-somma ta' emissjonijiet verifikati għas-sena qabel dik is-sena;

(a) is-sehem tal-perċentwali li jappartieni lil kontijiet amministrati minn Stat Membru partikolari fl-għadd u fil-volum tal-kwoti kollha u tranżazzjonijiet ta' trasferimenti ta' unitajiet ta' Kjoto fis-sena kalendarja preċedenti;

(b) is-sehem tal-perċentwal li jappartieni lil kontijiet amministrati minn Stat Membru partikolari fl-għadd u fil-volum tal-kwoti kollha u tranżazzjonijiet ta' trasferimenti ta' unitajiet ta' Kjoto fis-sena kalendarja preċedenti bejn kontijiet amministrati minn Stati Membri differenti.

4. L-EUTL għandu juri fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL l-informazzjoni li ġejja dwar kull tranżazzjoni kompluta rreġistrata mill-EUTL sat-30 ta' April ta' sena ddeterminata fl-1 ta' Mejju tliet snin wara.

(a) l-isem tad-detentur tal-kont u l-ID tad-detentur tal-kont ittrasferit;

(b) l-isem tad-detentur tal-kont u l-ID tad-detentur tal-kont ittrasferit;

▼M2

(c) l-ammont ta' kwoti jew ta' unitajiet ta' Kjoto involuti fit-tranżazzjoni, bil-kodiċi tal-pajjiż iżda mingħajr il-kodiċi uniku tal-identifikazzjoni tal-unità tal-kwoti u l-valur numeriku uniku tan-numru tas-serje tal-unitajiet ta' Kjoto;

▼B

(d) kodiċi ta' identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet;

(e) data u ħin li fihom tkun tlestiet it-tranżazzjoni (f'Ħin tal-Ewropa Ċentrali);

(f) it-tip tat-tranżazzjoni.

Informazzjoni disponibbli għal detenturi ta' kontijiet

5. Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jqiegħed għall-wiri fil-parti tal-websajt tar-Reġistru tal-Unjoni aċċessibbli biss mid-detentur ta' kont l-informazzjoni li ġejja, u għandu jaġġornaha f'ħin reali:

▼M2

(a) l-ammonti attwalment miżmuma ta' kwoti jew ta' unitajiet ta' Kjoto bil-kodiċi tal-pajjiż iżda mingħajr il-kodiċi uniku tal-identifikazzjoni tal-unità tal-kwoti u l-valur numeriku uniku tan-numru tas-serje tal-unitajiet ta' Kjoto;

▼B

(b) lista ta' tranżazzjonijiet proposti mibdijin minn dak id-detentur ta' kont, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni proposta;

(i) l-elementi fil-punt 4 ta' dan l-Anness;

(ii) id-data u l-ħin li fihom it-tranżazzjoni kienet proposta (f'Ħin tal-Ewropa Ċentrali);

(iii) l-istat attwali ta' dik it-tranżazzjoni proposta;

(iv) kull kodiċi ta' tweġiba mibgħuta b'riżultat tal-ispezzjonijiet magħmulin mir-Reġistru u mill-EUTL.

(c) lista ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto akkwistati minn dak il-kont b'riżultat ta' tranżazzjonijiet kompletati, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni tal-elementi fil-punt 4;

(d) lista ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto ttrasferiti minn dak il-kont b'riżultat ta' tranżazzjonijiet kompletati, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni tal-elementi fil-punt 4 ta' dan l-Anness.

Informazzjoni disponibbli għal amministraturi nazzjonali

6. Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jqiegħed għall-wiri fil-parti tal-websajt tar-Reġistru tal-Unjoni aċċessibbli biss minn amministraturi nazzjonali: detenturi ta' kontijiet u rappreżentanti awtorizzati li l-aċċess tagħhom għal kull kont fir-Reġistru tal-Unjoni kien sospiż minn kull amministratur nazzjonali skont l-Artikolu 34.

II. INFORMAZZJONI MARBUTA MAL-KONTABBILTÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET SKONT ID-DEĊIŻJONI NRU 406/2009/KE

Informazzjoni disponibbli għall-pubbliku

7. L-amministratur ċentrali għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni li ġejja għal kull kont, u jaġġornah fi żmien 24 siegħa fejn rilevanti:

(a) l-informazzjoni kollha indikata bħala "għall-wiri fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL" fit-Tabella III-I tal-Anness III;

(b) l-Allokazzjonijiet ta' Emissjonijiet Annwali kif iddeterminata skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE u wara kull aġġustament ulterjuri skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE;

(c) l-istat ta' kull Kont ta' Konformità tal-ESD skont l-Artikolu 10;

▼B

(d) l-għadd totali ta' ERUs, CERs, tCERs u lCERs użati skont l-Artikolu 81;

(e) id-dejta ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra rilevanti skont l-Artikolu 77;

(f) iċ-ċifra ta' stat tal-konformità skont l-Artikolu 79 għal kull Kont ta' Konformità tal-ESD, kif ġej:

(i) A għall-konformità,

(ii) I għan-nuqqas ta' konformità;

(g) il-kwantità ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mdaħħla skont l-Artikolu 80;

(h) l-informazzjoni li ġejja dwar kull tranżazzjoni kompluta rreġistrata mill-EUTL:

(i) l-isem tad-detentur tal-kont u l-ID tad-detentur tal-kont li qed jittrasferixxi;

(ii) l-isem tad-detentur tal-kont u l-ID tad-detentur tal-kont li qed jakkwista;

(iii) l-ammont ta' AEAs jew intitolamenti ta' kreditu involuti fit-tranżazzjoni, mingħajr il-kodiċi ta' identifikazzjoni unika tal-unità tal-AEA;

(iv) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni;

(v) id-data u l-ħin li fihom tkun tlestiet it-tranżazzjoni (f'Ħin tal-Ewropa Ċentrali);

(vi) it-tip tat-tranżazzjoni.

Informazzjoni disponibbli għal detenturi ta' kontijiet

8. Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu jqiegħed għall-wiri fiż-żona tal-websajt tar-Reġistru tal-Unjoni aċċessibbli biss mid-detentur ta' kont l-informazzjoni li ġejja, u għandu jaġġornaha f'ħin reali:

(a) depożiti kurrenti ta' AEAs, intitolamenti ta' kreditu u unitajiet ta' Kjoto, mingħajr il-kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità tal-AEAs u l-valur numeriku uniku tan-numru tas-serje tal- unitajiet ta' Kjoto;

(b) lista ta' tranżazzjonijiet proposti mibdijin minn dak id-detentur ta' kont, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni proposta;

(i) l-elementi fil-punt 7(f)(i) ta' dan l-Anness;

(ii) id-data u l-ħin li fihom it-tranżazzjoni ġiet proposta (f'Ħin tal-Ewropa Ċentrali);

(iii) l-istat attwali ta' dik it-tranżazzjoni proposta;

(iv) kull kodiċi ta' tweġiba mibgħuta b'riżultat tal-ispezzjonijiet magħmulin mir-reġistru u mill-EUTL;

(c) lista tal-AEAs, unitajiet ta' Kjoto u intitolamenti ta' kreditu akkwistati minn dak il-kont b'riżultat ta' tranżazzjonijiet kompletati, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni tal-elementi fil-punt 7(f)(i) ta' dan l-Anness;

(d) lista tal-AEAs u l-intitolamenti ta' kreditu akkwistati minn dak il-kont b'riżultat ta' tranżazzjonijiet kompletati, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni tal-elementi fil-punt 7(f)(i) ta' dan l-Anness.